IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.11.2015
COM(2015) 583 final

2015/0268 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2015) 255 final}
{SWD(2015) 256 final}

MT MT

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

Ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Prospett [1] hija pass importanti sabiex tinbena Unjoni tas-Swieq Kapitali. Il-prospett armonizzat tal-UE huwa l-"portal" għall-emittenti li jkunu jeħtieġu finanzi biex jiksbu aċċess għas-swieq kapitali Ewropej. Riforma tar-regoli tal-prospett kienet imħabbra fil-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa [2] bħala parti mit-tielet pilastru għat-titjib tal-ambjent tan-negozju u tirrappreżenta element ewlieni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali [3] jippreżenta programm komprensiv u ambizzjuż ta' miżuri għat-tisħiħ tar-rwol tal-finanzi bbażati fis-suq fl-ekonomija Ewropea.

Għan ewlieni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali huwa notevolment biex jiffaċilita l-ġbir ta' finanzjament mis-swieq kapitali. Is-swieq kapitali joffru aċċess għal sett wiesa' ta' fornituri ta' finanzjament u jipprovdu opportunità ta' ħruġ għall-ekwità u n-negozju ta' investituri privati, li jinvestu fil-kumpaniji fi stadju aktar bikri tal-iżvilupp tagħhom.

Il-prospetti huma dokumenti meħtieġa legalment li jippreżentaw informazzjoni dwar kumpanija. Din l-informazzjoni għandha l-għan li tkun il-bażi li fuqha l-investituri jistgħu jiddeċiedu jekk jinvestux fil-varjetà ta' titoli maħruġa mill-imsemmija kumpanija. Għalhekk huwa kruċjali li l-prospett ma jaġixxix bħala ostaklu żejjed biex ikun hemm aċċess għas-swieq pubbliċi biex jinġabar il-kapital. B'mod partikolari, l-SMEs jistgħu jkunu skoraġġuti milli joffru titoli lill-pubbliku sempliċement minħabba l-burokrazija involuta u l-ispejjeż għoljin imġarrba. Għandu jsir aktar faċli għall-kumpaniji biex jissodisfaw l-obbligi amministrattivi tagħhom, iżda b'mod li l-investituri għadhom jiġu infurmati tajjeb dwar il-prodotti li qed jinvestu fihom.

Għalkemm ir-reġim tal-prospett jiffunzjona tajjeb b'mod ġenerali, ċerti rekwiżiti tad-Direttiva dwar il-Prospett xorta jistgħu jittejbu sabiex jitħaffef il-piż amministrattiv għall-kumpaniji li jħejju prospett (speċjalment l-SMEs) u jagħmlu l-prospett għodda ta' informazzjoni aktar utli għall-investituri potenzjali. Aktar allinjament tar-regoli tal-prospett mar-regoli l-oħra ta' żvelar tal-UE (pereżempju, id-Direttiva dwar it-Trasparenza [4] u r-Regolament dwar dokumenti ta' informazzjoni ewlenin għall-prodotti bl-imnut u prodotti ta' investiment bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs) [5] jista' jtejjeb l-effiċjenza tal-prospett. Ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Prospett hija magħżula fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni dwar is-Swieq Kapitali bħala waħda mill-azzjonijiet bikrin u ta' prijorità għolja tagħha. Il-loġika predominanti tagħha huwa li jitnaqqas wieħed mill-ostakli regolatorji ewlenin li l-emittenti jiffaċċjaw meta joffru titoli ta' ekwità u t-titoli fuq id-dejn għall-pubbliku li jinvesti. Din il-proposta tikkontribwixxi għall-għan tal-valutazzjoni tal-acquis sabiex jiġu identifikati l-oqsma fejn jistgħu jiġu ssimplifikati r-regoli, jitnaqqsu l-piżijiet u jiġu ffrankati l-ispejjeż. Għal dik

---

[1] Id-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 345, 31.12.2003, p. 64).

[2] COM(2014) 903 finali.

[3] COM(2015) 468 finali.

[4] Id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE, ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38.

[5] Ir-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar id-dokumenti bl-informazzjoni ewlenija għall-prodotti aggregati ta' investiment bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs) (ĠU L 352, 9.12.2014, p. 1).

ir-raġuni, il-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni tibni fuq is-sejbiet ta' evalwazzjoni li tmexxiet fil-kuntest tal-Programm dwar l-Idoneità Regolatorja u l-Prestazzjoni (REFIT, COM (2014) 368).

Ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Prospett għandha għan sempliċi: li tipprovdi t-tipi kollha ta' emittenti b'regoli ta' żvelar li huma mfassla għall-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom filwaqt li tagħmel il-prospett għodda aktar rilevanti biex tinforma lill-investituri potenzjali. Bħala konsegwenza, il-proposta tpoġġi enfasi speċjali fuq erba' gruppi ta' emittenti: (1) emittenti li jkunu diġà elenkati f'suq regolat jew suq tat-tkabbir tal-SMEs, li jridu jiġbru aktar kapital; permezz ta' ħruġ sekondarju, (2) l-SMEs, (3) l-emittenti frekwenti ta' kull tip ta' titoli u (4) l-emittenti ta' titoli mingħajr ekwità. Beħsiebha wkoll tinċentiva aktar l-użu tal-"awtorizzazzjoni" transkonfinali għall-prospetti approvati, li kienet ġiet introdotta bid-Direttiva tal-Prospetti.

Il-miżuri proposti għandhom (i) inaqqsu l-piż amministrattiv tat-tfassil tal-prospett għall-emittenti kollha, b'mod partikolari għall-SMEs, l-emittenti frekwenti ta' titoli u ħruġ sekondarji; (ii) jagħmlu l-prospett għodda ta' żvelar aktar rilevanti għall-investituri potenzjali, speċjalment l-SMEs; u (iii) tinkiseb aktar konverġenza bejn il-prospett tal-UE u regoli oħra ta' żvelar tal-UE.

Ħruġ sekondarju

Emittenti li t-titoli tagħhom huma diġà elenkati f'suq regolat (il-kategorija tirrappreżenta madwar 70% tal-prospetti kollha approvati f'sena partikolari), jew is-suq tat-tkabbir tal-SMEs fil-futur, għandhom igawdu mill-benefiċċju ta' prospett imħaffef għall-ħruġ sekondarju tagħhom. Ir-regoli ta' żvelar minimi riformati għal ħruġ sekondarju huma mistennija li jnaqqsu l-ispiża biex jitħejjew il-prospetti u biex jagħmlu l-iżvelar li jirriżulta aktar rilevanti għall-investituri potenzjali.

Fuq l-SMEs

L-SMEs għandhom ukoll jiġu offruti l-għażla li jfasslu prospett magħmul apposta u distint meta dawn joffru titoli lill-pubbliku, li jiffokaw fuq informazzjoni li hija materjali u rilevanti għall-kumpaniji ta' dan id-daqs. Dan it-tip ta' prospett għandu madankollu ma jkunx disponibbli għall-SMEs li jidħlu għan-negozjar fi swieq regolati biex ikun evitat li jinħoloq standard ta' żvelar ta' żewġ livelli fi swieq regolati li jistgħu jnaqqsu l-kunfidenza tal-investitur. Barra minn hekk, format ġdid ta' "mistoqsija u risposta" fakultattiva huwa mistenni li jgħin lill-SMEs fit-tfassil tal-prospett tagħhom stess, u b'hekk jiffrankaw tariffi legali konsiderevoli.

Emittenti frekwenti

Id-"dokument tar-reġistrazzjoni universali" annwali previst għall-emittenti frekwenti għandu jirriżulta fi tnaqqis fl-ispejjeż għall-kumpaniji li beħsiebhom jirrikorru ta' spiss għas-swieq kapitali u jixtiequ li jkollhom dokument tar-reġistrazzjoni ta' referenza fis-seħħ li jkun approvat mill-awtorità kompetenti u li jippermettilhom li malajr jaħtfu l-opportunitajiet li jinġabar il-kapital. Ir-rikors għad-dokument tar-reġistrazzjoni universali propost hu intenzjonat li jqassar l-approvazzjonijiet tal-prospett, ladarba l-opportunità li jinġabar il-kapital tkun minn 10 ijiem li hemm fis-seħħ bħalissa għal 5 ijiem ta' xogħol.

Trattament tat-titoli mingħajr ekwità b'denominazzjoni għolja għal kull unità

Ibbażat fuq prova ppreżentata fil-valutazzjoni tal-impatt, it-trattament favorevoli mogħti mid-Direttiva tal-Prospett għal titoli mingħajr ekwità b'denominazzjoni ta' EUR 100 000 kull unità jew aktar wassal għal konsegwenzi mhux intenzjonati, li joħolqu distorsjonijiet fis-swieq tal-bonds Ewropej u jagħmlu sehem sinjifikanti ta' bonds maħruġa minn kumpaniji ta' grad ta' investiment bħala inaċċessibbli għal numru akbar ta' investituri. Ir-Regolament għaldaqstant ineħħi l-inċentivi biex joħorġu titoli ta' dejn f'denominazzjonijiet kbar bl-għan li jneħħi wieħed mill-ostakli identifikati għal-likwidità sekondarja fis-swieq tal-bonds Ewropej.

- **Konsistenza mal-politiki l-oħrajn tal-Unjoni**

Ir-riforma tal-prospett timmira li tikkumplimenta l-għanijiet tal- Unjoni tas-Swieq Kapitali biex tnaqqas il-frammentazzjoni fis-swieq finanzjarji, tiddiversifika s-sorsi ta' finanzjament u ssaħħaħ il-flussi kapitali transkonfinali. Prijorità ewlenija tal-Kummissjoni hija li tissaħħaħ l-Ewropa ekonomika u li tistimola l-investiment biex jinħolqu l-impjiegi. Swieq kapitali Ewropej aktar b'saħħithom huma parti importanti mir-rispons għal din l-isfida urġenti, peress li din tista' żżid il-volum tal-finanzi disponibbli u tmexxihom b'mod aktar effiċjenti għal opportunitajiet ta' investiment li jistħoqilhom madwar l-UE.

Minħabba li parti mill-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali tinsab fil-konvinzjoni li l-finanzi bbażati fuq suq kapitali, fil-forom kollha tagħha, - inklużi il-kapital ta' riskju, il-crowdfunding (ġbir ta' fondi mill-pubbliku) u l-industrija tal-ġestjoni tal-assi – jistgħu jipprovdu soluzzjonijiet ta' finanzjament għall-kumpaniji li jeħtieġu aktar kapital biex imexxu jew jespandu n-negozju tagħhom. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali għandu l-għan ukoll li jippermetti aktar investiment privat fi proġetti infrastrutturali, li joffri lill-investituri u dawk li jfaddlu opportunitajiet addizzjonali biex iħaddmu l-flus tagħhom b'mod aktar effettiv, u li jneħħi l-ostakoli għall-investiment transkonfinali.

L-Unjoni tas-Swieq Kapitali se taħdem għall-vantaġġ tat-28 Stat Membru kollha. Dawk l-Istati Membri bl-iżgħar swieq u potenzjal kbir ta' tkabbir għandhom ħafna x'jakkwistaw minn ġestjoni aħjar tal-kapital u l-investiment fil-proġetti tagħhom. Ekonomiji tas-suq aktar żviluppati se jibbenefikaw minn iktar investiment transkonfinali u għażliet ta' ffrankar. Taħlita ta' finanzjament aktar diversifikat se tipprovdi wkoll benefiċċji addizzjonali: se tappoġġja l-istabbiltà finanzjarja, u se tnaqqas id-dipendenza tas-settur tan-negozju u l-ekonomija usa' fuq is-self bankarju. Għal din ir-raġuni, l-Unjoni tas-Swieq Kapitali hija wkoll parti importanti mill-ħidma fuq it-tlestija tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja Ewropea.

Din ir-reviżjoni tista' tgħin ukoll biex jitħaffef l-involviment tal-investitur ma' titoli ta' ekwità u ta' dejn offruti pubblikament b'kalibrazzjoni mtejba tal-informazzjoni li tiġi pprovduta, u bl-iffukar fuq informazzjoni li hija rilevanti għall-formulazzjoni ta' valutazzjonijiet b'saħħithom tal-investitur dwar l-investiment propost.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti ta' politika fil-qasam ta' politika**

Id-Direttiva dwar il-Prospett tirregola l-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat. **L-għan oriġinali tad-Direttiva kien li jagħmilha aktar faċli u irħas għall-kumpaniji biex jinġabar il-kapital fl-Unjoni fuq il-bażi ta' approvazzjoni unika minn awtorità regolatorja ("awtorità kompetenti ta' domiċilju") fi Stat Membru wieħed biss.** Skont id-Direttiva, l-emittenti, l-offerenti jew il-persuni li jitolbu li jitħallew jidħlu għall-kummerċ f'suq regolat jistgħu "ipoġġu" l-prospetti tagħhom għall-offerti u l-elenkar transkonfinali.

Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni minima armonizzata għall-investituri billi jiġi garantit li l-prospetti kollha, kulfejn jiġu ppubblikati, ikollhom informazzjoni ċara, komprensiva u standardizzata li jkollhom bżonn biex jagħmlu deċiżjonijiet informati dwar l-investiment, id-

Direttiva dwar il-Prospetti hija komplementari għall-obbligi ta' rappurtar *ad hoc* li hemm fis-seħħ u li huma stabbiliti b'mod partikolari fid-Direttiva dwar it-Trasparenza u r-Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq [6]. In-natura kumplimentari tirriżulta mill-fatt li d-Direttiva dwar il-Prospett tikkonċerna biss ir-rekwiżiti ta' żvelar inizjali għal offerta pubblika jew ikkwotati f'suq regolat.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Il-bażi legali għall-azzjoni hija l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-għażla ta' din il-bażi legali tirrifletti l-irwol kruċjali li r-reġim ta' prospett armonizzat flimkien ma' opportunitajiet awtorizzati ta' investiment ikollhom fit-tħaddim tas-suq intern għall-kisba tal-ekwità u d-dejn.

Żvelar ta' informazzjoni f'każ ta' offerti ta' titoli lill-pubbliku jew l-ammissjoni ta' titoli għall-kummerċ f'suq regolat huwa vitali biex jipproteġu l-investituri billi jitneħħew l-assimetriji ta' informazzjoni bejniethom u l-emittenti. L-armonizzazzjoni ta' dan l-iżvelar jippermetti l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' passaport transkonfinali li jiffaċilita l-funzjonament effettiv tas-suq intern fil-varjetà wiesgħa ta' titoli. Metodi diverġenti jistgħu jirriżultaw fil-frammentazzjoni tas-suq intern peress li emittenti, offerenti u persuni li jitolbu għall-ammissjoni jkunu suġġetti għal regoli differenti fi Stati Membri differenti u prospetti approvati fi Stat Membru wieħed jistgħu ma jitħallewx jintużaw fi Stati Membri oħra. Fin-nuqqas ta' qafas armonizzat li jiżgura uniformità ta' żvelar u l-funzjonament ta' awtorizzazzjoni fl-Unjoni huwa għalhekk probabbli li d-differenzi fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri joħloqu ostakoli għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern għat-titoli. Għalhekk biex ikun żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern u sabiex jittejbu l-kundizzjonijiet tal-funzjonament tiegħu, b'mod partikolari fir-rigward tas-swieq kapitali, u biex jiġi ggarantit livell għoli ta' protezzjoni għall-investitur u l-konsumatur, huwa xieraq li jiġi stabbilit qafas regolatorju għall-prospetti fuq livell tal-Unjoni.

- **Sussidjarjetà**

Prospett armonizzat tal-UE huwa għodda essenzjali biex jiġu integrati s-swieq kapitali madwar l-Unjoni. Ladarba awtorità nazzjonali kompetenti tapprova prospett, l-emittent jista' jitlob għall-awtorizzazzjoni sabiex juża dan il-prospett fi Stat Membru ieħor tal-UE. L-ebda approvazzjoni ulterjuri jew proċedura amministrattiva relatata mal-prospett ma tkun meħtieġa f'dan l-Istat Membru ospitanti. Din l-awtorizzazzjoni topera fuq is-suppożizzjoni li l-kontenut minimu tal-prospett ikun armonizzat f'livell ta' UE bir-regoli tal-prospett applikabbli (ir-regoli bażiċi u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni).

Peress li l-passaport huwa għalhekk Ewropew fin-natura, kwalunkwe titjib jista' biss jiġi indirizzat fuq il-livell tal-UE. L-alternattivi possibbli, bħall-azzjoni fuq livell ta' Stat Membru) ma setgħux jiksbu l-għanijiet b'mod suffiċjenti u effettiv biex joħloqu l-bażi armonizzata għall-"awtorizzazzjoni" tal-prospetti.

Ir-razzjonalizzazzjoni tal-aspetti msemmija hawn fuq tal-prospett tal-UE hija mistennija li twassal għal kundizzjonijiet aktar ekwi għall-emittenti u l-investituri b'mod simili u għandha tikkontribwixxi sabiex ikun evitat l-arbitraġġ regolatorju. Ir-riformi proposti jagħtu sinjal ċar

[6] **Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (ir-regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li tħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (ĠU L 173, 2014/06/12, p. 1).**

u konsistenti madwar l-UE li r-reġim tal-prospett ħadem tajjeb anke matul il-kriżi finanzjarja, iżda jeħtieġ isir titjib biex jinħoloq suq verament uniku għal dawk il-gruppi fil-mira li qatt ma jkunu bbenefikaw minn titjib sħiħ ta' reġim tal-prospett armonizzat (l-SMEs, l-emittenti frekwenti u/jew sekondarji). Li l-prospett isir aktar aċċessibbli għall-SMEs u għall-emittenti frekwenti jista' jwassal biex dawn japprofondixxu l-fondi tal-kapital pan-Ewropew disponibbli għal dawn l-emittenti. Fil-każ tal-SMEs, dan jinvolvi t-tfassil ta' reġim ta' prospett distint li l-kontenut u l-format tiegħu jkunu adattati kemm għall-emittenti kif ukoll għall-investituri. Dan il-għan jikkostitwixxi pilastru ewlieni li jistabbilixxi Unjoni ta' Swieq Kapitali. Dawn l-objettivi ma jistgħux jintlaħqu mill-Istati Membri waħedhom u jistgħu jinkisbu aħjar mill-Unjoni.

- **ċ) Proporzjonalità**

Meta jitqies kollox, l-għażliet magħżula huma mfassla biex inaqqsu l-piż tal-konformità għall-gruppi fil-mira li ġejjin: L-SMEs, l-emittenti sekondarji, l-emittenti frekwenti, l-emittenti ta' titoli mingħajr ekwità.

Dawn il-gruppi kollha huma mistennija li jibbenefikaw mir-riformi proposti fi gradi li jvarjaw.

Il-valutazzjoni tal-impatt fiha stimi inizjali dwar iffrankar tal-ispejjeż, ibbażati fuq suppożizzjonijiet fattwali u realistiċi dwar l-"issuktar" tad-dokument tar-reġistrazzjoni universali u ż-żewġ reġimi ta' żvelar proposti għall-SMEs u għall-emittenti sekondarji rispettivament.

Fuq l-SMEs

Sakemm dawn ma jkunux ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, l-SMEs li jixtiequ jiġbru l-kapital permezz ta' offerta pubblika se jibbenefikaw minn regoli ta' żvelar ġodda, inklużi format ġdid ta' "mistoqsija u risposta", li għandhom inaqqsu l-ispiża għat-tħejjija tal-prospett. Iffrankar addizzjonali huwa mistenni għal dawk l-SMEs li huma elenkati f'suq regolat jew f'suq tat-tkabbir tal-SMEs, peress li huma se jibbenefikaw mir-reġim ta' żvelar imtaffi li japplika għall-ħruġ sekondarju (ara hawn taħt). Ir-rikors għall-iskema l-ġdida ta' żvelar għall-SMEs jista', skont l-istimi approssimattivi, jirriżulta li l-SMEs kollettivament jiġbru madwar 45 miljun fis-sena.

Ħruġ sekondarju

Id-dejta pprovduta mill-Istati Membri tindika li madwar 70% tal-prospetti kollha approvati f'sena ta' referenza partikolari jappartjenu għal ħruġ sekondarju ta' titoli mill-kumpaniji diġà approvati għall-kummerċ f'suq regolat jew faċilità tan-negozjar multilaterali. Bl-estrapolazzjoni mid-dejta disponibbli dwar il-prospetti ta' ekwità, madwar 700 prospett fis-sena għandhom jibbenefikaw mir-reġim ta' żvelar imtaffi għall-ħruġ sekondarji. Ċifri fuq l-ispiża tat-tfassil ta' prospett kif derivat mill-konsultazzjoni pubblika jindikaw li dan jista' jissarraf f'iffrankar ta' madwar 130 miljun fis-sena.

Emittenti frekwenti

Rikors miżjud għad-dokument tar-reġistrazzjoni universali propost għall-prospetti ta' ekwità u ta' mingħajr ekwità jista' jwassal għal approvazzjonijiet aktar mgħaġġla tal-prospett, li b'hekk jiżdied in-numru ta' prospetti approvati kull sena f'inqas minn 10 ijiem ta' xogħol b'150% (ekwità) u 70% (mingħajr ekwità) .

Emittenti tad-dejn

Rekwiżit ta' prospett uniformi għall-ħruġ ta' bonds, minkejja d-daqsijiet tad-denominazzjoni, jipprovdi inċentiv għall-emittenti kollha tad-dejn biex jagħżlu d-daqsijiet tad-denominazzjoni

li jagħmlu l-bonds tagħhom aktar attraenti għal firxa usa' ta' investituri. Firxa usa' ta' investituri hija, imbagħad, mistennija li żżid il-bejgħ u x-xiri ta' interessi f'bonds, u b'hekk tiżdied il-likwidità tas-swieq tal-bonds korporattivi fl-UE.

Investituri

Li l-prospetti jsiru aktar faċli għall-qarrej u mmirati għas-sitwazzjoni speċifika tal-emittent għandu l-vantaġġ doppju ta' tnaqqis fl-ispiża u ż-żieda fir-rilevanza tal-prospett għall-investituri potenzjali. L-iffukar mill-ġdid tal-fatturi ta' riskju ta' prospett fuq dawk ir-riskji li jkunu importanti u speċifiċi jgħin lill-investituri biex jiddistingwu l-informazzjoni li hija essenzjali għat-teħid ta' deċiżjoni infurmata dwar l-investiment.

Il-vantaġġi li jirriżultaw mir-riforma tas-sommarju tal-prospett u l-introduzzjoni ta' database li jippermetti t-tfittxija għal prospetti huma aktar diffiċli li jiġu kkwantifikati: il-valutazzjoni tal-impatt tiddependi fuq valutazzjoni aktar kwalitattiva f'dawn l-aspetti. Madankollu, il-loġika għal riforma tas-sommarju tal-prospett tibni fuq il-ħidma li diġà saret fil-kuntest tad-dokument ta' informazzjoni essenzjali għall-prodotti ta' investiment offruti.

L-awtoritajiet nazzjonali u l-ESMA

Il-mitigazzjonijiet proposti m'għandhomx jagħtu spejjeż rilevanti għall-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali. Għall-kuntrarju, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jibbenefikaw mis-simplifikazzjonijiet tal-prospett għaliex dan ukoll jirrendi l-proċess tal-approvazzjoni għall-prospetti aktar faċli.

Li l-prospetti kollha tkun tista' tfittixhom onlajn fuq il-websajt tal-ESMA jista' jwassal għal spejjeż inkrementali relatati mal-IT għall-ESMA. Dawn l-ispejjeż jidhru ġġustifikati meta mqabbla mal-benefiċċji sinjifikanti fl-ispejjeż aktar baxxi tat-tiftix u l-aċċess ċentralizzat u faċli li jista' jirriżulta għall-investituri u l-investituri potenzjali interessati fil-varjetà wiesgħa ta' titoli maħruġa fl-UE.

Spejjeż ta' konformità għall-emittenti

L-għażla tar-riformulazzjoni li tieħu l-forma ta' Regolament m'għandhiex ikollha impatt rilevanti fuq l-ispejjeż ta' konformità għall-emittenti u l-ispejjeż ta' infurzar għall-awtoritajiet kompetenti. L-impatt tal-miżuri proposti fuq l-ispejjeż tal-konformità u l-ispejjeż tal-infurzar jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej.

Ir-reġimi ġodda ta' żvelar għall-ħruġ sekondarju u l-SMEs għandhom kemm jirriżultaw fi spejjeż ta' konformità aktar baxxi għall-emittenti kif ukoll biex inaqqsu l-volum tax-xogħol tal-awtoritajiet kompetenti peress li inqas informazzjoni se jkollha tiġi żvelata u skrutinizzata. Dan it-tnaqqis fl-ispejjeż għandu japplika ferm aktar għall-emittenti li ma jibbenefikawx minn dawn ir-reġimi s'issa, iżda se jsiru eliġibbli fil-futur. Madankollu, jista' jkun hemm ċertu spejjeż għal dawk l-emittenti li qed jużaw l-iskedi attwali peress li jista' jkollhom jiffamiljarizzaw ruħhom mar-regoli l-ġodda.

Il-partijiet interessati li jkunu qed jiffaċċjaw spejjeż ta' konformità ogħla jistgħu jkunu emittenti li bħalissa qed jibbenefikaw mill-eżenzjoni tal-prospett u l-mitigazzjonijiet għal offerti ta' titoli mingħajr ekwità b'denominazzjonijiet ta' EUR 100 000 jew aktar. Dawk minnhom li ma jistgħux jagħmlu użu minn kwalunkwe eżenzjoni oħra jkollhom jippreparaw prospett jew taħt ir-reġim ġenerali, ir-reġim tal-prospett bażi jew l-iskema ta' żvelar speċifiku għall-ħruġ sekondarji, fejn applikabbli.

It-trasformazzjoni tas-sommarju tal-prospett f'dokument simili għad-dokument ta' informazzjoni ewlieni għall-investitur ifisser ukoll tnaqqis konsiderevoli fl-ispejjeż ta' konformità peress li s-sommarju jkun ħafna inqas estensiv, u għalhekk irħas biex tipproduċi. Barra minn hekk, fejn it-titoli jaqgħu fl-ambitu kemm ta' dan ir-Regolament u r-Regolament

(UE) Nru 1286/2014, l-użu mill-ġdid sħiħ tal-kontenut tad-dokument ta' informazzjoni ewlenija għandhom ikunu awtorizzati fis-sommarju sabiex jiġu minimizzati l-ispejjeż ta' konformità u l-piż amministrattiv għall-emittenti.

- **Għażla tal-istrument**

Id-Direttiva dwar il-Prospett tal-2003, anke wara r-riforma tal-2010, wasslet għal għadd ta' każijiet fejn l-implimentazzjoni eteroġenja tad-Direttiva dwar il-Prospetti kienet osservata f'xi Stati Membri. It-trasformazzjoni tad-Direttiva dwar il-Prospett f'Regolament tindirizza dawn il-problemi li tipikament jinqalgħu fit-traspożizzjoni ta' Direttiva u għandha ttejjeb il-koerenza u l-integrazzjoni fis-suq intern, filwaqt li tnaqqas regoli diverġenti u frammentati madwar l-Unjoni, b'koerenza mal-għanijiet tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali.

Ktieb tar-regoli uniku għandu jelimina wkoll il-problema li anki diverġenzi relattivament żgħar bejn il-liġijiet nazzjonali jkunu jeħtieġu li l-emittenti u l-investituri interessati jżidu jew jinvestu fil-kapital bejn il-fruntieri biex iqabblu r-regoli nazzjonali ħalli jiżguraw li dawn ikunu kompletament mifhuma u jikkonformaw mal-liġijiet rilevanti. Bl-użu ta' Regolament tali spejjeż tat-tiftix li ma jkunux produttivi jistgħu jiġu evitati. L-adattament tal-liġijiet nazzjonali li ttrasponew id-Direttiva dwar il-Prospett attwali għar-Regolament propost għandu jiġi ffaċilitat mill-fatt li l-miżuri ta' implimentazzjoni li hemm bħalissa diġà jieħdu l-forma ta' Regolament. Għalhekk, l-għażla ppreferuta hija li tittrasforma d-Direttiva dwar il-Prospett f'Regolament.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST,* TAL-KONSULTAZZJONIJIET TAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/il-kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Id-Direttiva tal-Prospett ġiet inkluża fil-programm REFIT tal-Kummissjoni Ewropea. Aktar dettalji dwar din l-evalwazzjoni tista' tinstab fit-taqsima "idoneità u simplifikazzjoni Regolatorja" hawn taħt.

- **Konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati**

Il-prinċipji ta' Regolamentazzjoni Aħjar kif deskritt fil-Linji gwida dwar Regolazzjoni Aħjar (SWD (2015) 111 finali) u t-toolbox korrispondenti ġew segwiti permezz tat-twettiq ta' konsultazzjoni pubblika minn 18 ta' Frar sat-13 ta' Mejju 2015. Waslu total ta' 182 risposta, li minnhom 124 risposta ġew minn organizzazzjonijiet (assoċjazzjonijiet) u kumpaniji (banek, boroż, pjattaformi ta' crowd-funding), 22 risposta ġew mill-awtoritajiet pubbliċi (l-Istati Membri, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-ESMA) u 36 risposta minn individwi privati. Fuq bażi ta' pajjiż, 21% tar-risposti oriġinaw mill-Ġermanja (38 risposta), 21% mir-Renju Unit (37), 11% minn Franza (20), 9.5% mill-Belġju (17), u l-bqija kienu maqsuma fost l-Istati Membri l-oħrajn.

Matul il-konsultazzjonijiet il-partijiet interessati fil-biċċa l-kbira appoġġaw ir-reviżjoni u l-għażliet proposti. L-għan ġenerali li l-prospett jitħaffef minn informazzjoni bla bżonn u ripetittiva għall-emittenti frekwenti, għall-ħruġ sekondarji u għall-SMEs kien kondiviż mill-partijiet interessati kollha, inklużi l-Istati Membri. L-iżvilupp ta' forma ġdida ta' prospett sommarju skont il-mudell tad-dokument ta' informazzjoni essenzjali u mekkaniżmu ċentralizzat ta' ħażna tal-ESMA għall-prospetti kien ukoll approvat mill-komunità tal-partijiet interessati.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-valutazzjoni tal-impatt tanalizza bosta alternattivi ta' politika biex jinkisbu l-għanijiet doppji ta' tnaqqis fil-piż amministrattiv għall-kumpaniji li jħejju prospett (speċjalment l-SMEs) u li jagħmlu l-prospett bħala għodda ta' informazzjoni aktar utli għall-investituri potenzjali. Din tevalwa wkoll il-kwistjoni ta' kif għandha tiġi approfondita l-bażi tal-investitur għall-ħruġ mhux azzjonarji (daqsijiet ta' denominazzjoni).

It-tabella t'hawn taħt tiġbor fil-qosor id-diversi miżuri ta' tħaffif u miżuri ta' protezzjoni tal-investitur magħżula kif ukoll l-impatt tagħhom fuq il-partijiet interessati rilevanti u fuq is-suq globali li fih joperaw dawn l-atturi.

Alternattivi ta' politika ppreferuti	Impatt tal-ispejjeż fuq il-partijiet interessati	Impatt fuq is-swieq/setturi rilevanti
Tiġi ffissata għal EUR 10 miljun il-konsiderazzjoni tal-offerta massima li taħtha l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jissoġġettawx offerti domestiċi għar-rekwiżiti ta' prospett tal-UE.	Madwar 100 prospett (xi 3% tal-prospetti annwali approvati) jistgħu ma jibqgħux obbligati li jfasslu prospett tal-UE, skont l-għażla tal-Istati Membri.	L-iffrankar fl-infiq jiddependi fuq jekk l-Istati Membri jeżentawx l-offerti lokali b'ammont totali ta' inqas minn EUR 10 miljun.
Reġim ta' żvelar imħaffef għall-ħruġ sekondarju	Potenzjal sinjifikanti ħafna tas-suq peress li madwar 70% tal-prospetti tal-ekwità kollha approvati annwalment jikkonċernaw "ħruġ sekondarju", li jfisser li jistgħu jibbenefikaw madwar 700 minn 935 prospett tal-ekwità. L-iffrankar annwali ġenerali huwa stmat għal madwar 130 miljun.	L-impatt fuq is-swieq għall-ishma: iż-żieda fil-ħruġ sekondarju tiffaċilita t-tkattir tal-kapital tal-ekwità wara offerti pubbliċi inizjali b'suċċess, pilastru importanti għall-isforz kontinwu biex tinbena Unjoni tas-Swieq Kapitali.
Jiżdied il-limitu ta' dilwizzjoni għall-eżenzjoni mill-prospett f'każ ta' ammissjoni għall-kummerċ (Artikolu 1 (4)(a))	L-iffrankar fl-infiq sa 1 miljun għal kull prospett f'każ ta' ammissjoni ta' inqas minn 20% tat-titoli pendenti.	Impatt fuq is-swieq tal-ekwità: Iż-żieda fil-ħruġ sekondarju jiffaċilita l-ġbir tal-kapital ta' ekwità f'konformità mal-Unjoni tas-Swieq Kapitali.
Dokument tar-reġistrazzjoni universali għall-emittenti frekwenti fis-swieq regolati jew faċilitajiet tal-kummerċ multilaterali	Potenzjal sinjifikanti tas-suq hekk kif bħalissa 20% biss tal-prospetti tal-ekwità u 32% tal-prospetti mingħajr ekwità (esklużi prospetti bażi) jibbenefikaw minn perjodi ta' approvazzjoni ta' inqas minn 10 ijiem. Jekk jitqies l-eżempju ta' Franza, fejn sistema simili ilha fis-seħħ għal kważi għoxrin sena, id-dokument tar-reġistrazzjoni universali jista' jżid dan il-perċentwal għal 50% għall-ekwità	L-approvazzjoni mgħaġġla ġġib benefiċċji lill-emittenti frekwenti tat-titoli ta' ekwità u mingħajr ekwità. Il-ħin ta' approvazzjoni ta' prospett imnaqqas ta' 5 ijiem iwassal biex jiġu ffrankati l-ispejjeż u biex l-emittenti frekwenti jisfruttaw opportunitajiet fis-suq biex iżidu l-kapital jew id-dejn.

Alternattivi ta' politika ppreferuti	Impatt tal-ispejjeż fuq il-partijiet interessati	Impatt fuq is-swieq/setturi rilevanti
	(= 370 prospetti ta' ekwità/sena fl-UE) u 55% (= 838 prospett/sena għal ħruġ mhux azzjonarju madwar l-UE).	
Prospett uniformi għat-titoli mingħajr ekwità maħruġa fi swieq regolati (l-abolizzjoni tar-reġim doppja tal-bejgħ bl-ingrossa / imnut)	Żjieda żgħira tirriżulta mill-ħtieġa li jiġi żviluppat prospett ta' ammissjoni inkluż sommarju għat-titoli mingħajr ekwità. Iż-żieda tista' tittaffa b'mod xieraq fit-tfassil tal-mudell uniformi tal-prospett ta' titoli mhux azzjonarji fl-atti delegati.	Denominazzjonijiet aktar baxxi jirriżultaw f'aktar xiri u bejgħ ta' interessi li jsaħħu l-likwidità u l-bażi għall-investituri fis-swieq tal-bonds tal-UE. L-investituri jibbenefikaw mid-diversifikazzjoni tal-portafolli.
Tneħħija tal-eżenzjoni ta' EUR 100 000 għal offerti ta' titoli mingħajr ekwità lill-pubbliku	Iż-żjieda li tirriżulta mill-ħtieġa li jiġi prodott prospett ta' offerta pubblika għal titoli mingħajr ekwità. X'aktarx li jiġu kkumpensati mid-disponibbiltà ta' eżenzjonijiet oħra (investituri kwalifikati / impenn minimu ta' EUR 100 000). Ibbilanċjat mal-benefiċċju ta' suq ikbar għall-bonds korporattivi.	Denominazzjonijiet aktar baxxi jirriżultaw f'aktar xiri u bejgħ ta' interessi li jsaħħu l-likwidità fl-UE fir-rigward ta' faċilitajiet multilaterali ta' kummerċ. Benefiċċju għall-investitur minn diversifikazzjoni tal-portafolli.
Skema ta' żvelar speċifiku għall-SMEs	Potenzjalment 320 prospett ta' SMEs se jibbenefikaw mill-prospett il-ġdid "għall-SMEs" li jirriżulta fi ffrankar annwali mistenni ta' madwar 45 miljun. Jista' jkun hemm iffrankar addizzjonali minn dak indikat hawn fuq jekk il-format tal-"mistoqsija u risposta" jidħol fis-seħħ.	Bi prospett "għall-SMEs" li jkun irħas u aktar faċli biex jintuża, aktar SMEs jkunu jistgħu jaċċessaw faċilitajiet ta' kummerċ multilaterali / swieq tat-tkabbir tal-SMEs. L-aċċess miżjud għall-SMEs jiffaċilita d-diversifikazzjoni tal-portafoll tal-investitur.
Sommarju tal-prospett ġdid wara d-dokument ta' informazzjoni prinċipali	L-emittenti ta' ekwità u mingħajr ekwità jibbenefikaw mill-flessibbiltà biex jabbozzaw narrativi qosra u jiġbru informazzjoni mill-prospett taħt intestaturi aċċessibbli. L-emittenti jibbenefikaw ukoll billi jerġgħu jużaw il-kontenut ta' dokument ta' informazzjoni prinċipali eżistenti fis-sommarju tal-prospett.	L-investituri bl-imnut jibbenefikaw milt-tfassil mill-ġdid tas-sommarju b'limitu massimu ta' paġni. Intestaturi predeterminati/faċli għall-utent ispirati mid-dokument ta' informazzjoni prinċipali jippermettu li jsir paragun faċli ta' opportunitajiet ta' investiment.
Pubblikazzjoni elettronika (mekkaniżmu ta' ħażna ċentralizzata fl-ESMA)	Punt ta' aċċess uniku jiffaċilita r-riċerka, l-infurzar u jżid l-effiċjenza għall-awtorizzazzjoni tal-prospett.	Għodda essenzjali għall-aċċess onlajn għall-prospetti tippermetti l-komparabbiltà u t-trawwim tal-għanijiet tal-

Alternattivi ta' politika ppreferuti	Impatt tal-ispejjeż fuq il-partijiet interessati	Impatt fuq is-swieq/setturi rilevanti
		Unjoni tas-Swieq Kapitali.

Bosta mill-għażliet preferuti jikkumplimentaw lil xulxin. Pereżempju, id-dokument tar-reġistrazzjoni universali għall-emittenti frekwenti huwa kumplimentari għall-prospett imħaffef għall-ħruġ sekondarju, u ż-żewġ għażliet flimkien jistgħu jwasslu għall-iffrankar li ma jinqabadx mill-analiżi f'din il-valutazzjoni tal-impatt (li tħares lejn iż-żewġ għażliet b'mod iżolat). Bl-istess mod, minħabba n-natura transversali tiegħu, is-sommarju tal-prospett fil-forma ta' dokument ta' informazzjoni essenzjali mtejjeb għandu jsaħħaħ iż-żewġ reġimi speċifiċi u speċjalment dak għall-SMEs: pereżempju, SME tista' tikseb aċċess f'suq tat-tkabbir tal-SMEs li jkun qed igawdi mill-benefiċċju kumulattiv ta' prospett f'għamla ta' "mistoqsija u risposta" li, imbagħad, fih ukoll il-dokument tat-tagħrif ewlieni msaħħaħ.

Barra minn hekk, milll-inizjattiva trażversali li tikkonċerna daqsijiet ta' denominazzjoni għal titoli mingħajr ekwità għandhom jibbenefikaw l-emittenti kollha grazzi għal suq sekondarju aktar profond u aktar fluwidu għad-dejn korporattiv. Għal darb'oħra, l-SMEs u l-emittenti frekwenti jibbenefikaw minn sommarju fil-forma ta' dokument imsaħħaħ ta' informazzjoni prinċipali, ir-reġimi ta' żvelar speċifiku rispettivi tagħhom u l-abolizzjoni tal-inċentivi biex joħorġu titoli mingħajr ekwità f'denominazzjoni kbira ta' EUR 100 000 jew iżjed.

Il-valutazzjoni tal-impatt għalhekk tikkonkludi li l-"pakkett" propost għandu jirriżulta fi tnaqqis fil-piż amministrattiv għall-emittenti, se jagħmel l-aċċess għas-swieq kapitali għall-SMEs eħfef u irħas u jtejjeb il-protezzjoni tal-investitur billi tittejjeb l-adegwatezza tad-dokumenti ta' żvelar u finalment tikber l-għażla ta' titoli bbażati fuq prospett. Dan għandu mbagħad jissarraf f'aktar integrazzjoni tas-swieq kapitali fl-Unjoni fil-forma ta' aktar garanziji bbażati fuq il-prospett li jiġi offrut b'mod transkonfinali u bi trasparenza u komparabbiltà akbar.

Għandu jiġi nnutat, madankollu, li d-Direttiva dwar il-Prospett tkopri biss frazzjoni tal-istrumenti finanzjarji nnegozjati fl-Unjoni u hija element wieħed biss fost ħafna li jinfluwenzaw it-tħaddim tas-swieq kapitali. Il-miżuri proposti għandhom għalhekk jitqiesu fil-kuntest tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali usa' li din tagħmel parti minnu.

- **Idoneità u simplifikazzjoni regolatorja**

F'Ġunju 2014 id-Direttiva dwar il-Prospett ġiet inkluża fil-programm REFIT (COM (2014) 368). L-inklużjoni fil-programm REFIT kienet iġġustifikata peress li l-partijiet interessati kienu esprimew tħassib dwar l-ispejjeż għoljin biex iħejju l-prospett u jiksbu l-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti.

Il-valutazzjoni tad-Direttiva saret fl-2015 biex tiżgura li r-riżultati jkunu disponibbli fil-ħin għar-rappurtar dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva li l-Kummissjoni Ewropea għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2016 (Artikolu 4 tad-Direttiva 2010/73/UE). Din il-valutazzjoni teżamina l-effettività, l-effiċjenza, il-koerenza, ir-rilevanza u l-valur miżjud tad-Direttiva. Tidher bħala anness għall-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni u l-konklużjonijiet tagħha huma kif ġej.

Meta d-Direttiva 2003/71/KE ġiet adottata fl-2003, din issostitwiet żewġ direttivi dwar l-elenkar ta' dettalji (1980) u prospetti (1989), li kienu jiffaċċjaw kritika qawwija mill-partijiet interessati minħabba li dawn kienu jippermettu prattiki li jvarjaw ħafna madwar l-Unjoni u kienu bbażati fuq sistema ta' għarfien reċiproku b'diskrezzjoni sinjifikanti f'idejn l-

awtoritajiet tal-Istat Membru ospitanti (inkluż, pereżempju, dik li tobbliga t-traduzzjoni fil-lingwi uffiċjali tal-prospett kollu fl-Istat Membru ospitanti).

Bil-maqlub, id-Direttiva dwar il-Prospett tista' tiġi mfaħħra għaliex tiffaċilita l-ġbir tal-kapital bejn il-fruntieri fl-Ewropa, grazzi għall-applikazzjoni tal-prinċipju ta' "passaport uniku" li jimplika li sett wieħed biss ta' dokumenti ta' żvelar jista' jiġi approvat mill-awtorità tal-pajjiż domestiku u aċċettat fl-UE kollha għall-offerta pubblika u/jew ammissjoni għall-kummerċ fis-swieq irregolati. Il-kontribuzzjoni tad-Direttiva dwar il-Prospett għall-bini ta' suq tat-titoli uniku Ewropew għalhekk ma tistax tiġi sottovalutata u tista' titqies bħala punt kruċjali f'dan ir-rigward.

Sadattant, ir-reviżjoni tal-2010 ġustament identifikat numru ta' nuqqasijiet fid-Direttiva 2003/71/KE, li jaffettwaw iċ-ċarezza legali ta' xi wħud mill-kunċetti tagħha u jimminaw l-effiċjenza tagħha fl-istabbiliment tal-bilanċ ġust bejn l-effiċjenza tas-suq (oqsma ta' piż regolatorju eċċessiv) u tal-investituri (il-kwalità, il-leġġibbiltà u l-materjalità tal-iżvelar). Id-Direttiva 2010/73/UE introduċiet tibdiliet immirati biex dawn jiġu indirizzati.

Tliet snin wara li d-Direttiva 2010/73/UE daħlet fis-seħħ, id-dejta statistika u r-reazzjonijiet tal-partijiet interessati jissuġġerixxu li d-dijanjożi magħmula matul ir-reviżjoni preċedenti għadha valida ħafna sal-lum. Tabilħaqq, jidher li t-tendenzi identifikati dakinhar (il-propsett kien użat bħala "tarka ta' responsabbiltà", l-investituri bl-imnut li jevitaw il-prospetti u s-sommarji tagħhom, l-iskalar mhux xieraq tar-rekwiżiti ta' żvelar bejn offerti pubbliċi inizjali u ħruġ sekondarju) komplew, forsi minħabba r-rimedji proposti mid-Direttiva emendatorja jew ma pproduċietx ir-riżultati mistennija (is-sommarju tal-prospett) jew ma kinux ambizzjużi biżżejjed (reġimi ta' żvelar proporzjonali), jew għaliex id-Direttiva 2010/73/UE ma kienx fiha miżuri biex tindirizzahom.

Fid-dawl tan-nuqqasijiet identifikati f'din il-valutazzjoni, huwa xieraq li din id-Direttiva dwar il-Prospett tiġi riveduta b'mod sħiħ. B'mod partikolari, fir-rigward tal-emendi mwettqa mir-reviżjoni tal-2010, huwa xieraq li r-"reġimi proporzjonati ta' żvelar" u s-sommarju tal-prospett jerġgħu jiġu indirizzati mill-ġdid (għall-SMEs u small caps u għal kwistjonijiet li jirrigwardaw id-drittijiet) peress li l-emendi introdotti bid-Direttiva 2010/73/UE ma laħqux l-għanijiet tagħhom.

- **Drittijiet fundamentali**

Miżuri leġiżlattivi futuri dwar ir-reġim tal-prospett, inklużi sanzjonijiet xierqa, jeħtieġ li jkunu konformi mad-drittijiet fundamentali rilevanti inkorporati fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, u għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-miżuri leġiżlattivi. Il-protezzjoni tad-dejta personali biss (Artikolu 8), il-libertà li wieħed imexxi negozju (Art. 16) u l-protezzjoni tal-konsumatur (Art. 38) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE huma sa ċertu punt rilevanti. Il-limitazzjonijiet fuq dawn id-drittijiet u l-libertajiet huma awtorizzati taħt l-Artikolu 52 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. L-għanijiet kif definiti hawn fuq huma konsistenti mal-obbligi tal-UE li tirrispetta d-drittijiet fundamentali. Madankollu, għandha tiġi pprovduta kwalunkwe limitazzjoni fl-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet u l-libertajiet previsti mil-liġi u għandha tirrispetta l-essenza ta' dawn id-drittijiet u l-libertajiet. Suġġett għall-prinċipju tal-proporzjonalità, jistgħu jsiru limitazzjonijiet biss fejn ikun meħtieġ u jekk dawn ġenwinament jilħqu l-għanijiet ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet tal-oħrajn.

Fil-każ tal-leġiżlazzjoni relatata mal-prospett, l-għan ta' interess ġenerali li jiġġustifika ċerti limitazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali huwa l-għan li jiġi żgurat integrità tas-suq. Il-libertà ta' intrapriża tista' tiġi milquta mill-ħtieġa li jsegwu ċerti obbligi ta' żvelar, approvazzjoni u ħażna sabiex jiġi żgurat l-allinjament tal-interessi fil-katina ta' investiment u biex jiġi żgurat li

l-investituri potenzjali jaġixxu b'mod prudenti. Rigward il-protezzjoni tad-dejta personali, l-iżvelar ta' ċerta informazzjoni fil-prospett huwa meħtieġ sabiex jiġi żgurat li l-investituri jkunu jistgħu jadottaw id-diliġenza dovuta tagħhom. Madankollu, qed ikun osservat li bħalissa dawn id-dispożizzjonijiet diġà huma implimentati fil-liġi tal-UE. L-azzjonijiet leġiżlattivi proposti kollha jissalvagwardjaw il-proporzjonalità fir-rigward tal-limitazzjoni tad-drittijiet fundamentali.

Fi kliem ieħor, l-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jibbilanċja minn naħa waħda l-kompromess bejn l-iżgurar tal-protezzjoni tal-investitur u l-limitazzjoni tal-piż amministrattiv għall-emittenti u min-naħa l-oħra il-kompromess bejn it-trawwim tas-suq intern għall-kapital u l-Unjoni tas-Suq Kapitali u l-preservazzjoni ta' flessibbiltà biżżejjed għas-swieq nazzjonali u lokali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta se jkollha implikazzjonijiet baġitarji għall-ESMA f'żewġ aspetti: min-naħa waħda l-ESMA se jkollha tipprepara standards tekniċi regolatorji u implimentattivi u min-naħa l-oħra se jkollha taġġorna r-reġistru tal-prospetti eżistenti tagħha u tittrasformah f'mekkaniżmu ta' ħażna onlajn ma' għodda ta' tiftix li jintuża miċ-ċittadini bla ħlas għall-aċċess u sabiex iqabblu l-prospetti tal-UE minn post wieħed. Barra minn hekk, id-dejta miġbura fil-mekkaniżmu ta' ħażna se tippermetti lill-ESMA biex tistabbilixxi statistika dettaljata fuq il-prospetti approvati fl-UE u sabiex tfassal rapport annwali.

L-implikazzjonijiet speċifiċi baġitarji għall-ESMA huma evalwati fid-dikjarazzjoni finanzjarja li takkumpanja din il-proposta.

Il-proposta għandha implikazzjonijiet għall-baġit Komunitarju fil-forma ta' sehem tal-Kummissjoni ta' erbgħin fil-mija tal-finanzjament tal-ESMA.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet għall-implimentazzjoni u l-metodi ta' monitoraġġ , ta' evalwazzjoni u ta' rappurtar**

Il-monitoraġġ tal-impatt tar-Regolament il-ġdid se jitwettaq f'kooperazzjoni mal-ESMA u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fuq il-bażi tar-rapporti annwali dwar il-prospetti approvati fl-Unjoni li l-ESMA se tipproduċi kull sena. B'mod partikolari, dawn ir-rapporti se jżommu rekord ta' kemm ir-reġimi ta' żvelar għall-SMEs, il-ħruġ sekondarju u d-dokument tar-reġistrazzjoni universali għall-emittenti frekwenti se jintużaw fl-Unjoni kollha.

Ir-regoli tal-prospett riveduti se jiġu evalwati ħames snin wara li dawn jidħlu fis-seħħ. L-iskrutinju bir-reqqa għandu jiżvela jekk l-għanijiet iddikjarati ntlaħqux. Il-parametri ewlenin biex ikejlu l-kisba tal-għanijiet imsemmija se jkunu:

– in-numru ta' prospetti approvati kull sena skont iż-żewġ regoli ta' żvelar għall-ħruġ sekondarji u għall-SMEs; is-suċċess se jitkejjel mal-istimi tal-adozzjoni (*take-up*) kif stabbilit hawn fuq u fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanjah;

– in-numru ta' prospetti li bbenefikaw mid-dokument tar-reġistrazzjoni universali kif deskritt hawn fuq biex jiksbu approvazzjoni mgħaġġla;

– it-tnaqqis globali fil-perjodi ta' approvazzjoni li jirriżulta mill-introduzzjoni ta' dokument tar-reġistrazzjoni universali;

– is-sehem ta’ investituri bl-imnut fost l-investituri fil-ħruġ ta’ dejn mhux azzjonarju (il-kejl tas-suċċess huwa t-tnaqqis fid-daqsijiet tad-denominazzjoni għall-ħruġ mhux azzjonarju);

– l-ispiża biex jitħejja u jkun hemm prospett approvat meta mqabbel mal-ispejjeż attwali;

– is-sehem tal-prospetti li ġew awtorizzati fi Stati Membri oħra.

Id-dejta tal-input għall-kejl t’hawn fuq se tinġieb primarjament mill-ESMA (inklużi r-rapporti annwali msemmija qabel) u ċ-ċentri tan-negozjar. Se jkollu jsir studju jew stħarriġ sabiex tinġabar il-formazzjoni fuq l-ispiża tal-preparazzjoni u li jkun hemm prospett approvat meta mqabbel mal-ispejjeż attwali.

• **Spjega dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-għan tal-obbligu tal-prospetti (Artikoli 1, 3 u 4)

Artikolu 1 tal-Proposta jikkonsolida l-artikoli kollha fid-Direttiva dwar il-Prospett preżenti li jappartjenu għar-rekwiżit tal-prospett. B'mod partikolari, l-Artikolu 1 (3) u (4) jistabbilixxi numru ta’ ċirkustanzi li fihom offerta ta’ titoli lill-pubbliku jew l-ammissjoni ta’ titoli għall-kummerċ f’suq regolat tkun barra mill-ambitu tar-rekwiżit li jiġi ppubblikat prospett.

Filwaqt li ħafna mid-dispożizzjonijiet dwar l-ambitu ma jinbidlux, il-Proposta tistabbilixxi limiti ġodda fl-Artikolu 1 (3)(d) u l-Artikolu 3 (2), ta’ “EUR 500 000” u "EUR 10 000 000" rispettivament, b’mod li tiġi żgurata ċ-ċarezza legali.

Skont id-Direttiva 2003/71/KE, ir-rekwiżit tal-prospett japplika għall-offerti ta’ titoli b’ammont totali ta’ EUR 5 000 000 jew aktar, u l-Istati Membri huma liberi li jistabbilixxu r-regoli nazzjonali tagħhom taħt dak l-ammont (attwalment 17-il Stat Membru jeħtieġu prospett taħt il-limitu ta’ EUR 5 000 000). Artikolu 1(3)(d) jipprovdi li l-ebda prospett m’hu meħtieġ skont dan ir-Regolament għall-offerti ta’ titoli b’korrispettiv taħt l-EUR 500 000. Dan jirrikonoxxi li l-ispiża għall-produzzjoni ta’ prospett hija sproporzjonata fir-rigward tal-qligħ previst jekk offerta ta’ titoli għall-pubbliku jkollha kunsiderazzjoni taħt EUR 500 000, kif inhu tipikament il-każ li jirrigwarda pjattaformi ta’ crowd-funding bbażati fuq titoli. Iż-żjieda fil-firxa ta’ offerti żgħar fejn il-prospett armonizzat stabbilit minn dan ir-Regolament ma japplikax se, madankollu, tipprekludi lill-Istati Membri milli jeħtieġu forom xierqa ta’ żvelar għal daqsijiet ta’ ħruġ bħal dawn, sakemm l-Istati Membri jikkalibraw dawn ir-rekwiżiti b’mod proporzjonat, f’konformità mal-ispirtu ta’ simplifikazzjoni u l-integrazzjoni aħjar tas-swieq.

Filwaqt li l-Artikolu 3 jikkjarifika li l-pubblikazzjoni minn qabel ta’ prospett hija obbligatorja għall-offerta ta’ titoli lill-pubbliku u l-ammissjoni tat-titoli għall-kummerċ f’suq regolat li jkun jopera fl-Unjoni, il-paragrafu 2 tiegħu jistabbilixxi mekkaniżmu ta’ eżenzjoni fakultattiva fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri. L-Istati Membri jingħataw l-għażla li jeżentaw mill-prospett armonizzat stabbilit b’dan ir-Regolament l-offerti kollha ta’ titoli b’korrispettiv totali bejn EUR 500 000 u għal ammont li ma jistax jaqbeż l-EUR 10 000 000. Din l-eżenzjoni tapplika biss għal offerti lokali li għalihom ma tintalab l-ebda notifika ta’ passaport lill-Istati Membri ospitanti. Dawk l-Istati Membri li jagħżlu li japplikaw din l-eżenzjoni fil-ġurisdizzjoni tagħhom se jirrappurtaw hekk lill-Kummissjoni u lill-ESMA u jindikaw l-kunsiderazzjoni massima ta’ offerti lokali li huma eżentati mill-prospett fil-ġurisdizzjoni tagħhom.

Definizzjonijiet (l-Artikolu 2)

Il-bidla ewlenija fil-qasam tad-definizzjonijiet hija d-definizzjoni ta' SMEs, li issa tinkludi kemm l-SMEs definiti taħt il-punt (f) tal-Artikolu 2 (1) tad-Direttiva 2003/71/KE u l-SMEs definiti taħt id-Direttiva 2014/65/UE, u b'hekk iżżid għal EUR 200 miljun l-limitu ta' EUR 100 miljun li qabel kien definit bħala "kumpaniji b'kapitalizzazzjoni tas-suq imnaqqsa" skont il-punt (t) tal-Artikolu 2 (1) tad-Direttiva 2003/71/KE.

Prospetti volontarji (Artikolu 4)

Artikolu 4 jippermetti li emittenti jagħżlu l-prospett tal-UE. L-approvazzjoni ta' tali prospett "volontarju" mill-awtorità kompetenti se tinvolvi l-istess drittijiet u obbligi daqs prospett mitlub taħt dan ir-Regolament, jiġifieri, li jagħmel l-emittent eliġibbli għall-passaport tal-UE.

Bejgħ mill-ġdid sussegwenti ta' titoli / "kaskata bl-imnut" (Artikolu 5)

F'ċerti swieq, it-titoli jiġu distribwiti skont "kaskata bl-imnut". kaskata bl-imnut tipikament isseħħ meta titoli jiġu mibjugħa lill-investituri (għajr l-investituri kwalifikati) minn intermedjarji u mhux direttament mill-emittent. Artikolu 5 jiċċara kif ir-rekwiżit li jiġi żviluppat u aġġornat prospett, u d-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà, għandhom japplikaw meta titoli jiġu mqiegħda mill-emittent ma' intermedjarji finanzjarji u sussegwentement, fuq perjodu li jista' jiġġebbed għal ħafna xhur u jiġu mibjugħa lill-investituri bl-imnut, possibilment permezz ta' livell wieħed jew aktar ta' intermedjarji. Prospett validu, imfassal mill-emittent jew l-offerent u li jkun disponibbli għall-pubbliku fit-tpoġġija finali tat-titoli permezz ta' intermedjarji finanzjarji jew fi kwalunkwe bejgħ mill-ġdid sussegwenti ta' titoli, għandu jipprovdi informazzjoni biżżejjed għall-investituri biex jieħdu deċiżjonijiet ta' investiment informati. Għalhekk, l-intermedjarji finanzjarji fejn jitqiegħdu jew sussegwentement jinbiegħu mill-ġdid it-titoli għandhom ikunu intitolati li joqgħodu fuq il-prospett inizjali ppubblikat mill-emittent jew l-offerent sakemm dan ikun validu u supplimentat kif xieraq u l-emittent jew l-offerent responsabbli mit-tfassil ta' tali prospett jawtorizza l-użu tiegħu. F'dan il-każ ma jkun meħtieġ l-ebda prospett ieħor. Madankollu, f'każ li l-emittent jew l-offerent responsabbli mit-tfassil ta' tali prospett inizjali ma jaqbilx mal-użu tiegħu, l-intermedjarju finanzjarju għandu jkun meħtieġ jippubblika prospett ġdid. L-intermedjarju finanzjarju jista' juża l-prospett inizjali billi jinkorpora l-partijiet rilevanti b'referenza fil-prospett il-ġdid tiegħu.

Is-sommarju tal-prospett (Artikolu 7)

L-Artikolu 7 jikkunsidra l-fehmiet espressi fil-konsultazzjoni pubblika li l-format tas-sommarju introdott bid-Direttiva tal-emenda 2010/73/UE ma jilaħqx l-għanijiet tagħha. Is-sommarju ġdid issa huwa mudellat ħafna fuq id-dokument ta' informazzjoni prinċipali meħtieġ bir-Regolament PRIIPS u huwa soġġett għal tul massimu ta' 6 naħat ta' paġna ta' daqs A4 meta tiġi stampata (għandhom jintużaw karattri ta' daqs leġibbli) Ir-reġim tar-responsabbiltà tas-sommarju, stabbilit fl-Artikolu 11 (2), ma jinbidilx meta mqabbel mad-Direttiva 2003/71/KE: ir-responsabbiltà tapplika biss jekk is-sommarju ikun ta' żgwida, żbaljat jew inkonsistenti meta jinqara flimkien mal-partijiet l-oħra tal-prospett. Wara t-taqsima tas-soltu li jkun fiha t-twissijiet, hemm tliet taqsimiet ewlenin fis-sommarju, li jkopru l-informazzjoni ewlenija fuq l-emittent, is-sigurtà u l-offerta / id-dħul rispettivament. Għal kull waħda minnhom, ġew introdotti intestaturi ġenerali, kif ukoll l-indikazzjonijiet dwar il-kontenut tagħhom, iżda l-emittenti għandhom id-diskrezzjoni li jiżviluppaw narrattivi qosra u jagħżlu l-informazzjoni li hija materjali. Għal titoli li jaqgħu taħt l-ambitu tar-Regolament PRIIPS, l-emittent jista' jissostitwixxi t-taqsima "titoli" tas-sommarju mal-kontenut tad-dokument ta' informazzjoni prinċipali. Il-flessibbiltà fin-numru massimu ta' paġni tas-sommarju tiġri f'każ li s-sommarju jkopri numru ta' titoli li jvarjaw biss f'xi dettalji limitati ħafna. Il-projbizzjoni li tinkorpora tagħrif b'referenza fil-qosor, li bħalissa hija stabbilita fl-

Artikolu 11 (1) tad-Direttiva 2003/71/KE qed tinżamm sabiex jiġi evitat li s-sommarju isir sempliċiment kollezzjoni ta' hyperlinks u referenzi inkroċjati.

Il-prospett bażi (Artikolu 8)

Artikolu 8 għandu l-għan li jikkjarifika l-funzjonament tal-prospett bażi, li jibqa' ġeneralment mhux mibdul meta mqabbel mad-Direttiva 2003/71/KE, ħlief għall-punti li ġejjin. Issa jista' jitfassal prospett ġenerali għal kull tip ta' titoli mingħajr ekwità, mhux biss għal dawk maħruġa taħt programm ta' offerti jew b'mod kontinwu u ripetut mill-istituzzjonijiet ta' kreditu. Prospetti bażi li jikkonsistu f'diversi dokumenti (l-hekk imsejjaħ "prospett tripartitiku") issa huma possibbli, u d-dokument tar-reġistrazzjoni ta' prospett bażi jista' jieħu l-forma ta' dokument ta' reġistrazzjoni universali. L-obbligu li tfassal sommarju tal-prospett bażi, meta t-termini finali ma jkunux inklużi fih, tneħħa b'tali mod li jkun meħtieġ biss is-sommarju "speċifiku għall-kwistjoni" li jrid jiġi prodott u anness mat-termini finali, meta dawn jiġu ddepożitati. L-Artikolu 8 (10) jiċċara kif "offerti transżonali" għandhom jiġu ttrattati taħt prospett bażi, jiġifieri każijiet fejn l-offerta tibda taħt prospett bażi wieħed u tissokta taħt prospett ġenerali ġdid u sussegwenti.

Id-dokument tar-reġistrazzjoni universali (Artikolu 9)

L-Artikolu 9 (li għandu jinqara flimkien mal-Artikoli 10 (2), 11 (3), 13 (2) u 19 (5)) fih regoli dettaljati dwar id-"dokument tar-reġistrazzjoni universali" ġdid, mekkaniżmu ta' reġistrazzjoni fakultattiv għall-"emittenti frekwenti" li jidħlu fil-kummerċ fi swieq regolati jew f'faċilitajiet ta' kummerċ multilaterali. Din il-karatteristika ġdida tar-reġim tal-prospett hija bbażata fuq il-premessa li fejn emittent jagħmel sforz li kull sena jfassal dokument tar-reġistrazzjoni komplut, dan għandu jingħata l-approvazzjoni rapida mill-awtorità kompetenti, meta il-prospett ikun meħtieġ aktar tard. Peress li l-parti kostitwenti prinċipali tal-prospett jew diġà ġiet approvata jew hija diġà disponibbli għal reviżjoni mill-awtorità kompetenti, l-awtorità kompetenti għandha tkun f'pożizzjoni li teżamina d-dokumenti li jifdal (in-nota tat-titoli u s-sommarju) fi żmien 5 ijiem ta' xogħol, minflok 10. Barra minn hekk, barra mill-kuntest ta' offerta jew ammissjoni għall-kummerċ, l-emittent frekwenti għandu jitħalla li jippreżenta dokument tar-reġistrazzjoni universali tiegħu, mingħajr l-approvazzjoni minn qabel, sakemm tliet dokumenti tar-reġistrazzjoni universali jkunu ġew approvati qabel konsekuttivament. L-awtorità kompetenti tista' imbagħad tikkontrollaha fuq bażi *ex-post*.

Il-mitigazzjonijiet mogħtija lill-emittenti frekwenti li jużaw dokument tar-reġistrazzjoni universali tippromwovi t-tfassil tal-prospetti bħala dokumenti separati, li huwa kost-effettiv u inqas ta' piż għall-emittenti u jippermettilhom jirreaġixxu malajr għall-opportunitajiet tas-suq. Id-dokument tar-reġistrazzjoni universali għandu wkoll iservi bħala sors ta' referenza konsolidat u strutturat tajjeb għall-emittent, li jforni lill-investituri u l-analisti bl-informazzjoni minima meħtieġa biex jagħmlu ġudizzju infurmat dwar in-negozju tal-kumpanija, il-pożizzjoni finanzjarja, il-qligħ u l-prospetti, il-governanza u l-parteċipazzjoni, anke fejn ma tkun seħħet l-ebda offerta lill-pubbliku u lanqas ammissjoni ta' titoli għall-kummerċ f'suq regolat. Għal dak il-għan, l-Artikolu 9 (12) jippermetti li emittenti frekwenti li jidħlu fin-negozjar f'suq regolat, taħt ċerti kundizzjonijiet, ikunu jistgħu jissodisfaw l-obbligu ta' żvelar kontinwu tagħhom taħt id-Direttiva dwar it-Trasparenza bl-integrazzjoni tar-rapporti finanzjarji annwali u ta' nofs is-sena tagħhom fid-dokument tar-reġistrazzjoni universali. Dan il-metodu effiċjenti ta' "tnejn f'wieħed" hu maħsub sabiex jiġu evitati rekwiżiti doppji, biex jittaffew il-piżijiet bla bżonn u jikkonċentraw l-informazzjoni li l-investituri jkunu jeħtieġu f'dokument wieħed li jiġi aġġornat mill-inqas kull sena.

L-Artikoli 9 u 10 (2) jinkorporaw ukoll regoli dettaljati fuq l-amministrazzjoni prattika tad-dokument ta' reġistrazzjoni universali. Dawn jiċċaraw liema dokumenti għandhom jiġu approvati f'każ li d-dokument tar-reġistrazzjoni universali ikun ġie approvat jew iddepożitat

mingħajr l-approvazzjoni, u jiddeskrivu l-proċess għall-emendar tad-dokument tar-reġistrazzjoni universali, li ssegwi metodu differenti mill-proċess biex jiġi supplimentat prospett (peress li m'hemm ebda offerta pubblika u lanqas ammissjoni għall-kummerċ, sakemm id-dokument tar-reġistrazzjoni universali jsir parti minn prospett).

L-atti delegati għandhom jistabbilixxu l-kontenut ta' informazzjoni minima tad-dokument ta' reġistrazzjoni universali, inkluż l-iskeda speċifika għall-istituzzjonijiet ta' kreditu, li għandha tkun simili għall-Annessi I jew XI tar-Regolament implimentattiv (KE) Nru 809/2004 li hemm fis-seħħ.

Reġimi ta' żvelar speċifiku (Artikoli 14 u 15)

Il-proposta fiha żewġ settijiet ta' regoli ta' żvelar speċifiku, waħda għall-ħruġ sekondarju u l-oħra għall-SMEs. Dawn ir-regoli speċifiċi tal-iżvelar huma fakultattivi. Dawn jissostitwixxu r-"reġimi ta' żvelar proporzjonat" għall-kwistjonijiet marbuta ma' drittijiet u l-SMEs li kienu ġew introdotti bid-Direttiva ta' emenda 2010/73/UE, li ma kisbux l-objettivi tagħhom, kif spjegat fil-valutazzjoni tal-impatt.

Ir-reġim imtaffi għall-ħruġ sekondarju se japplika għall-offerti jew ammissjonijiet li jikkonċernaw it-titoli maħruġa minn kumpaniji li daħlu diġà fil-kummerċ f'suq regolat jew fis-suq tat-tkabbir tal-SMEs għal mill-inqas 18-il xahar. Kumpaniji bħal dawn huma għalhekk suġġetti għar-rekwiżiti ta' żvelar li għadhom fis-seħħ skont ir-Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq u jew id-Direttiva dwar it-Trasparenza jew ir-regoli tal- operatur tas-suq tat-tkabbir tal-SMEs kif previst fid-Direttiva 2014 / 65/UE u fil-miżuri implimentattivi tagħha. Il-prospett imħaffef se jkun fih biss l-informazzjoni finanzjarja minima li tkopri l-aħħar sena finanzjarja biss (li tista' tkun inkorporata b'referenza). Xorta waħda, l-investituri jeħtieġu li jingħataw informazzjoni kkonsolidata u strutturata tajjeb fuq dawn l-elementi bħal-termini tal-offerta, l-użu tad-dħul, il-fatturi tar-riskju, il-prattiċi tal-bord, ir-rimunerazzjoni tad-diretturi, l-istruttura tal-ishma jew it-tranżazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-partijiet. Bħala tali, l-informazzjoni bħalissa mhix meħtieġa li tkun żvelata fuq bażi kontinwa skont ir-Regolament (UE) 596/2014 u d-Direttiva 2004/109/KE. Il-prospett imfassal fil-każ ta' ħruġ sekondarju se jkollu bżonn jinkludihom.

Ir-reġim speċifiku għall-SMEs se jippermetti li dawn il-kumpaniji jħejju prospett distint fil-każ ta' offerta ta' titoli lill-pubbliku bil-kundizzjoni li dawn ma jkollhom l-ebda titoli mdaħħla fil-kummerċ f'suq regolat. Għal tali kumpaniji, l-iskedi tal-prospett (li se jkunu mfassla bid-dettalji permezz ta' atti delegati) se jiffokaw fuq l-informazzjoni li hija materjali u rilevanti għall-kumpaniji ta' dan id-daqs u se jiġi segwit metodu minn isfel għal fuq sabiex jiġu żviluppati l-iskedi l-ġodda ta' informazzjoni . Meta mqabbel mal-Annessi XXV sa XXVIII eżistenti tar-Regolament (KE) Nru 809/2004, se jiġu introdotti aktar mitigazzjonijiet, sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità bejn id-daqs tal-kumpanija u l-ispiża tal-produzzjoni tal-prospett.

Artikolu 15 jintroduċi wkoll format fakultattiv għall-prospett għall-SMEs fil-forma ta' dokument informattiv ta' "mistoqsija u risposta", li se jiġi imfassal bid-dettalji kollha permezz ta' atti delegati. L-ESMA se jkollha s-setgħa li tiżviluppa linji gwida li għandhom jgħinu lill-SMEs sabiex ifasslu prospett skont dak il-format.

B'mod simili għall-ħtiġiet minimi kollha ta' żvelar taħt ir-reġim tal-prospett, l-atti delegati se jiġu adottati biex jispeċifikaw l-informazzjoni ridotta li għandha tkun inkluża fid-dokument tar-reġistrazzjoni simplifikat u fin-nota tat-titoli.

Trattament tat-titoli mingħajr ekwità ta' denominazzjoni għolja għal kull unità (Artikoli 1 u 13)

Id-denominazzjoni ta’ EUR 100 000 bħalissa qed tintuża fid-Direttiva 2003/71/KE biex jiġi identifikat l-iżvelar bl-ingrossa. Din tikkawża wkoll l-eżenzjoni tal-prospett għal offerti ta’ titoli mingħajr ekwità. Dan il-limitu, li oriġinarjament kien maħsub bħala protezzjoni għall-konsumatur, ipoġġi l-bonds lil hinn mill-kapaċitajiet ta’ investituri bl-imnut, peress li l-emittenti ġeneralment ifittxu l-għażla inqas għalja biex jagħtu l-informazzjoni dwar it-tip bl-ingrossa. Peress li ħafna emittenti bi grad ta’ investiment jistgħu jiġbru l-fondi li jeħtieġu minn investituri istituzzjonali, hemm ftit li xejn inċentiv għalihom biex joffru bonds f’daqsijiet iżgħar. Madankollu, dan jista’ jfisser li l-investituri mhux istituzzjonali jista’ jkollhom aċċess għal grupp iżgħar u/jew riskjuż aktar ta’ investimenti potenzjali, u huma anqas probabbli li jkollhom portafoll diversifikat sew ta’ titoli.

Fuq il-bażi tal-evidenza ppreżentata fil-valutazzjoni tal-impatt, it-trattament favorevoli mogħti mid-Direttiva dwar il-Prospetti għal titoli mingħajr ekwità b’denominazzjoni kull unità ta’ EUR 100 000 jew aktar seta’ wassal għal konsegwenzi mhux intenzjonati, il-ħolqien ta' distorsjonijiet fis-swieq tal-bonds Ewropej u jagħmel sehem sinjifikanti ta’ bonds maħruġa minn emittenti korporattivi ta’ grad ta’ investiment mhux aċċessibbli għall-firxa usa’ ta’ investituri potenzjali.

Il-proposta għalhekk tneħħi l-inċentivi biex joħorġu titoli ta’ dejn f’denominazzjonijiet kbar, li bħalissa jidhru fl-Artikoli 3(2)(d) u 7(2)(b) tad-Direttiva 2003/71/KE. Għal titoli mingħajr ekwità imdaħħla għall-kummerċ f’suq regolat, l-istandard doppju ta’ żvelar (bl-imnut / bl-ingrossa) għalhekk jitneħħa u mudell ta’ prospett unifikat se jiġi definit permezz ta’ atti ddelegati, li jieħu l-annessi ta’ żvelar bl-ingrossa eżistenti tar-Regolament (KE) Nru 809/2004 (Annessi IX u XIII) bħala punt tat-tluq u jżid biss l-informazzjoni meħtieġa għall-protezzjoni tal-investitur bl-imnut. Barra minn hekk, l-eżenzjoni tal-prospett tal-Artikolu 3 (2)(d) tad-Direttiva 2003/71/KE għall-offerti ta’ titoli b’denominazzjoni ta’ aktar minn minn EUR 100 000 qed titneħħa. L-emittenti li joffru t-titoli mingħajr ekwità biss lil investituri kwalifikati jew li jeħtieġu impenn minimu ta' EUR 100 000 għal kull investitur xorta se jibbenefikaw mill-eżenzjoni tal-prospett. Permezz tal-emendi msemmija hawn fuq, il-proposta hija intiża li telimina wieħed mill-ostakli identifikati għal-likwidità sekondarja fis-swieq tal-*bonds*.

Fatturi ta’ riskju (Artikolu 16)

L-Artikolu 16 jipprovdi li l-fatturi ta’ riskju biss li jkunu importanti u speċifiċi għall-emittent u t-titoli tiegħu għandhom jissemmew fil-prospett. L-għan huwa li titrażżan it-tendenza li l-prospett jitgħabba ż-żejjed b’fatturi ta’ riskju ġeneriċi li joskuraw il-fatturi ta’ riskju aktar speċifiċi li l-investituri għandhom ikunu konxji minnhom, u jservu biss biex jipproteġu lill-emittent jew lill-konsulenti tiegħu mir-responsabbiltà. Għal dan il-għan, l-emittent ikun meħtieġ jalloka l-fatturi ta’ riskju f’żewġ jew tliet kategoriji bbażati fuq il-materjalità. L-ESMA għandha s-setgħa li tiżviluppa linji gwida dwar il-qasam.

Inkorporazzjoni b’referenza (Artikolu 18)

L-ambitu tad-dokumenti li l-informazzjoni tagħhom tista' tkun inkorporata b’referenza fi prospett imkabbar, bil-kundizzjoni li l-informazzjoni tiġi ppubblikata elettronikament u tikkonforma mar-reġim tal-lingwa tal-Artikolu 25. Lista ta’ dokumenti hija stipulata fl-Artikolu 18 u l-ESMA għandha s-setgħa li tiżviluppa abbozzi ta’ standards tekniċi regolatorji biex tikkompleta l-lista ta’ dokumenti meħtieġa skont il-liġi tal-Unjoni. Il-lista proposta tkopri dokumenti ddepożitati jew approvati mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta’ domiċilju skont dan ir-Regolament kif ukoll informazzjoni regolata. Din tippermetti wkoll li kumpaniji li ma jaqgħux fi ħdan l-ambitu tad-Direttiva dwar it-Trasparenza (eż. kumpaniji li t-titoli tagħhom huma negozjati f’faċilità tan-negozjar multilaterali) jew li huma eżentati minn uħud mill-ħtiġiet tar-rekwiżiti tagħha (eż. emittenti li jkollhom biss titoli ta’ debitu mdaħħla fil-kummerċ f’suq regolat, li d-denominazzjoni għal kull unità tagħhom tkun tal-inqas EUR 100

000) ikunu jistgħu jinkorporaw b'referenza, b'mod sħiħ jew parzjali, l-informazzjoni finanzjarja annwali u interim kif ukoll ir-rapporti ta' ġestjoni tagħhom.

Pubblikazzjoni tal-prospett (Artikolu 20)

Tnejn mill-għażliet previsti skont id-Direttiva 2003/71/KE għall-pubblikazzjoni ta' prospett approvat (jiġifieri l-inseriment f'gazzetta u l-prospett stampat disponibbli fl-uffiċċji tal-emittent) tneħħew billi tqiesu li li huma fil-biċċa l-kbira skaduti. Madankollu, l-obbligu li tiġi pprovduta kopja stampata b'xejn lil kulmin jitlobha qed tinżamm (Artikolu 20 (10)). Ir-responsabbiltà tal-pubblikazzjoni tal-prospett hija tal-emittent, l-offerent jew il-persuna li titlob l-ammissjoni fil-kummerċ, kif inhu l-każ bħalissa skont id-Direttiva 2003/71/KE. Il-prospett għandu jitqies disponibbli għall-pubbliku meta ppubblikat f'forma elettronika jew fuq il-websajt tal-emittent, l-offerent jew il-persuna li titlob l-ammissjoni (jew, jekk applikabbli, tal-intermedjarji finanzjarji li jqiegħdu jew ibiegħu t-titoli) jew fuq il-websajt tas-suq irregolat fejn tkun issuktata l-ammissjoni għall-kummerċ, jew tal-operatur tal-faċilità tal-kummerċ multilaterali. L-ESMA se tiżviluppa mekkaniżmu ta' ħażna onlajn ma' għodda ta' tiftix li l-investituri tal-UE jistgħu jużaw mingħajr ħlas. Konsegwentement, kull meta l-awtoritajiet kompetenti jibagħtu lill-ESMA l-verżjoni elettronika ta' kull prospett approvat, huma għandhom ukoll jibagħtu sett ta' metadejta (pereżempju it-tip ta' emittent, it-tip ta' sigurtà, it-tip ta' post tan-negozjar, il-konsiderazzjoni tal-offerta, it-tip tal-ħruġ: tal-bidu jew sekondarju, eċċ) li għandu jippermetti l-indiċjar tal-prospetti fuq il-websajt tal-ESMA. Id-dejta miġbura fil-mekkaniżmu tal-ħażna għandha tippermetti li l-ESMA tistabbilixxi statistika dettaljata dwar il-prospetti approvati fl-UE u tfassal rapport annwali li għandu jkun granulari biżżejjed li jiġu identifikati x-xejriet u jipprovdi evidenza dwar l-effetti tar-riformi introdotti b'din il-Proposta (Artikolu 45).

Miżuri u sanzjonijiet amministrattivi (l-Artikoli 36 sa 41)

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-sanzjonijiet[7] ikkonfermat li "l-iżgurar tal-applikazzjoni xierqa tar-regoli tal-UE huwa l-ewwel u qabel kollox il-kompitu tal-awtoritajiet nazzjonali, li għandhom ir-responsabbiltà li ma jħallux lill-istituzzjonijiet finanzjarji jiksru r-regoli tal-UE, u jissanzjonaw il-vjolazzjonijiet fil-ġurisdizzjoni tagħhom", iżda fl-istess ħin enfasizzat il-mod koordinat u integrat li bih għandhom jaġixxu l-awtoritajiet nazzjonali.

F'konformità mal-Komunikazzjoni u wara inizjattivi l-oħra fil-livell tal-UE fis-settur finanzjarju, din il-proposta fiha dispożizzjonijiet dwar is-sanzjonijiet u l-miżuri mmirati biex jintroduċu metodu armonizzat għas-sanzjonijiet sabiex tiġi żgurata l-konsistenza. Huwa importanti li s-sanzjonijiet u l-miżuri amministrattivi jiġu applikati fejn id-dispożizzjonijiet ewlenin ta' din il-proposta ma jiġux segwiti u li dawk is-sanzjonijiet u l-miżuri jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

[7] Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Rinfurzar tar-reġimi tas-sanzjonar fis-settur tas-servizzi finanzjarji', tat-8 ta' Diċembru 2010 (COM(2010) 716 finali).

2015/0268 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[8]

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[9],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi pass essenzjali lejn it-tlestija tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali kif stipulat fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u il-Kumitat tar-Reġjuni, intitolat "Pjan ta' Azzjoni dwar il-Bini ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali" tat-30 ta' Settembru 2015. L-għan tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali huwa li jgħin lin-negozji jisfruttaw aktar sorsi differenti ta' kapital minn kullimkien fi ħdan l-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il-quddiem "l-Unjoni"), li s-swieq jaħdmu b'mod aktar effiċjenti u joffru lill-investituri u lil dawk li jfaddlu opportunitajiet addizzjonali biex ipoġġu l-flus tagħhom biex joperaw, sabiex jissaħħaħ it-tkabbir u joħolqu l-impjiegi.

(2) Id-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tistabbilixi l-prinċipji u r-regoli armonizzati dwar il-prospett li għandu jiġi mfassal, approvat u ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat. Minħabba l-iżviluppi leġiżlattivi u tas-suq mid-dħul fis-seħħ tagħha, dik id-Direttiva għandha tiġi ssostitwita.

(3) L-iżvelar tal-informazzjoni f'każ ta' offerti ta' titoli lill-pubbliku jew l-ammissjoni ta' titoli għall-kummerċ f'suq regolat huwa vitali biex jipproteġi lill-investituri billi jitneħħew l-assimetriji ta' informazzjoni li jeżistu bejniethom u l-emittenti. L-armonizzazzjoni ta' dan l-iżvelar jippermetti l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' passaport transkonfinali li jiffaċilita l-funzjonament effettiv tas-suq intern fil-varjetà wiesgħa ta' titoli.

8 [ĠU C , , p.].
9 [ĠU C , , p.].

(4) Metodi diverġenti jistgħu jirriżultaw fil-frammentazzjoni tas-suq intern peress li emittenti, offerenti u persuni li jitolbu għall-ammissjoni jkunu suġġetti għal regoli differenti fi Stati Membri differenti u prospetti approvati fi Stat Membru wieħed jistgħu ma jitħallewx jintużaw fi Stati Membri oħra. Fin-nuqqas ta' qafas armonizzat li jiżgura l-uniformità ta' żvelar u l-funzjonament tal-passaport fl-Unjoni huwa għalhekk probabbli li d-differenzi fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri joħolqu ostakoli għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern għat-titoli. Għalhekk, sabiex ikun żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern u jittejbu l-kundizzjonijiet tal-funzjonament tiegħu, b'mod partikolari fir-rigward tas-swieq kapitali, u biex jiggarantixxi livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u tal-investitur, huwa xieraq li jiġi stabbilit qafas regolatorju għall-prospetti fil-livell ta' Unjoni.

(5) Huwa xieraq u neċessarju għar-regoli tal-iżvelar meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat li jieħdu l-forma leġiżlattiva ta' Regolament sabiex jiġi żgurat li d-dispożizzjonijiet li jimponu direttament obbligi fuq il-persuni involuti fl-offerti ta' titoli lill-pubbliku u fl-ammissjonijiet ta' titoli għall-kummerċ f'suq regolat jiġu applikati b'mod uniformi fl-Unjoni kollha. Peress li qafas legali għad-dispożizzjonijiet dwar il-prospetti neċessarjament jinvolvi miżuri li jispeċifikaw ir-rekwiżiti preċiżi dwar l-aspetti differenti kollha inerenti għall-prospetti, anke diverġenzi żgħar dwar il-metodu użat fir-rigward ta' wieħed minn dawn l-aspetti jistgħu jwasslu għal tfixkil sinjifikattiv għal offerti transkonfinali ta' titoli, għall-elenkar ta' titoli multipli fi swieq regolati u għar-regoli tal-UE għall-ħarsien tal-konsumatur. Għalhekk, l-użu ta' Regolament, li huwa direttament applikabbli mingħajr ma tkun meħtieġa leġiżlazzjoni nazzjonali, għandu jnaqqas il-possibbiltà ta' miżuri diverġenti meħuda fil-livell nazzjonali, u għandu jiżgura strateġija konsistenti, ċertezza legali ikbar u jipprevjeni l-preżenza ta' impedimenti sinjifikanti għall-offerti transkonfinali u illistjar multiplu. L-użu ta' Regolament għandu jsaħħaħ ukoll il-fiduċja fit-trasparenza tas-swieq madwar l-Unjoni, u jnaqqas il-kumplessità regolatorja kif ukoll l-ispejjeż tat-tiftix u tal-konformità għall-kumpaniji.

(6) Il-valutazzjoni tad-Direttiva 2010/73/UE wriet li ċerti tibdiliet introdotti b'dik id-Direttiva ma laħqux l-għanijiet oriġinali tagħhom u li emendi addizzjonali għar-reġim tal-prospett fl-Unjoni huma meħtieġa biex tiġi ssimplifikata u tittejjeb l-applikazzjoni tagħha, tiżdied l-effiċjenza tagħha u tissaħħaħ il-kompetittività internazzjonali tal-Unjoni, biex b'hekk tikkontribwixxi għal tnaqqis fil-piżijiet amministrattivi.

(7) L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jiżgura l-protezzjoni tal-investituri u l-effiċjenza tas-suq, filwaqt li jtejjen is-suq uniku għall-kapital. Il-forniment ta' informazzjoni li, skont in-natura tal-emittent u tat-titoli, hija meħtieġa biex investituri jkunu jistgħu jagħmlu deċiżjoni ta' investiment infurmata jiżgura, flimkien mar-regoli dwar it-twettiq tan-negozju, il-protezzjoni tal-investituri. Barra minn hekk, dan it-tagħrif jipprovdi mezz effettiv sabiex tiżdied il-fiduċja fit-titoli u b'hekk jikkontribwixxi għall-funzjonament u l-iżvilupp xierqa tas-swieq tat-titoli. Il-mod xieraq biex dan it-tagħrif ikun disponibbli huwa li jiġi ppubblikat prospett.

(8) Ir-rekwiżiti ta' żvelar tar-Regolament preżenti ma jipprevjenux lil Stat Membru jew lil awtorità kompetenti jew lil borża li permezz tal-ktieb tar-regoli tagħha timponi ħtiġijiet oħra partikolari fil-kuntest ta' ammissjoni għall-kummerċ tat-titoli f'suq regolat (b'mod partikolari rigward il-governanza korporattiva). Dawn il-ħtiġijiet ma jistgħux jirrestrinġu direttament jew indirettament it-tfassil, il-kontenut u t-tixrid ta' prospett approvat minn awtorità kompetenti.

(9) It-titoli ta' mingħajr ekwità maħruġa minn Stat Membru jew mill-awtoritajiet lokali jew reġjonali ta' Stat Membru, minn korpi pubbliċi internazzjonali li tagħhom ikunu membri Stat Membru jew iktar, mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-banek ċentrali tal-Istati Membri m'għandhomx ikunu koperti minn dan ir-Regolament, u għalhekk għandhom jibqgħu mhux affettwati b'dan ir-Regolament.

(10) L-ambitu tar-rekwiżit tal-prospett għandu jkopri kemm it-titoli ta' ekwità u ta' mingħajr ekwità offruti lill-pubbliku jew ammessi għan-negozjar fi swieq regolati sabiex tiġi żgurata il-protezzjoni għall-investitur. Uħud mit-titoli koperti b'dan ir-Regolament jintitola lid-detentur li jikseb titoli trasferibbli jew li jirċievi ammont fi flus kontanti permezz ta' pagament fi flus determinati b'referenza għal strumenti oħra, partikolarment titoli trasferibbli, muniti, rati ta' imgħax jew profitti, kommoditajiet jew indiċijiet jew miżuri oħra. Dan ir-Regolament ikopri b'mod partikolari liċenzji, liċenzji koperti, ċertifikati, irċevuti depożitarji u noti konvertibbli, bħal titoli konvertibbli fuq l-għażla tal-investitur.

(11) Biex tiġi żgurata l-approvazzjoni u l-passporting tal-prospett kif ukoll is-superviżjoni ta' konformità ma' dan ir-Regolament b'mod partikolari rigward l-attività ta' reklamar, jeħtieġ li tiġi identifikata awtorità kompetenti għal kull prospett. Għalhekk, dan ir-Regolament għandu jiddetermina b'mod ċar l-Istat Membru ta' domiċilju biex japprova l-prospett.

(12) Għal offerti ta' titoli lill-pubbliku ta' inqas minn EUR 500 000, l-ispiża tal-produzzjoni ta' prospett skont dan ir-Regolament x'aktarx tkun sproporzjonata għad-dħul previsti tal-offerta. Huwa għalhekk xieraq li r-rekwiżit li jitfassal prospett skont dan ir-Regolament m'għandux japplika għall-offerti ta' skala tant żgħira. L-Istati Membri għandhom iżommu lura milli jimponu f'livell nazzjonali rekwiżiti ta' żvelar li jistgħu joħolqu piż sproporzjonat jew mhux meħtieġ fir-rigward ta' offerti bħal dawn u b'hekk iżidu l-frammentazzjoni tas-suq intern.

(13) Fejn offerti ta' titoli lill-pubbliku jiġu indirizzati biss lill-investituri domestiċi fi Stat Membru wieħed, u b'hekk ma jkollhom ebda effetti transkonfinali, u fejn tali offerti ma jeċċedux l-ammont totali ta' EUR 10 000 000, il-mekkaniżmu ta' passaport taħt dan ir-Regolament ma jkunx meħtieġ u t-tfassil ta' prospett jista' jirrappreżenta spiża sproporzjonata. Għalhekk huwa xieraq li l-Istati Membri jitħallew jiddeċiedu jekk jeżentawx tali tipi ta' offerti mill-obbligu tal-prospett stabbilit f'dan ir-Regolament, filwaqt li jikkunsidraw il-livell ta' protezzjoni tal-investitur domestiku li huma jqisu bħala xierqa. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom ikunu liberi li jistabbilixxu fil-liġi nazzjonali tagħhom il-limitu bejn EUR 500 000 u EUR 10 000 000, espress bħala l-korrispettiv totali tal-offerta fuq perjodu ta' 12-il xahar, li minnhom għandhom japplikaw din l-eżenzjoni.

(14) Fejn offerta ta' titoli tiġi indirizzata esklużivament lil ċirku ristrett ta' investituri li mhumiex investituri kwalifikati, it-tfassil ta' prospett jirrappreżenta piż sproporzjonat fid-dawl tan-numru żgħir ta' persuni mmirati mill-offerta, u b'hekk ma jkunx hemm ħtieġa ta' prospett. Dan għandu japplika pereżempju għal offerta indirizzata lill-qraba jew konoxxenti personali tal-amministraturi ta' kumpanija .

(15) L-għotita' inċentiv lid-diretturi u l-impjegati li jżommu titoli tal-kumpanija tagħhom stess jista' jkollu impatt pożittiv fuq il-governanza tal-kumpaniji u jgħin sabiex joħolqu valur fit-tul billi jitrawmu d-dedikazzjoni tal-impjegati u s-sens ta' appartenenza, l-allinjament tal-interessi rispettivi tal-azzjonisti u l-impjegati, u b'hekk dawn tal-aħħar jingħataw opportunitajiet ta' investiment. Il-parteċipazzjoni tal-impjegati fis-sjieda tal-kumpanija tagħhom hija partikolarment importanti għall-

intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), li fihom l-impjegati individwali x'aktarx ikollhom rwol sinjifikanti fis-suċċess tal-kumpanija. Għalhekk, m'għandux ikun hemm rekwiżit sabiex jitfassal prospett għall-offerti li jsiru fil-kuntest ta' skema kondiviża bejn l-impjegat ġewwa l-Unjoni, sakemm ikun hemm disponibbli dokument li jkun fih informazzjoni dwar l-għadd u n-natura tat-titoli u r-raġunijiet u d-dettalji tal-offerta, li jissalvagwardjaw il-protezzjoni tal-investitur. Biex jiġi żgurat aċċess ugwali għal skemi ta' kondiviżjoni bejn l-impjegati għad-diretturi u l-impjegati kollha, indipendentement minn jekk min iħaddimhom huwiex stabbilit fi jew barra l-Unjoni, l-ebda deċiżjoni ta' ekwivalenza ta' swieq ta' pajjiż terzi m'għandha tkun meħtieġa għal żmien itwal, sakemm id-dokument imsemmi qabel ikun disponibbli . Għalhekk, il-parteċipanti kollha fi skemi ta' kondiviżjoni bejn l-impjegati se jibbenefikaw mill-istess trattament u informazzjoni.

(16) Il-ħruġ dgħajjef ta' ishma jew titoli li jagħtu aċċess għall-ishma ta' spiss jindika tranżazzjonijiet b'impatt sinjifikanti tal-istruttura tal-kapital tal-emittent, il-prospetti u s-sitwazzjoni finanzjarja, li għalihom tkun meħtieġa l-informazzjoni li tinsab fil-prospett. Min-naħa l-oħra, meta emittent ikollu ishma diġà ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, il-prospett ma jkunx meħtieġ għal kwalunkwe ammissjoni sussegwenti tal-istess ishma fl-istess suq regolat, inkluż fejn tali ishma jirriżultaw mill-konverżjoni jew l-iskambju ta' titoli oħra jew mill-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija minn titoli oħra, sakemm l-ishma li għadhom kif ġew ammessi jirrappreżentaw proporzjon limitat dwar azzjonijiet tal-istess klassi li jkunu nħarġu diġà fl-istess suq regolat, sakemm tali ammissjoni tiġi kkombinata ma' offerta lill-pubbliku li taqa' fl-ambitu ta' dan ir-Regolament. L-istess prinċipju għandu japplika b'mod aktar ġenerali għall-garanziji funġibbli ma' titoli diġà ammessi għall-kummerċ f'suq regolat.

(17) Meta tapplika d-definizzjoni ta' "offerta ta' titoli lill-pubbliku", il-kapaċità ta' investitur li jieħu deċiżjoni individwali biex jixtri jew jissottoskrivi għal titoli għandu jkun kriterju deċiżiv. Għalhekk, fejn titoli jiġu offruti mingħajr element ta' għażla individwali min-naħa tal-benefiċjarju, inkluż f' allokazzjonijiet ta' titoli fejn m'hemm l-ebda dritt biex topponi l-allokazzjoni , din it-tranżazzjoni m'għandhiex taqa' taħt id-definizzjoni ta' offerta ta' "titoli lill-pubbliku" preskritta b'dan ir-Regolament.

(18) L-emittenti, l-offerenti jew il-persuni li jistaqsu għall-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat tat-titoli li mhumiex suġġetti għall-obbligu biex jiġi ppubblikat prospett għandhom jibbenefikaw mill-passaport uniku fejn jagħżlu li jikkonformaw ma' dan Regolament fuq bażi volontarja.

(19) L-iżvelar fornut mill-prospett m'għandux ikun stipulat għal offerti limitati għal investituri kwalifikati. B'kuntrast ma' dan, kull bejgħ mill-ġdid lill-pubbliku jew il-kummerċ pubbliku permezz tal-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat jeħtieġ il-pubblikazzjoni ta' prospett.

(20) Prospett validu, imfassal minn emittent jew mill-persuna responsabbli għat-tfassil tal-prospett u disponibbli għall-pubbliku fil-waqt tal-aħħar assenjazzjoni ta' titoli permezz ta' intermedjarji finanzjarji jew fi kwalunkwe bejgħ mill-ġdid sussegwenti ta' titoli, jipprovdi biżżejjed tagħrif lill-investituri biex jaslu għal deċiżjoni informata dwar l-investiment. Għalhekk, l-intermedjarji finanzjarji li jqiegħdu jew li sussegwentement ibigħu mill-ġdid it-titoli għandhom ikunu intitolati li joqogħdu fuq il-prospett inizjali ppubblikat mill-emittent jew il-persuna responsabbli għat-tfassil tal-prospett, sakemm dan ikun validu u ssupplimentat kif xieraq u li l-emittent jew il-persuna responsabbli għat-tfassil ta' tali prospett tkun taqbel mal-użu tiegħu. L-emittent jew il-persuna responsabbli mit-tfassil tal-prospett għandu jkun jista' jorbot il-kundizzjonijiet mal-

kunsens tiegħu jew tagħha. Il-kunsens li juża l-prospett , inkluż il-kundizzjonijiet kollha mehmuża magħha, għandu jingħata fi ftehim bil-miktub li jippermetti valutazzjoni mill-partijiet rilevanti dwar jekk il-bejgħ mill-ġdid jew l-assenjazzjoni finali tat-titoli jikkonformawx mal-ftehim. Fil-każ li l-kunsens biex jintuża l-prospett ikun ingħata, l-emittent jew il-persuna responsabbli għat-tfassil tal-prospett inizjali għandha tkun responsabbli għall-informazzjoni ddikjarata fih u fil-każ ta' prospett bażi, biex tipprovdi u tippreżenta t-termini finali u l-ebda prospett ieħor ma jkun meħtieġ. Madankollu, fil-każ li l-emittent jew il-persuna responsabbli għat-tfassil ta' tali prospett inizjali ma jaqbilx mal-użu tiegħu, l-intermedjarju finanzjarju għandu jkun meħtieġ jippubblika prospett ġdid. F'dak il-każ, l-intermedjarju finanzjarju għandu jkun responsabbli għall-informazzjoni fil-prospett, inkluża l-informazzjoni kollha inkorporata b'referenza u, fil-każ ta' prospett bażi, it-termini finali.

(21) L-armonizzazzjoni tat-tagħrif inkluż fil-prospett għandu jipprovdi protezzjoni ekwivalenti lill-investutur fil-livell ta' Unjoni. Sabiex l-investituri jkunu jistgħu jagħmlu deċiżjoni infurmata dwar l-investiment, dik l-informazzjoni għandha tkun suffiċjenti u oġġettiva inkluż fir-rigward taċ-ċirkustanzi finanzjarji tal-emittenti u d-drittijiet marbuta mat-titoli, u għandhom jiġu pprovduti f'forma faċilment analizzabbli, konċiża u li jinftiehmu. Dawk ir-rekwiżiti għandhom japplikaw għat-tipi kollha ta' prospetti mfassla skont dan ir-Regolament, inklużi dawk li jsegwu l-ħtiġijiet minimi ta' żvelar għall-ħruġ sekondarju u għall-SMEs. Prospett m'għandux ikun fih informazzjoni li ma tkunx materjali jew speċifika għall-emittent u t-titoli kkonċernati, peress li dan jista' jaħbi l-informazzjoni rilevanti għad-deċiżjoni ta' investiment u b'hekk jimminaw il-protezzjoni tal-investitur.

(22) Is-sommarju tal-prospett għandu jkun sors ta' informazzjoni utli għall-investituri, b'mod partikolari l-investituri bl-imnut. Għandha tkun parti kompluta u indipendenti tal-prospett u għandha tiffoka fuq l-informazzjoni prinċipali li l-investituri jeħtieġu biex ikunu jistgħu jiddeċiedu liema offerti u ammissjonijiet għall-kummerċ ta' titoli se jikkunsidraw ulterjorment. Informazzjoni pinċipali ta' dan it-tip għandha tagħti l-karatterisitiċi essenzjali tal-emittent, kwalunkwe garanti, u t-titoli offruti jew ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, kif ukoll ir-riskji assoċjati magħhom. Għandha wkoll tipprovdi t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali tal-offerta. B'mod partikolari, il-preżentazzjoni ta' fatturi ta' riskju fis-sommarju għandha tikkonsisti minn għażla limitata ta' riskji speċifiċi li l-emittent iqis li jkun l-aktar materjali.

(23) Is-sommarju tal-prospett għandu jkun qasir, sempliċi, ċar u faċli għall-investituri biex jifhmu. Għandu jiġi abbozzat f'lingwa ċara, mhux teknika, u li jippreżenta t-tagħrif b'mod faċilment aċċessibbli. M'għandux ikun sempliċi kumpilazzjoni ta' siltiet mill-prospett. Huwa xieraq li jiġi stabbilit perjodu massimu għas-sommarju sabiex jiġi żgurat li l-investituri ma jiġux skoraġġiti milli jaqrawh u biex jinkoraġġixxu lill-emittenti biex jagħżlu l-informazzjoni li hi essenzjali għall-investituri.

(24) Biex tiġi żgurata l-istruttura uniformi tas-sommarju tal-prospett, għandhom jiġu pprovduti taqsimiet ġenerali u sotto-intestaturi, b'kontenut indikattiv li l-emittent għandu jimla b'deskrizzjonijiet fil-qosor, inklużi figuri fejn xieraq. Sakemm dawn jippreżentawha b'mod ġust u bbilanċjat, l-emittenti għandhom jingħataw diskrezzjoni li jagħżlu l-informazzjoni li huma jqisu importanti u sinjifikanti.

(25) Is-sommarju tal-prospett għandu jkun immudellat kemm jista' jkun fuq id-dokument ta' informazzjoni ewlenija meħtieġa taħt ir-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill [10]. Fejn titoli jaqgħu fl-ambitu kemm ta' dan ir-Regolament kif ukoll ir-Regolament (UE) Nru 1286/2014 , l-użu mill-ġdid sħiħ tal-kontenut tad-dokument ta' informazzjoni prinċipali għandu jitħalla fis-sommarju sabiex jiġu minimizzati l-ispejjeż ta' konformità u l-piż amministrattiv fuq l-emittenti. Ir-rekwiżit li jitfassal sommarju madanakollu m'għandhiex tiġi rrinunzjata meta dokument ta' informazzjoni prinċipali ikun meħtieġ, peress li dan tal-aħħar ma jkollux informazzjoni ewlenija fuq l-emittent u l-offerta lill-pubbliku jew l-ammissjoni għan-negozju tat-titoli kkonċernati.

(26) L-ebda obbligazzjoni ċivili m'għandha tingħata lil persuna esklużivament abbażi tas-sommarju, inkluża kull traduzzjoni tiegħu, għajr jekk ikun qarrieqi, żbaljat jew inkonsistenti mal-partijiet rilevanti tal-prospett. Is-sommarju għandu jkun fih twissija ċara f'dan is-sens.

(27) L-emittenti li ripetutament jiġbru l-finanzjament fis-swieq kapitali għandhom jiġu offruti forom speċifiċi ta' dokumenti tar-reġistrazzjoni u prospetti kif ukoll proċeduri speċifiċi għall-mili u l-approvazzjoni tagħhom, sabiex jingħataw aktar flessibiltà u jkunu jistgħu jaħtfu l-opportunitajiet tas-suq. Fi kwalunkwe każ, dawn il-forom u proċeduri għandhom ikunu fakultattivi skont l-għażla tal-emittenti.

(28) Għat-titoli kollha ta' mingħajr ekwità, inkluż fejn dawn ikunu maħruġa b'mod kontinwu jew ripetut jew bħala parti minn programm ta' offerti, l-emittenti għandhom jitħallew jfasslu prospett fil-forma ta' prospett bażi. Prospett bażi u t-termini finali tiegħu għandu jkun fihom l-istess informazzjoni bħall-prospett.

(29) Huwa xieraq li jiġi ċċarat li t-termini finali għall-prospett bażi għandu jkun fihom biss informazzjoni relatata man-nota tat-titoli li hija speċifika għall-ħruġ individwali u li tista' tiġi ddeterminata biss fil-mument tal-ħruġ individwali. Din l-informazzjoni tista', pereżempju, tinkludi n-numru tal-identifikazzjoni internazzjonali tat-titoli, il-prezz tal-ħruġ, id-data ta' maturità, kwalunkwe kupun, id-data tal-eżerċizzju, il-prezz tal-eżerċizzju, il-prezz biex tifdi u termini oħra mhux magħrufa fil-waqt li jkun qed jitfassal il-prospett bażi. Fejn it-termini finali m'humiex inklużi fil-prospett bażi m'għandhomx bżonn ikunu approvati mill-awtorità kompetenti, iżda għandhom jiġu ddepożitati biss għandu. Informazzjoni ġdida oħra li tista' taffettwa l-valutazzjoni tal-emittent u t-titoli għandha tiġi inkluża f'suppliment mal-prospett bażi. La t-termini finali u lanqas is-suppliment m'għandhom jintużaw biex jinkludu tip ta' titoli li ma jkunux deskritti diġà fil-prospett bażi.

(30) Taħt il-prospett bażi, is-sommarju għandu jitfassal biss mill-emittent fir-rigward ta' kull ħarġa individwali offruta, sabiex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u biex itejbu l-leġibbiltà għall-investituri. Dak is-sommarju speċifiku għall-ħarġa għandu jiġi anness mat-termini finali u għandu jiġi approvat biss mill-awtorità kompetenti fejn it-termini finali huma inklużi fil-prospett bażi jew f'suppliment għal dan.

(31) Sabiex tittejjeb il-flessibbiltà u l-kosteffikaċja tal-prospett bażi, l-emittent għandu jkun awtorizzat li jfassal prospett bażi bħala dokumenti separati u li juża d-dokument tar-reġistrazzjoni universali bħala parti kostitwenti ta' dak il-prospett bażi, fejn huwa jkun emittent frekwenti.

(32) L-emittenti frekwenti għandhom ikunu mħeġġa li jfasslu l-prospett tagħhom bħala dokumenti separati peress li dan jista' jnaqqas l-ispiża ta'' konformità tagħhom ma'

[10] Ir-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar id-dokumenti bl-informazzjoni ewlenija għall-prodotti aggregati ta' investiment bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs) (ĠU L 352, 9.12.2014, p. 1).

dan ir-Regolament u jħallihom jirreaġixxu malajr għall-opportunitajiet tas-suq. Għalhekk, l-emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ fis-swieq regolati jew f'faċilitajiet tal-kummerċ multilaterali għandhom ikollhom l-għażla, iżda mhux l-obbligu, biex ifasslu u jippubblikaw kull sena finanzjarja dokument tar-reġistrazzjoni universali li jkun fih informazzjoni legali, kummerċjali, finanzjarja, ta' kontabbiltà u dwar l-ishma u li jipprovdi deskrizzjoni tal-emittent għal dik is-sena finanzjarja. Dan għandu jippermetti lill-emittent biex iżomm l-informazzjoni aġġornata u jħejji prospett meta l-kundizzjonijiet tas-suq isiru favorevoli għal offerta jew ammissjoni billi jżid nota tat-titoli u sommarju. Id-dokument tar-reġistrazzjoni universali għandu jkollu għanijiet diversi, sakemm il-kontenut tiegħu ikun l-istess minkejja jekk l-emittent sussegwentement jużahx għal offerta jew ammissjoni għall-kummerċ ta' ekwità, titoli ta' dejn jew derivattivi. Huwa għandu jaġixxi bħala sors ta' referenza fuq l-emittent, li jagħti lill-investituri u l-analisti l-informazzjoni minima meħtieġa biex jagħmlu ġudizzju infurmat dwar in-negozju tal-kumpanija, il-pożizzjoni finanzjarja, il-qligħ u l-prospetti, il-governanza u l-parteċipazzjoni.

(33) Emittent li jkun iddepożita u rċieva l-approvazzjoni għal dokument tar-reġistrazzjoni universali għal tliet snin konsekuttivi jista' jitqies bħala magħruf sew għall-awtorità kompetenti. Id-dokumenti kollha sussegwenti ta' reġistrazzjoni universali għandhom, għalhekk, jitħallew jiġu ddepożitati mingħajr l-approvazzjoni minn qabel u riveduti fuq bażi *ex-post* mill-awtorità kompetenti fejn dik l-awtorità kompetenti tqis li jkun meħtieġ. Kull awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi l-frekwenza ta' tali reviżjoni billi tiġi kkunsidrata, pereżempju, il-valutazzjoni tar-riskji tal-emittent tagħha, il-kwalità tal-iżvelar tal-passat tiegħu, jew it-tul ta' żmien li jkun għadda minn meta d-dokument tar-reġistrazzjoni universali ddepożitat ikun ġie rivedut l-aħħar.

(34) Għandu jkun possibbli li d-dokument tar-reġistrazzjoni universali, sakemm ma jkunx sar parti kostitwenti ta' prospett approvat, li jrid jiġi emendat, jew volontarjament mill-emittent - pereżempju fil-każ ta' bidla materjali fl-organizzazzjoni tiegħu jew fis-sitwazzjoni finanzjarja - jew fuq talba mill-awtorità kompetenti fil-kuntest ta' reviżjoni ta' wara l-preżentazzjoni, meta l-istandards ta' kompletezza, komprensibbiltà u konsistenza ma jintlaħqux. Dawn l-emendi għandhom jiġu ppubblikati skont l-istess arranġamenti li japplikaw għad-dokument ta' reġistrazzjoni universali. B'mod partikolari, meta l-awtorità kompetenti tidentifika ommissjoni jew żball materjali jew ineżattezza, l-emittent għandu jemenda d-dokument tar-reġistrazzjoni universali tiegħu u jagħmel din l-emenda disponibbli għall-pubbliku mingħajr dewmien żejjed. Peress li la offerta lill-pubbliku, u lanqas ammissjoni għall-kummerċ tat-titoli m'hu qed isseħħ, il-proċedura għall-emendar ta' dokument tar-reġistrazzjoni universali għandha tkun distinta mill-proċedura biex il-prospett ikollu suppliment, li għandha tapplika biss wara l-approvazzjoni tal-prospett.

(35) Meta emittent iħejji prospett li jikkonsisti f'dokumenti separati, il-partijiet kollha li jikkostitwixxu l-prospett għandhom ikunu suġġetti għall-approvazzjoni, inkluż, fejn applikabbli, id-dokument tar-reġistrazzjoni universali u l-emendi għalih, fejn dawn ikunu ġew iddepożitati għand l-awtorità kompetenti iżda ma jkunux għadhom ġew approvati.

(36) Biex jitħaffef il-proċess ta' tħejjija ta' prospett u biex jiffaċilitaw l-aċċess għas-swieq kapitali b'mod effettiv għan-nefqa, l-emittenti frekwenti li jipproduċu dokument tar-reġistrazzjoni universali għandhom jingħataw il-benefiċċju ta' proċess ta' approvazzjoni aktar mgħaġġel, peress li l-parti kostitwenti prinċipali tal-prospett tkun jew diġà ġiet approvata jew diġà tkun disponibbli għar-reviżjoni mill-awtorità kompetenti. Il-ħin meħtieġ biex tinkiseb l-approvazzjoni tal-prospett għandha

għalhekk titqassar meta d-dokument tar-reġistrazzjoni jieħu l-forma ta' dokument tar-reġistrazzjoni universali.

(37) Sakemm l-emittent jikkonforma mal-proċeduri għall-preżentazzjoni, it-tixrid u l-ħażna ta' informazzjoni regolata u mal-iskadenzi stipulati fl-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [11], dan għandu jitħalla jippubblika r-rapporti finanzjarji annwali u ta' nofs is-sena meħtieġa mid-Direttiva 2004/109/KE bħala partijiet tad-dokument tar-reġistrazzjoni universali, sakemm l-Istati Membri ta' domiċilju tal-emittent ikunu differenti għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u d-Direttiva 2004/109/KE u sakemm il-lingwa tad-dokument tar-reġistrazzjoni universali ma tissodisfax il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 20 tad-Direttiva 2004/109/KE. Dan jista' jnaqqas il-piż amministrattiv marbut ma' applikazzjonijiet żejda, mingħajr ma jaffettwa l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku jew is-superviżjoni ta' dawn ir-rapporti skont id-Direttiva 2004/109/KE.

(38) Għandu jingħata limitu ta' żmien ċar għall-validità ta' prospett sabiex jiġu evitati deċiżjonijiet ta' investiment li jkunu bbażati fuq tagħrif skadut. Sabiex tittejjeb iċ-ċertezza legali, il-validità tal-prospett għandha tibda mal-approvazzjoni tiegħu, f'ħin partikolari li jista' faċilment jiġi vverifikat mill-awtorità kompetenti. Offerta ta' titoli lill-pubbliku skont prospett bażi għandha tiġi estiża biss lil hinn mill-validità tal-prospett bażi fejn il-prospett bażi sussegwenti jiġi approvat qabel ma dik il-validità tagħhom tiskadi u tkopri l-offerta li jmiss.

(39) Min-natura tagħha stess, informazzjoni dwar taxxi fuq id-dħul mit-titoli fi prospett tista' tkun ġenerika biss, li żżid valur informattiv żgħir għall-investitur individwali. **Minħabba li tali informazzjoni għandha tkopri mhux biss il-pajjiż tal-uffiċċju reġistrat tal-emittent, iżda wkoll il-pajjiżi fejn l-offerta qed issir jew fejn tkun qed tiġi mfittxija l-ammissjoni għall-kummerċ, fejn prospett ikollu passaport, ikun jiswa ħafna biex tipproduċih u dan jista' jxekkel l-offerti transkonfinali.** Għalhekk prospett għandu jinkludi biss twissija li l-leġiżlazzjoni fiskali tal-Istat Membru tal-investitur u tal-Istat Membru fejn ġie nkorporat l-emittent jista' jkollha impatt fuq id-dħul riċevut mit-titoli. Madankollu, il-prospett għandu xorta jkollu informazzjoni xierqa dwar it-tassazzjoni fejn l-investiment propost jinkludi sistema fiskali partikolari, pereżempju fil-każ ta' investimenti f'titoli li jagħtu lill-investituri trattament fiskali favorevoli.

(40) Ladarba klassi ta' titoli tiġi ammessa għall-kummerċ f'suq regolat, l-investituri huma pprovduti bi żvelar kontinwu mill-emittent skont ir-Regolament (UE) 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [12] u d-Direttiva 2004/109/KE. Il-ħtieġa għal prospett sħiħ hija għalhekk inqas akuta fil-każ ta' offerti sussegwenti lill-pubbliku jew l-ammissjonijiet għall-kummerċ minn dan l-emittent. Prospett distint għandu għalhekk ikun disponibbli għall-użu fil-każ ta' ħruġ sekondarju u l-kontenut tiegħu għandu jiġi mħaffef meta mqabbel mar-reġim normali, filwaqt li tiġi kkunsidrata l-informazzjoni żvelata diġà. Madankollu, l-investituri jeħtieġu li jingħataw informazzjoni kkonsolidata u strutturata tajjeb fuq dawn l-elementi bħal termini tal-offerta u l-kuntest

---

[11] Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38).

[12] Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1).

tagħha, inkluża d-dikjarazzjoni tal-kapital tax-xogħol, l-użu tar-rikavat, il-fatturi ta' riskju speċifiċi għall-emittent u t-titoli, il-prattiċi tal-bord, ir-rimunerazzjoni tad-diretturi, l-istruttura tal-ishma jew it-tranżazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-partijiet. Peress li l-informazzjoni ma tkunx meħtieġa li tiġi żvelata kontinwament skont ir-Regolament (UE) 596/2014 u d-Direttiva 2004/109/KE, huwa xieraq li l-prospett imfassal fil-każ ta' ħruġ sekondarju għandu mill-inqas jinkludi din l-informazzjoni.

(41) Ir-reġim speċifiku ta' żvelar għall-ħruġ sekondarju għandu jkun estiż għas-swieq tat-tkabbir tal-SMEs peress li l-operaturi tagħhom huma meħtieġa skont id-Direttiva 2014/65/UE li jistabbilixxu u japplikaw regoli li jiżguraw żvelar kontinwu xieraq mill-emittenti li t-titoli tagħhom huma nnegozjati f'dawn il-postijiet.

(42) Ir-reġim speċifiku ta' żvelar għall-ħruġ sekondarju għandu jkun disponibbli għall-użu biss wara li jkun għadda perjodu minimu ta' żmien mill-ammissjoni inizjali għall-kummerċ ta' klassi ta' sigurtajiet ta' emittent. Dewmien ta' 18-il xahar għandu jiżgura li l-emittent ikun konformi mill-inqas darba mal-obbligu tiegħu li jippubblika rapport finanzjarju annwali skont id-Direttiva 2004/109/KE jew taħt ir-regoli tal-operatur tas-suq ta' suq tat-tkabbir tal-SMEs.

(43) Wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali huwa li jiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament fis-swieq kapitali għall-SMEs fl-Unjoni. Peress li kumpaniji bħal dawn normalment ikollhom bżonn li jgħollu l-ammonti relattivament aktar baxxi minn emittenti oħrajn, l-ispiża biex jitfassal prospett jista' jkun sproporzjonatament għoli u jista' jżommhom lura milli joffru t-titoli tagħhom lill-pubbliku. Fl-istess ħin, minħabba d-daqs tagħhom u s-suċċess iqsar, l-SMEs jistgħu jwasslu għal riskju ta' investiment ogħla minn emittenti akbar u għandhom jiżvelaw informazzjoni suffiċjenti lill-investituri biex jieħdu d-deċiżjoni fuq l-investiment tagħhom. **Għalhekk għandu jintlaħaq bilanċ xieraq bejn l-aċċess effiċjenti għan-nefqa għas-swieq finanzjarji u l-protezzjoni tal-investituri meta jiġi kkalibrat il-kontenut ta' prospett li japplika għall-SMEs, u r-reġim ta' żvelar speċifiku għandu għalhekk jiġi żviluppat għall-SMEs biex jintlaħaq dak l-għan.**

(44) L-informazzjoni minima meħtieġa li tiġi żvelata mill-SMEs taħt ir-reġim ta' żvelar speċifiku għandha tiġi kkalibrata b'mod li tiffoka fuq l-informazzjoni li hija materjali u rilevanti għall-kumpaniji ta' tali daqs u l-investituri tagħhom, u għandha timmira li tiżgura l-proporzjonalità bejn id-daqs tal-kumpanija u l-ħtiġijiet tagħha għal ġbir ta' fondi, fuq naħa waħda, u l-ispiża tal-produzzjoni ta' prospett, min-naħa l-oħra. Sabiex jiġi żgurat li l-SMEs jistgħu jfasslu prospetti mingħajr ma jeħlu spejjeż li mhumiex proporzjonati għad-daqs tagħhom, u għaldaqstant id-daqs tal-ġbir ta' fondi tagħhom, ir-reġim speċifiku ta' żvelar għall-SMEs għandu jkun aktar flessibbli minn dak applikabbli għall-kumpaniji fi swieq regolati safejn ikun kompatibbli biex tiġi żgurata li l-informazzjoni ċentrali meħtieġa għall-investituri tiġi żvelata.

(45) Ir-reġim ta' żvelar speċifiku għandu jkun disponibbli għall-offerti ta' titoli lill-pubbliku mill-SMEs li t-titoli tagħhom huma nnegozjati f' faċilitajiet tan-negozjar multilaterali, inklużi s-swieq tat-tkabbir tal-SMEs, hekk kif postijiet tal-kummerċ bħal dawn jistgħu jservu bħala l-portal għas-swieq kapitali għall-SMEs u huma suġġetti għal regoli inqas stretti fir-rigward tal-iżvelar milli huma s-swieq regolati. Huwa wkoll xieraq li tkun estiża d-definizzjoni ta' SMEs għall-SMEs kif definiti fid-Direttiva 2014/65/UE li tiżgura l-konsistenza bejn dan ir-Regolament u d-Direttiva 2014/65/UE . L-SMEs li t-titoli tagħhom mhumiex innegozjati fi kwalunkwe ċentru tan-negozjar għandhom ukoll ikunu eliġibbli għal dan ir-reġim ta' żvelar peress

li dawn jistgħu wkoll ikunu meħtieġa li jfasslu prospett meta joffru t-titoli tagħhom lill-pubbliku, inkluż permezz ta' pjattaformi ta' crowdfunding. Madankollu, l-SMEs illistjati fi swieq regolati m'għandhomx ikunu eliġibbli biex jużaw din is-sistema, għaliex l-investituri fi swieq regolati għandhom ikunu kunfidenti li l-emittenti li jinvestu t-titoli tagħhom ikunu soġġetti għal sett wieħed ta' regoli ta' żvelar. Għalhekk m'għandux ikun hemm standard ta' żvelar ta' żewġ livelli fi swieq regolati skont id-daqs tal-emittent.

(46) Sakemm ma jkunux ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, l-SMEs li joffru ishma u titoli ta' dejn mhux ibridi għandhom jiġu offruti metodu mhux obbligatorju biex ifasslu prospett fil-forma ta' dokument informattiv ta' "mistoqsija u risposta" li jkun jinftiehem faċilment. Dan il-format alternattiv għall-iskeda ta' żvelar normali għandu jkun imfassal biex jimminimizza l-ispejjeż għall-SMEs billi jippermettulhom iħejju prospett huma stess, filwaqt li jiddependu fuq il-ħiliet tagħhom stess. Il-mistoqsijiet ippreżentati fil-formola għandhom ikunu mfassla biex iqanqlu tipi speċifiċi ta' informazzjoni ta' rilevanza speċjali għall-SMEs u t-talbiet għall-informazzjoni għandhom ikunu aktar dettaljati minn dawk tal-iskedi tas-soltu, sabiex il-persuni li jużaw il-format ta' "mistoqsija u risposta" ikunu jistgħu aktar faċilment jifhmu liema informazzjoni qed tiġi mitluba.

(47) Trattamenti favorevoli mogħtija lill-ħruġ ta' titoli mingħajr ekwità b'denominazzjoni kull unità li teċċedi l-EUR 100 000 jistgħu jgħawġu l-istruttura tas-swieq tad-dejn, joħolqu impediment għad-diversifikazzjoni xierqa ta' portafolli u għall-iżvilupp ta' pjattaformi tal-kummerċ elettroniċi, u b'hekk jimminaw il-likwidità fis-suq sekondarju, u jistgħu jnaqqsu l-għażla ta' investiment għall-investituri bl-imnut billi ċċaħħadhom mill-opportunità li jiksbu bonds korporattivi bi grad ta' investiment. Huwa għalhekk xieraq li titneħħa l-eżenzjoni tal-prospett għal offerti ta' titoli mingħajr ekwità li d-denominazzjoni għal kull unità tammonta għal mill-inqas EUR 100 000 kif ukoll għal-livell aktar baxx ta' żvelar mogħti lill-prospetti li jikkonċernaw titoli bħal dawn mingħajr ekwità, li dehru oriġinarjament fid-Direttiva 2003/71/KE. B'mod partikolari, huwa xieraq li jiġu mwaħħda r-rekwiżiti minimi tal-informazzjoni għall-prospetti mingħajr ekwità, u b'hekk jiġi sostitwit l-istandard doppju ta' żvelar bejn ħruġ li jkollu fil-mira investituri kwalifikati biss u ħruġ li jkollu fil-mira investituri mhux kwalifikati.

(48) L-għan primarju li jiġu inklużi fatturi ta' riskju fi prospett huwa li jiġi żgurat li l-investituri jagħmlu valutazzjoni informata ta' tali riskji u b'hekk jieħdu deċiżjonijiet ta' investiment b'tagħrif sħiħ tal-fatti. Il-fatturi ta' riskju għandhom għalhekk ikunu limitati għal dawk ir-riskji li jkunu sostanzjali u speċifiċi għall-emittent u t-titoli tiegħu u li huma kkorroborati mill-kontenut tal-prospett. Prospett m'għandux jinkludi fatturi ta' riskju li jkunu ġeneriċi u li jservu biss bħala dikjarazzjonijiet ta' ċaħda, għax dawn jistgħu joskuraw fatturi ta' riskju aktar speċifiċi li l-investituri għandhom ikunu konxji minnhom, u b'hekk jipprevjenu milli l-prospett jippreżenta informazzjoni f'forma li tkun faċilment analizzabbli, konċiża u li tinftiehem. Biex jgħin lill-investituri jidentifikaw ir-riskji l-aktar materjali, l-emittent għandu jkun meħtieġ li jiġbor flimkien il-fatturi ta' riskju speċifiċi u jallokahom fost il-kategoriji bbażati fuq livelli ta' materjalità. Numru limitat ta' fatturi ta' riskju magħżula mill-emittent mill-kategorija tal-ogħla materjalità għandhom jiġu inklużi fis-sommarju.

(49) L-ommissjoni ta' informazzjoni sensittiva fi prospett għandha tkun awtorizzata f'ċerti ċirkostanzi permezz ta' deroga mogħtija mill-awtorità kompetenti sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet ta' dannu għall-emittent.

(50) L-Istati Membri għandhom jippubblikaw ħafna informazzjoni dwar il-qagħda finanzjarja tagħhom li ġeneralment tkun disponibbli fid-dominju pubbliku. Għalhekk, meta Stat Membru jiggarantixxi offerta ta' titoli, tali informazzjoni m'hemmx bżonn li tingħata fil-prospett.

(51) Li l-emittenti jitħallew jinkorporaw b'dokumenti ta' referenza li jkun fih l-informazzjoni li għandha tiġi żvelata fi prospett - sakemm id-dokumenti inkorporati b'referenza jkunu ġew ippubblikati qabel electronikament - għandha tiffaċilita l-proċedura tat-tfassil ta' prospett u tbaxxi l-ispejjeż għall-emittenti mingħajr ma tiġi pprerikolata l-protezzjoni tal-investitur . Madankollu, dan l-għan tas-simplifikazzjoni u ta' tnaqqis tal-ispejjeż biex jitħejja prospett m'għandux jinkiseb għad-detriment tal-interessi l-oħra li l-prospett huwa intiż li jipproteġi, inkluża l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni. Il-lingwa użata għall-informazzjoni inkorporata b'referenza għandha ssegwi r-reġim lingwistiku li japplika għall-prospetti. Informazzjoni inkorporata b'referenza tista' tirreferi għad-dejta storika, madankollu fejn din l-informazzjoni ma tibqax rilevanti minħabba bidla materjali, dan għandu jiġi ddikjarat b'mod ċar fil-prospett u għandha tiġi pprovduta wkoll informazzjoni aġġornata.

(52) Kwalunkwe informazzjoni regolata, kif iddefinita fl-Artikolu 2(1)(k) tad-Direttiva 2004/109/KE, għandha tkunu eliġibbli għall-inkorporazzjoni b'referenza fi prospett. L-emittenti li t-titoli tagħhom ikunu negozjati f'faċilità multilaterali tan-negozjar, u l-emittenti li huma eżentati milli jippubblikaw ir-rapporti finanzjarji annwali u ta' kull sitt xhur skont l-Artikolu 8(1)(b) tad-Direttiva 2004/109/KE, għandhom jitħallew ukoll biex jinkorporaw b'referenza fi prospett l-informazzjoni finanzjarja annwali u interim tagħhom kollha jew parzjali, ir-rapporti ta' verifika, ir-rapporti finanzjarji, ir-rapporti ta' ġestjoni jew dikjarazzjonijiet ta' governanza korporattiva, sakemm dawn ikunu ppubblikati elettronikament.

(53) Mhux l-emittenti kollha jkollhom aċċess għall-informazzjoni u gwida adegwati dwar l-iskrutinju u l-proċess ta' approvazzjoni u l-passi meħtieġa li jridu jsegwu biex ikollhom prospett approvat, peress li jeżistu metodi differenti mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri. Dan ir-Regolament għandu jelimina dawn id-differenzi billi jiġu armonizzati r-regoli li japplikaw għall-proċess ta' skrutinju u l-approvazzjoni sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti kollha jsegwu metodu konverġenti meta tkun qed tiġi analizzata l-kompletezza, il-konsistenza u l-intelliġibilità tal-informazzjoni li tinsab fi prospett. Gwida dwar kif jitolbu l-approvazzjoni ta' prospett għandha tkun disponibbli pubblikament fuq il-websajts tal-awtoritajiet kompetenti. L-ESMA għandha jkollha rwol ewlieni fit-trawwim ta' konverġenza superviżorja f'dan il-qasam billi tuża s-setgħat tagħha skont ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [13]. B'mod partikolari, l-ESMA għandha twettaq reviżjonijiet orizzontali li jkopru l-attivitajiet tal-awtoritajiet kompetenti skont dan ir-Regolament fi ħdan qafas ta' żmien xieraq qabel ir-reviżjoni ta' dan ir-Regolament u skont ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

(54) Biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-swieq tal-Istati Membri, huwa importanti li t-tariffi mitluba mill-awtoritajiet kompetenti għall-approvazzjoni u l-iddepożitar tal-prospetti u d-dokumenti relatati tagħhom jiġu żvelati.

---

[13] Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84)

(55) Peress li l-internet jiżgura l-aċċess faċli għall-informazzjoni, u sabiex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà aħjar għall-investituri, il-prospett approvat għandu dejjem jiġi ppubblikat f'forma elettronika. Il-prospett għandu jkun ippubblikat f'sezzjoni ddedikata tal-websajt tal-emittent, l-offerent jew tal-persuna li titlob l-ammissjoni, jew, fejn applikabbli, fuq il-websajt tal-intermedjarji finanzjarji fejn iqiegħdu jew ibiegħu t-titoli, inklużi l-aġenti li jħallsu, jew fuq il-websajt tas-suq irregolat fejn wieħed ifittex l-ammissjoni għall-kummerċ, jew tal-operatur tal-faċilità tan-negozjar multilaterali, u jiġi trażmess mill-awtorità kompetenti lill-ESMA flimkien mad-dejta rilevanti li tippermetti l-klassifikazzjoni tiegħu. L-ESMA għandha tipprovdi mekkaniżmu tal-ħażna ċentralizzata ta' prospetti li jippermettu l-aċċess mingħajr ħlas u faċilitajiet ta' tiftix xierqa għall-pubbliku. Il-prospetti għandhom jibqgħu disponibbli għall-pubbliku għal mill-inqas 10 snin wara l-pubblikazzjoni tagħhom biex jiżguraw li dak il-perjodu tagħhom ta' disponibbiltà pubblika huwa allinjat ma' dak tar-rapporti finanzjarji annwali u ta' kull sitt xhur skont id-Direttiva 2004/109/KE. Il-prospett għandu madankollu dejjem ikun disponibbli għall-investituri b'mod stampat, mingħajr ħlas u fuq talba.

(56) Huwa wkoll meħtieġ li jiġu armonizzati r-reklami sabiex jiġi evitat li tiddgħajjef il-fiduċja pubblika u li jiġi ippreġudikat il-funzjonament xieraq tas-swieq finanzjarji. Is-sens ta' ġustizzja u l-preċiżjoni tar-reklami, kif ukoll il-konsistenza tagħhom mal-kontenut tal-prospett huma ta' importanza kbira għall-protezzjoni tal-investituri, inklużi investituri bl-imnut, u s-superviżjoni ta' dawn ir-reklami hija parti integrali tar-rwol tal-awtoritajiet kompetenti.

(57) Kull fattur ġdid sinjifikanti, żball jew ineżattezza materjali li tista' tinfluwenza l-valutazzjoni tal-investiment, li jirriżultaw wara l-pubblikazzjoni tal-prospett imma qabel l-għeluq tal-offerta jew il-ftuħ ta' kummerċ f'suq regolat, għandhom jiġu vvalutati mill-investituri u għalhekk jeħtieġ l-approvazzjoni u d-disseminazzjoni ta' suppliment mal-prospett mingħajr dewmien żejjed.

(58) Sabiex tittejjeb iċ-ċertezza legali, it-termini ta' żmien rispettivi li fih l-emittent għandu jippubblika s-suppliment għall-prospett u li fih l-investituri għandhom dritt li jirtiraw l-aċċettazzjoni tagħhom tal-offerta wara l-pubblikazzjoni ta' suppliment għandha tiġi ċċarata. Min-naħa waħda, l-obbligu li jsir suppliment għall-prospett għandu japplika sal-għeluq finali tal-perjodu tal-offerta jew il-ħin meta in-negozjar ta' tali titoli f'suq regolat ikun beda, skont liema jseħħ l-aħħar. Min-naħa l-oħra, id-dritt li aċċettazzjoni tiġi rtirata għandu japplika biss meta l-prospett ikollu x'jaqsam ma' offerta ta' titoli lill-pubbliku u l-fattur ġdid, żball jew ineżattezza ikun beda qabel l-għeluq finali tal-offerta u r-rendiment tat-titoli. Għalhekk, id-dritt tal-irtirar għandu jkun marbut mal-ħin tal-fattur ġdid, żball jew ineżattezza li jagħti lok għal suppliment, u għandu jassumi li dan l-avveniment seħħ waqt li l-offerta hija miftuħa u qabel ma t-titoli kienu mogħtija. Sabiex tittejjeb iċ-ċertezza legali, is-suppliment għall-prospett għandu jispeċifika meta jintemm id-dritt tal-irtirar. L-intermedjarji finanzjarji għandhom jiffaċilitaw il-proċeduri meta l-investituri jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jirtiraw l-aċċettazzjonijiet.

(59) L-obbligu tal-emittent li jittraduċi l-prospett kollu fil-lingwi uffiċjali kollha rilevanti jiskoraġġixxi l-offerti transkonfinali jew il-kummerċ multiplu. Biex jiġu faċilitati offerti transkonfinali, fejn il-prospett jitfassal f'lingwa li hi komuni fl-isfera tal-finanzi internazzjonali, is-sommarju biss għandu jiġi tradott fil-lingwa(i) uffiċjali tal-Istat Membru ospitanti jew ta' domiċilju.

(60) L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha tkun intitolata li tirċievi ċertifikat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju li jiddikjara illi l-prospett tfassal skont dan ir-Regolament. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha tinnotifika wkoll lill-emittent jew il-persuna responsabbli għat-tfassil tal-prospett taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tal-prospett li huwa indirizzat lill-awtorità tal-Istat Membru ospitanti sabiex jipprovdi lill-emittent jew il-persuna responsabbli mit-tfassil tal-prospett iċ-ċertezza dwar jekk u meta tkun seħħet in-notifika.

(61) Sabiex jiġi żgurat li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament se jintlaħqu kompletament, huwa wkoll meħtieġ li jiġu inklużi fl-ambitu tiegħu titoli maħruġa minn emittenti li jkunu rregolati bil-liġijiet ta' pajjiżi terzi. L-emittenti minn pajjiżi terzi li jfasslu prospett skont dan ir-Regolament għandhom jaħtru rappreżentant fost l-entitajiet li jwettqu attivitajiet irregolati u ssorveljati skont ir-regolament tas-servizzi finanzjarji tal-UE, biex iservi bħala punt ta' kuntatt għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Ir-rappreżentant għandu jiżgura l-konformità, flimkien mal-emittent, mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Sabiex jiġu żgurati skambji ta' informazzjoni u kooperazzjoni ma' awtoritajiet ta' pajjiżi terzi rigward l-infurzar effettiv ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonkludu arranġamenti ta' kooperazzjoni mal-kontropartijiet tagħhom f'pajjiżi terzi. Kull trasferiment ta' dejta personali mwettaq abbażi ta' dawk il-ftehimiet għandu jkun konformi mad-Direttiva 95/46/KE u mar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. .

(62) Varjetà ta' awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, b'responsabbiltajiet differenti, toħloq spejjeż bla ħtieġa u duplikazzjoni ta' responsabbiltajiet mingħajr ma jkun hemm benefiċċju addizzjonali. F'kull Stat Membru għandha tinħatar awtorità kompetenti waħda sabiex tapprova l-prospetti u tassumi r-responsabbiltà għas-sorveljanza tal-konformità ma' dan ir-Regolament. Dik l-awtorità kompetenti għandha tiġi stabbilita bħala awtorità amministrattiva u f'tali forma li l-indipendenza tagħha mill-atturi ekonomiċi tkun garantita u sabiex jiġu evitati kunflitti ta' interess. Il-ħatra ta' awtorità kompetenti għall-approvazzjoni ta' prospett m'għandhiex teskludi l-kooperazzjoni bejn din l-awtorità kompetenti u entitajiet oħra, bħar-regolaturi bankarji u tal-assigurazzjoni jew l-awtoritajiet ta' ħruġ ta' ishma, bil-ħsieb li tiggarantixxi skrutinju effiċjenti u l-approvazzjoni tal-prospetti fl-interess tal-emittenti, l-investituri, il-parteċipanti fis-suq u s-swieq bl-istess mod. Id-delegazzjoni tal-kompiti minn awtorità kompetenti lil entità oħra għandha tkun awtorizzata biss fejn din tkun relatata mal-pubblikazzjoni tal-prospetti approvati.

(63) Sett ta' għodod u setgħat u riżorsi effettivi għall-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru jiggarantixxi l-effettività tas-superviżjoni. Dan ir-Regolament għalhekk b'mod partikolari jipprevedi sett minimu ta' setgħat superviżorji u investigattivi li għandhom jingħataw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri f'konformità mal-liġi nazzjonali. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati, fejn il-liġi nazzjonali tkun tirrikjedi dan, permezz ta' applikazzjoni lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti. Meta jeżerċitaw is-setgħat tagħhom skont dan ir-Regolament l-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA għandhom jaġixxu b'mod oġġettiv u imparzjali u jibqgħu awtonomi fit-teħid tad-deċiżjoni tagħhom.

(64) Għall-finijiet ta' skoperta ta' ksur ta' dan ir-Regolament, huwa neċessarju li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jaċċessaw siti oħra minbarra r-residenzi privati ta' persuni fiżiċi sabiex jikkonfiskaw dokumenti. L-aċċess għal tali bini hu meħtieġ meta jkun hemm suspett raġonevoli li dokumenti u dejta oħra relatati mas-suġġett ta' spezzjoni jew investigazzjoni ikunu fil-fatt jeżistu u jistgħu jkunu rilevanti biex

jippruvaw li hemm ksur ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, l-aċċess għal tali bini huwa meħtieġ meta: il-persuna li għaliha tkun diġà saret talba għal informazzjoni tonqos milli tikkonforma magħha; jew meta hemm raġunijiet ġustifikabbli biex wieħed jemmen li, kieku kellha ssir talba, ma tiġix milqugħa, jew id-dokumenti jew l-informazzjoni li t-talba għal informazzjoni tkun marbuta magħhom jitneħħew, jiġu mmanipulati jew jinqerdu.

(65) F'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Diċembru 2010 msejħa "Rinfurzar tar-reġimi tas-sanzjonar fis-settur tas-servizzi finanzjarji" u sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżiti stabbiliti ta' dan ir-Regolament jiġu sodisfatti, huwa importanti li l-Istati Membri jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw li l-ksur ta' dan ir-Regolament ikun soġġett għal penali amministrattivi u miżuri adatti. Dawk il-penali u miżuri amministrattivi għandhom ikunu effikaċi, proporzjonati u disważivi u jiżguraw metodu komuni fl-Istati Membri u effett deterrenti. Dan ir-Regolament m'għandux jillimita l-Istati Membri milli jipprevedu sanzjonijiet amministrattivi ta' livelli ogħla.

(66) Sabiex jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet magħmula mill-awtoritajiet kompetenti jkollhom effett dissważiv fuq il-pubbliku ġenerali, dawn għandhom normalment ikunu ppubblikati ħlief jekk l-awtorità kompetenti skont dan ir-Regolament jidhrilha li jkun neċessarju li tintgħażel pubblikazzjoni fuq bażi anonima, sabiex tiddewwem il-pubblikazzjoni jew le tas-sanzjonijiet.

(67) Għalkemm l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli għal penali amministrattivi u kriminali dwar l-istess ksur, l-Istati Membri m'għandhomx ikunu meħtieġa jistabbilixxu regoli għal penali amministrattivi għall-ksur ta' dan ir-Regolament li huwa soġġett għal-liġi kriminali nazzjonali by [*daħħal id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*]. F'konformità mal-liġi nazzjonali, l-Istati Membri mhumiex obbligati li jimponu kemm penali amministrattivi u kriminali għall-istess reat, iżda għandhom ikunu jistgħu jagħmlu dan jekk dan ikun permess mil-liġi nazzjonali tagħhom. Madankollu, iż-żamma ta' penali kriminali minflok penali amministrattivi għall-ksur ta' dan ir-Regolament m'għandhiex tnaqqas jew taffettwa b'xi mod ieħor il-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti li jikkooperaw, jaċċedu u jiskambjaw informazzjoni fil-ħin mal-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri oħra għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, inkluż wara kwalunkwe riferiment tal-ksur rilevanti lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għal prosekuzzjoni kriminali.

(68) Il-whistleblowers jistgħu jġibu informazzjoni ġdida għall-attenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti li tgħinhom sabiex jidentifikaw u jimponu sanzjonijiet f'każijiet ta' ksur ta' dan ir-Regolament. Dan ir-Regolament għandu għalhekk jiżgura li jkun hemm fis-seħħ arranġamenti adegwati li jippermettu biex il-whistleblowers ikunu jistgħu jwissu lill-awtoritajiet kompetenti dwar ksur attwali jew potenzjali ta' dan ir-Regolament u biex ikunu protetti minn ritaljazzjoni.

(69) Sabiex jiġu speċifikati r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-limiti msemmija fil-punt (i) tal-Artikolu 1 (2), fil-punti (c) u (d) tal-Artikolu 1 (3), il-kontenut ta' tagħrif minimu tad-dokumenti msemmija fil-punti (f) u (g) tal-Artikolu 1 (3) u punti (d) u (e) tal-Artikolu 1 (4), l-aġġustament tad-definizzjonijiet tal-Artikolu 2, l-iskrutinju, l-approvazzjoni, id-depożitar u r-reviżjoni tad-dokument tar-reġistrazzjoni universali, kif ukoll il-kundizzjonijiet sabiex jiġi emendat jew aġġornat, u l- kundizzjonijiet fejn l-istatus tal-emittent ta' spiss jista' jintilef, il-format tal-prospett, il-prospett bażi u t-termini finali, u l-informazzjoni speċifika li għandha tkun inkluża fil-prospett, l-

informazzjoni minima li tinsab fid-dokument ta' reġistrazzjoni universali, l-informazzjoni ridotta li tinsab fid-dokument ta' reġistrazzjoni u n-nota tat-titoli fil-każ ta' ħruġ sekondarju u mill-SMEs, il-format awtorizzat taħt l-Artikolu 15 (2), l-awtorizzazzjoni tal-ommissjoni mill-prospetti rigward ċertu tagħrif, il-proċeduri għall-iskrutinju u l-approvazzjoni tal-prospett , ir-reklami għat-titolu li jaqgħu fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, u l-kriterji ġenerali ta' ekwivalenza għall-prospetti mfassla mill-emittenti ta' pajjiżi terzi. Huwa ta' importanza partikolari li, matul il-ħidma preparatorja tagħha, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa, inkluż fil-livell tal-esperti. Il-Kummissjoni, fit-tħejjija u fit-tfassil tal-atti delegati, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(70) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-ekwivalenza tal-leġiżlazzjonijiet tal-prospett ta' pajjiż terz , is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jingħataw lill-Kummissjoni biex tieħu deċiżjoni fuq tali ekwivalenza. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14].

(71) L-istandards tekniċi fis-servizzi finanzjarji għandhom jiżguraw protezzjoni adegwata għall-investituri u l-konsumaturi madwar l-Unjoni. Bħala entità b'kompetenza esperta speċjalizzata ħafna, ikun effiċjenti u xieraq li l-ESMA tiġi fdata bl-elaborazzjoni ta' abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li ma jinvolvux għażliet ta' politika, li jiġu sottomessi lill-Kummissjoni.

(72) Il-Kummissjoni għandha tadotta abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji żviluppati mill-ESMA, rigward il-kontenut u l-format tal-preżentazzjoni tal-informazzjoni finanzjarja ewlenija storika li għandha tiddaħħal fis-sommarju, l-informazzjoni li għandha tkun inkorporata b'referenza u tipi oħra ta' dokumenti mitluba taħt il-liġi tal-Unjoni, il-pubblikazzjoni tal-prospett, l-informazzjoni meħtieġa għall-klassifikazzjoni tal-prospetti fil-mekkaniżmu tal-ħażna mħaddem mill-ESMA, is-sitwazzjonijiet fejn fattur ġdid sinjifikanti, żball materjali jew ineżattezza relatati mal-informazzjoni inkluża fil-prospett teħtieġ suppliment għall-prospett li għandu jiġi ppubblikat, l-informazzjoni skambjata bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA fil-kuntest tal-obbligu ta' kooperazzjoni, u d-dokument mudell għall-arranġamenti ta' kooperazzjoni ma' awtoritajiet superviżorji f'pajjiżi terzi. Il-Kummissjoni għandha tadotta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 290 TFUE u skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

(73) Il-Kummissjoni għandu jkollha wkoll is-setgħa li tadotta standards tekniċi ta' implimentazzjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 tat-TFUE, u skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. L-ESMA għandha tkun fdata bit-tfassil ta' standards tekniċi li jridu jiġu sottomessi lill-Kummissjoni rigward l-implimentazzjoni tal- formoli, mudelli u proċeduri bażiċi għan-notifika taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni, il-prospett, is-suppliment għall-prospett u t-traduzzjoni tal-prospett u/jew is-sommarju, il-formoli standard, il-mudelli u l-proċeduri għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti, u l-proċeduri u l-formoli għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA.

(74) Fl-eżerċizzju tal-poteri delegati u implimentattivi tagħha skont dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tirrispetta l-prinċipji li ġejjin:

---

[14] Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, it-28.2.2011, p. 13).

– il-ħtieġa li tiġi assigurata l-kunfidenza fis-swieq finanzjarji fost investituri mhux professjonali u l-SMEs billi jiġu promossi standards għoljin ta' trasparenza fis-swieq finanzjarji,

– il-ħtieġa li tikkalibra r-rekwiżiti ta' żvelar ta' prospett filwaqt li tqis id-daqs tal-emittent u l-informazzjoni li emittent ikun meħtieġ li jiżvela skont id-Direttiva 2004/109/KE u r-Regolament (UE) Nru 596/2014,

– il-ħtieġa li tiffaċilita l-aċċess għas-swieq kapitali għall-SMEs, filwaqt li tiżgura l-kunfidenza tal-investituri li jinvestu f'dawn il-kumpaniji,

– il-ħtieġa li l-investituri jiġu pprovduti b'firxa wiesgħa ta' opportunitajiet ta' investiment li jikkompetu ma' xulxin u livell ta' żvelar u protezzjoni mfassla apposta skont iċ-ċirkostanzi tagħhom,

– il-ħtieġa li jiġi żgurat illi l-awtoritajiet regolatorji indipendenti jinfurzaw ir-regoli b'mod konsistenti, speċjalment rigward il-ġlieda kontra l-kriminalità minn ħaddiema mhux manwali,

– il-ħtieġa ta' trasparenza u ta' konsultazzjoni ta' livell għoli mal-parteċipanti kollha tas-swieq u mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill,

– il-ħtieġa li tiġi inkoraġġita l-innovazzjoni fis-swieq finanzjarji jekk dawn iridu jkunu dinamiċi u effiċjenti,

– il-ħtieġa li tiġi żgurata l-istabbiltà sistematika tas-sistema finanzjarja billi l-innovazzjoni finanzjarja tiġi mmonitorjata mill-qrib u b'mod reattiv,

– l-importanza li titnaqqas l-ispiża tal-kapital u li jiżdied l-aċċess għalih,

– il-ħtieġa li jiġu bbilanċjati, fuq bażi fit-tul, l-ispejjeż u l-benefiċċji għall-parteċipanti kollha tas-suq ta' kull miżura ta' implimentazzjoni,

– il-ħtieġa li titrawwem il-kompetittività internazzjonali tas-swieq finanzjarji tal-Unjoni mingħajr preġudizzju għall-estensjoni tant meħtieġa tal-kooperazzjoni internazzjonali,

– il-ħtieġa li tinkiseb bażi ugwali għall-parteċipanti kollha tas-suq billi tiġi stabbilita leġiżlazzjoni tal-Unjoni kull darba li jkun xieraq,

– il-ħtieġa li tiġi żgurata l-koerenza ma' leġislazzjoni oħra tal-Unjoni f'dan il-qasam, minħabba li l-iżbilanċi fl-informazzjoni u n-nuqqas ta' trasparenza jistgħu jipperikolaw l-operat tas-swieq u fuq kollox jagħmlu dannu lill-konsumaturi u lill-investituri żgħar.

(75) Kwalunkwe pproċessar ta' dejta personali mwettaq fil-qafas ta' dan ir-Regolament, bħall-iskambju jew it-trażmissjoni ta' dejta personali mill-awtoritajiet kompetenti, għandu jsir b'mod konformi mad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [15] u kwalunkwe skambju jew trażmissjoni ta' informazzjoni mill-ESMA għandu jsir skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [16].

---

15 Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta (ĠU L 281, it-23.11.1995, p. 31).

16 Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-dejta (ĠU L 8, it-12.1.2001, p. 1).

(76) Mhux aktar tard minn ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u tevalwa b'mod partikolari jekk l-iskemi ta' żvelar għall-ħruġ sekondarju u għall-SMEs, id-dokument tar-reġistrazzjoni universali u s-sommarju tal-prospett għadhomx xierqa biex jilħqu l-għanijiet segwiti minn dan ir-Regolament.

(77) L-applikazzjoni tar-rekwiżiti f'dan ir-Regolament għandha tiġi ddifferita sabiex tippermetti l-adozzjoni ta' atti delegati u implimentattivi u sabiex tippermetti lill-parteċipanti fis-suq jassimilaw u jippjanaw l-applikazzjoni tal-miżuri l-ġodda .

(78) Ladarba l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri t-tisħiħ tal-protezzjoni tal-investitur u l-effiċjenza tas-suq filwaqt li tiġi stabbilita l-Unjoni tas-Swieq Kapitali, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-effetti tagħha, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, dan ir-regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

(79) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.Għalhekk dan ir-Regolament għandu jiġi interpretat u applikat b'rispett għal dawk id-drittijiet u l-prinċipji.

(80) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta ġie kkonsultat skont l-Artikolu 28 (2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 u ta l-opinjoni tiegħu.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I
DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1
Għan u kamp ta' applikazzjoni

1. L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jistabbilixxi r-rekwiżiti għat-tfassil, l-approvazzjoni u d-distribuzzjoni tal-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat li jkun jinsab jew jopera fi Stat Membru.

2. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għat-tipi ta' titoli li ġejjin:

   (a) l-unitajiet maħruġa minn impriżi oħra ta' investiment kollettiv għajr tat-tip tat-tmiem magħluq;

   (b) it-titoli ta' mingħajr ekwità maħruġa minn Stat Membru jew mill-awtoritajiet lokali jew reġjonali ta' Stat Membru, minn korpi pubbliċi internazzjonali li tagħhom ikunu membri Stat Membru jew iktar, mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-banek ċentrali tal-Istati Membri;

   (c) (ċ) l-ishma fil-kapital tal-banek ċentrali tal-Istati Membri;

   (d) it-titoli ggarantiti mingħajr kundizzjonijiet u b'mod irrevokabbli minn Stat Membru jew minn waħda mill-awtoritajiet reġjonali jew lokali ta' Stat Membru;

   (e) It-titoli maħruġa minn assoċjazzjonijiet bi status legali jew korpi li ma jagħmlux profitt, rikonoxxuti minn Stat Membru, għall-finijiet li jinkiseb il-

finanzjament meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet tagħhom mingħajr skop ta' profitt ;

(f) it-titoli migħajr ekwità maħruġa b'manjiera ssoktata jew imtennija mill-istituzzjoninjiet tal-kreditu sakemm dawn it-titoli ikunu konformi mal-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) dawn ma jkunux subordinati, konvertibbli jew skambjabbli;

(ii) dawn ma jagħtux id-dritt li jiġu sottoskritti jew miksuba tipi oħra ta' titoli u li ma jkunux marbuta ma' strument derivattiv;

(iii) dawn jimmaterjalizzaw billi jiġu rċevuti depożiti li jitħallsu lura;

(iv) dawn ikunu koperti minn skema ta' garanzija tad-depożiti skont id-Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [17];

(g) ishma mhux funġibbli ta' kapital li l-għan ewlieni tagħhom huwa li jipprovdi lid-detentur bi dritt li jokkupa appartament, jew għamla oħra ta' proprjetà immobbli jew parti minnha u meta l-ishma ma jkunux jistgħu jinbiegħu lil ħaddieħor mingħajr ma jiskadi dan id-dritt;

(h) "bostadsobligationer" maħruġa b'mod irripetut mill-instituzzjonijiet tal-kreditu fl-Iżvezja li l-għan ewlieni tagħhom huwa li jikkonċedu self fuq l-ipoteki, sakemm:

(i) il-"bostadobligationer" maħruġa jkunu tal-istess serje;

(ii) il-"bostadsobligationer" jinħarġu meta tinqala' l-ħtieġa matul perjodu taż-żmien speċifikat tal-ħruġ;

(iii) it-termini u l-kundizzjonijiet tal-"bostadsobligationer" ma jinbidlux matul il-perjodu taż-żmien tal-ħruġ;

(iv) is-somom li joħorġu mill-ħruġ tal-"bostadsobligationer", skont l-artikoli tal-assoċjazzjoni ta' min joħroġ it-titoli, jitqiegħdu f'attività li jipprovdu kopertura suffiċjenti għar-responsabbiltà li toħroġ mit-titoli;

(i) titoli migħajr ekwità maħruġa b'manjiera ssuktata jew imtennija mill-istituzzjoni ta' kreditu, fejn il-korrispettiv totali aggregat fl-Unjoni għat-titoli offruti ikun inqas minn EUR 75 000 000 għal kull istituzzjoni ta' kreditu fuq perjodu ta' 12-il xahar, sakemm dawn it-titoli:

(i) ma jkunux subordinati, konvertibbli jew skambjabbli;

(ii) ma jagħtux id-dritt li jiġu sottoskritti jew miksuba tipi oħra ta' titoli u li ma jkunux marbuta ma' strument derivattiv.

3. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal kwalunkwe mit-tipi ta' offerti ta' titoli lill-pubbliku li ġejjin:

(j) offerta għat-titoli indirizzata lill-investituri kkwalifikati biss;

(k) offera għat-titoli indirizzata lil inqas minn 150 persuna naturali jew legali għal kull Stat Membru, għajr għall-investituri kkwalifikati;

(l) offerta ta' titoli indirizzata lill-investituri li jiksbu titoli għal ammont totali ta' mill-inqas EUR 100 000 għal kull investitur, għal kull offerta separata;

[17] Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar skemi ta' garanzija tad-depożiti (ĠU L 173, it-12.6.2014, p. 149).

(m) offerta ta' titoli b'korrispettiv totali fl-Unjoni ta' inqas minn EUR 500 000, li għandu jiġi kkalkolat fuq perjodu ta' 12-il xahar;

(n) l-ishma maħruġa minflok l-ishma tal-istess klassi diġà maħruġa, jekk il-ħruġ ta' dawn l-ishma ġodda ma jinvolvi l-ebda żjieda fil-kapital maħruġ;

(o) titoli offruti b'konnessjoni ma' teħid ta' kontroll permezz ta' offerta ta' skambju, sakemm ikun hemm disponibbli dokument li jkun fih informazzjoni li tiddeskrivi t-tranżazzjoni u l-impatt tagħha fuq l-emittent;

(p) titoli offruti, assenjati jew li jridu jiġu assenjati b'konnessjoni ma' inkorporazzjoni jew diviżjoni, sakemm ikun hemm disponibbli dokument li jkun fih informazzjoni li tiddeskrivi t-tranżazzjoni u l-impatt tagħha fuq l-emittent;

(q) id-dividendi mħallsa lid-detenturi tal-ishma eżistenti fl-għamla ta' ishma tal-istess klassi bħall-ishma li fir-rigward tagħhom qed jitħallsu dawn id-dividendi, sakemm ikun disponibbli dokument li jkun fih it-tagħrif dwar l-għadd u n-natura tal-ishma u r-raġunijiet għall-offerta u d-dettalji dwarha;

(r) titoli offruti, allokati jew li jridu jiġu assenjati lid-diretturi jew lill-impjegati eżistenti jew preċedenti minn min jimpjegahom jew minn intrapriża affiljata sakemm ikun hemm dokument li jkun fih l-informazzjoni dwar l-għadd u n-natura tat-titoli u r-raġunijiet u d-dettalji tal-offerta jew l-allokazzjoni.

4. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għall-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat ta' kwalunkwe minn dawn li ġejjin:

(s) titoli funġibbli ma' titoli diġà ammessi għall-kummerċ fl-istess suq regolat, sakemm dawn jirrappreżentaw, fuq perjodu ta' 12-il xahar, inqas minn 20 fil-mija tan-numru ta' ishma diġà ammessi għall-kummerċ fl-istess suq regolat;

(t) ishma li jirriżultaw mill-konverżjoni jew l-iskambju ta' titoli oħra jew mill-eżerċizzju tad-drittijiet konferiti minn titoli oħra, meta l-ishma li jirriżultaw huma tal-istess klassi bħall-ishma diġà ammessi għall-kummerċ fl-istess suq regolat, sakemm l-ishma li jirriżultaw jirrappreżentaw, matul perjodu ta' 12-il xahar, inqas minn 20 fil-mija tan-numru ta' ishma tal-istess klassi diġà ammessi għall-kummerċ fl-istess suq regolat. Fejn prospett kien imfassal skont dan ir-Regolament jew id-Direttiva 2003/71/KE fuq l-offerta lill-pubbliku jew id-dħul fin-negozju tat-titoli li jagħtu aċċess għall-ishma, jew fejn it-titoli li jagħtu aċċess għall-ishma nħarġu qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, dan ir-Regolament m'għandux japplika għall-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat tal-ishma li jirriżultaw minkejja l-proporzjon tagħhom fir-rigward tan-numru ta' ishma tal-istess klassi diġà ammessi għall-kummerċ fl-istess suq regolat.

(u) ishma maħruġa minflok l-ishma tal-istess klassi diġà ammessi għall-kummerċ fl-istess suq regolat, meta l-ħruġ ta' tali ishma ma jinvolvix xi żjieda fil-kapital maħruġ;

(v) titoli offruti b'konnessjoni ma' teħid ta' kontroll permezz ta' offerta ta' skambju, sakemm ikun hemm dokument li jkun fih informazzjoni li tiddeskrivi l-operazzjoni u l-impatt tagħha fuq l-emittent;

(w) titoli offruti, allokati jew li jridu jiġu assenjati b'konnessjoni ma' inkorporazzjoni jew diviżjoni, sakemm ikun hemm dokument li jkun fih informazzjoni li tiddeskrivi l-operazzjoni u l-impatt tagħha fuq l-emittent;

(x) l-ishma offruti, allokati jew li jridu jiġu allokati mingħajr ħlas lill-azzjonisti eżistenti, u d-dividendi mħallsa fl-għamla ta' ishma tal-istess klassi bħall-ishma li rigward tagħhom jitħallsu dawn id-dividendi, sakemm l-ishma msemmija jkunu tal-istess klassi bħal ishma diġà ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u jkun hemm disponibbli dokument li jkun fih it-tagħrif dwar in-numru u n-natura tal-ishma u r-raġunijiet u d-dettalji tal-offerta jew allokazzjoni;

(y) it-titoli offruti, assenjati jew li jridu jiġu assenjati lid-diretturi jew lill-impjegati eżistenti jew ta' qabel minn min jimpjegahom jew impriża affiljata, sakemm it-titoli msemmija jkunu tal-istess klassi bħat-titoli diġà ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u sakemm ikun disponibbli dokument li jkun fih it-tagħrif dwar in-numru u n-natua tat-titoli u r-raġunijiet u d-dettalji tal-offerta jew allokazzjoni;

(z) l-ishma diġà ammessi għall-kummerċ f'suq ieħor regolat, bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) illi dawn it-titoli, jew titoli tal-istess klassi, ikunu ġew ammessi għall-kummerċ fis-suq l-ieħor regolat għal iktar minn 18-il xahar;

(ii) li, għal titoli ammessi l-ewwel għall-kummerċ f'suq regolat wara l-1 ta' Lulju 2005, l-ammissjoni għall-kummerċ f'dan is-suq regolat ieħor kienet suġġetta għal prospett approvat u ppubblikat skont id-Direttiva 2003/71/KE;

(iii) li, ħlief fejn il-punt (ii) japplika, għat-titoli ammessi l-ewwel għall-ħruġ wara t-30 ta' Ġunju 1983, id-dettalji tal-ħruġ kienu ġew approvati skont ir-rekwiżiti tad-Direttiva tal-Kunsill 80/390/KEE [18] jew id-Direttiva 2001/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [19];

(iv) illi jkunu mwettqa l-obbligi li jkunu għaddejja għall-kummerċ f'dan is-suq l-ieħor regolat; u

(v) li persuna li tfittex l-ammissjoni ta' titolu għall-kummerċ f'suq regolat taħt din l-eżenzjoni tforni lill-pubbliku fl-Istat Membru tas-suq regolat fejn l-ammissjoni għall-kummerċ tkun qed tiġi mfittxija, bil-mod iddikjarat f'dan Artikolu 20(2), dokument li l-kontenut tiegħu jkun konformi mal-Artikolu 7, li jkun imfassal f'lingwa aċċettata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tas-suq regolat fejn l-ammissjoni tkun qed tiġi mfittxija. Id-dokument għandu jiddikjara minfejn il-prospett l-iktar riċenti jista' jinkiseb u fejn l-informazzjoni finanzjarja ppubblikata mill-emittent skont l-obbligi ta' żvelar tiegħu tkun disponibbli.

5. Sabiex jitqiesu l-iżviluppi tekniċi fis-swieq finanzjarji, inkluża l-inflazzjoni, il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 42, miżuri li jikkonċernaw:

(aa) l-aġġustament tal-limitu monetarju stabbilit fil-punt (i) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu;

[18] id-Direttiva tal-Kunsill 80/390/KEE tas-17 ta' Marzu 1980, li tikkoordina l-ħtiġijiet għat-tfassil, l-iskrutinju u d-distribuzzjoni tad-dettalji tal-ħruġ li għandhom jiġu ppubblikati għall-ammissjoni ta' titoli għall-ħruġ uffiċjali f'borża (ĠU L 100, is-17.4.1980, p. 1).

[19] Direttiva 2001/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 28 ta' Mejju 2001 dwar l-ammissjoni ta' titoli fil-listi uffiċjali tal-borża u dwar informazzjoni li għandha tkun ippubblikata dwar dawk it-titoli (ĠU L 184, is-6.7.2001, p. 1).

(bb) il-limiti fil-punti (c) u (d) tal-paragrafu 3 ta’ dan l-Artikolu;

6. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 42 li jistabbilixxi l-kontenut ta’ informazzjoni minima tad-dokumenti msemmija fil-punti (f) u (g) tal-paragrafu 3 u l-punti (d) u (e) tal-paragrafu 4 ta’ dan l-Artikolu.

Artikolu 2
Definizzjonijiet

7. Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet li ġejjin japplikaw:

(cc) "titoli" tfisser titoli trasferibbli kif iddefiniti fl-Artikolu 4(1)(44) tad-Direttiva 2014/65/UE bl-eċċezzjoni ta’ strumenti tas-suq monetarju kif definit mill-Artikolu 4(1)(17) tad-Direttiva 2014/65/UE, li jkollhom maturità ta’ inqas minn 12-il xahar;

(dd) "titoli ta’ ekwità" tfisser l-ishma u t-titoli l-oħra trasferibbli ekwivalenti għall-ishma fil-kumpaniji, kif ukoll kull tip ieħor ta’ titoli trasferibbli li jagħtu d-dritt li jinkiseb kull wieħed mit-titoli memmija hawn fuq bħala konsegwenza li jkunu jistgħu jiġu kkonvertiti jew li jiġu eżerċitati minnhom id-drittijiet ikkonferiti minnhom, sakemm it-titoli tat-tip tal-aħħar jinħarġu minn emittenti tal-ishma sottostanti jew minn entità li tappartjeni għall-grupp imsemmi ta’ min joħroġhom;

(ee) (ċ) "titoli mingħajr ekwità" tfisser it-titoli kollha li mhumiex titoli ta’ ekwità;

(ff) "offerta tat-titoli lill-pubbliku" tfisser komunikazzjoni lil persuni f’kull għamla u b’kull mezz, li tippreżenta tagħrif biżżejjed dwar it-termini tal-offerta u dwar it-titoli li jkunu sejrin jiġu offerti, hekk li jgħinu lill-investitur biex jiddeċiedi dwar dawn it-titoli li jixtrihom jew jissottoskrivihom. Din id-definizzjoni tapplika wkoll għat-tqegħid tat-titoli permezz ta’ intermedjarji finanzjarji;

(gg) "investituri kwalifikati" tfisser persuni jew entitajiet li huma elenkati fil-punti (1) sa (4) tat-Taqsima I tal-Anness II għad-Direttiva 2014/65/UE, u persuni jew entitajiet li huma, fuq talba, ttrattati bħala klijenti professjonali skont it-Taqsima II tal-Anness II għad-Direttiva 2014/65/UE, jew rikonoxxuti bħala kontropartijiet eliġibbli skont l-Artikolu 30 tad-Direttiva 2014/65/UE sakemm ma jkunux talbu li jiġu ttrattati bħala klijenti mhux professjonali. Fuq talba, id-ditti ta’ investiment u l-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom jikkomunikaw il-klassifikazzjonijiet tagħhom lill-emittent bla preġudizzju għal-leġiżlazzjoni rilevanti dwar il-protezzjoni tad-dejta.

(hh) "intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju" ("SMEs") tfisser jew

– kumpaniji, li, skont il-kontijiet annwali jew ikkonsolidati tagħhom, jilħqu mill-inqas tnejn mit-tliet kriterji li ġejjin: numru medju ta’ impjegati matul is-sena finanzjarja ta’ inqas minn 250, karta tal-bilanċ totali li ma taqbiżx EUR 43 000 000 u qligħ nett annwali li ma jaqbiżx EUR 50 000 000; jew

– intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju kif definiti fl-Artikolu 4(1)(13) tad-Direttiva 2014/65/UE.

(ii) "istituzzjoni ta' kreditu" tfisser impriża kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [20];

(jj) "emittent" tfisser entità legali li toħroġ jew tipproponi li toħroġ it-titoli;

(kk) "offerent" tfisser entità jew individwu legali li joffru t-titoli lill-pubbliku;

(ll) "suq regolat" tfisser suq kif definit bl-Artikolu 4(1)(21) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(mm) "reklam" tfisser avviżi:

– dwar offerta speċifika għall-pubbliku ta' titoli jew ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat; u

– li jfittxu li jippromwovu speċifikament is-sottoskrizzjoni potenzjali jew l-akkwist ta' titoli.

(nn) "informazzjoni regolata" tfisser l-informazzjoni kollha kif definit fl-Artikolu 2(1)(k) tad-Direttiva 2004/109/KE;

(oo) "Stat Membru ta' domiċilju" tfisser:

(i) għal dawk kollha li joħorġu titoli stabbiliti fl-Unjoni li mhumiex imsemmija fil-punt (ii), l-Istat Membru fejn l-emittent ikollu l-uffiċċju reġistrat tiegħu;

(ii) għal kull ħruġ ta' titoli mingħajr ekwità li d-denominazzjoni għal kull unità tammonta għal mill-inqas EUR 1 000, u għal kull ħruġ ta' titoli mingħajr ekwità li jagħti d-dritt li jakkwistaw kull titolu trasferibbli jew li jirċievu ammont fi flus kontanti, bħala konsegwenza li dawn ikunu ġew konvertiti jew id-drittijiet ikkonferiti minnhom jiġu eżerċitati, bil-kundizzjoni li l-emittent tat-titoli mingħajr ekwità ma jkunx l-emittent tat-titoli sottostanti jew entità li tappartjeni għall-grupp tal-emittent tal-aħħar, l-Istat Membru fejn l-emittent ikollu l-uffiċċju reġistrat tiegħu, jew meta t-titoli kienu jew ikunu ser jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat jew meta t-titoli jiġu offruti lill-pubbliku, skont l-għażla tal-emittent, l-offerent jew il-persuna li qed tagħmel it-talba għall-ammissjoni. L-istess għandu japplika għat-titoli mingħajr ekwità f'munita oħra għajr l-euro, sakemm il-valur ta' tali denominazzjoni minima jkun ta' kważi EUR 1 000;

(iii) għall-emittenti kollha ta' titoli stabbiliti f'pajjiż terz li mhumiex imsemmija fil-punt (ii), l-Istat Membru fejn it-titoli jkunu intiżi li jiġu offruti lill-pubbliku għall-ewwel darba jew meta tkun saret l-ewwel applikazzjoni għall-ammissjoni fil-kummerċ f'suq regolat, skont l-għażla tal-emittent, l-offerent jew il-persuna li titlob l-ammissjoni, soġġett għall-għażla sussegwenti ta' emittenti stabbiliti f'pajjiż terz f'waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

– fejn l-Istat Membru ta' domċilju ma jkunx ġie stabbilit mill-għażla ta' dawn l-emittenti,

– skont il-punt (1)(i)(iii) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/109/KE;

---

[20] Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

(pp) "Stat Membru ospitanti" tfisser Stat Membru fejn issir l-offerta lill-pubbliku jew fejn tkun qed tintalab l-ammissjoni għall-kummerċ, meta dan ikun differenti mill-Istat Membru ta' domiċilju;

(qq) “impriża ta' investiment kollettiv għajr tat-tip tat-tmiem magħluq" tfisser it-trusts tal-unitajiet u l-kumpaniji tal-investiment b'dawn iż-żewġ katratteristiċi:

(i) li jinġabar kapital minn numru ta' investituri, bil-ħsieb li jinvestuh skont politika ta' investiment iddefinita għall-benefiċċju ta' dawk l-investituri;

(ii) l-unitajiet tagħhom huma, fuq talba tad-detentur, mixtrija jew mifdija mill-ġdid, direttament jew indirettament, mill-assi tagħhom;

(rr) "unitajiet ta' impriża ta' investiment kollettiv" tfisser titoli maħruġa minn impriża ta' investiment kollettiv li jirrappreżentaw id-drittijiet tal-parteċipanti f'din l-impriża fuq l-assi tagħha;

(ss) "approvazzjoni" tfisser l-att pożittv mar-riżultat tal-iskrutinju mill-awtorità kompetenti tal-Istati Membri ta' domiċilju rigward il-kompletezza, il-konsistenza u kemm tinftiehem l-informazzjoni mogħtija fil-prospett;

(tt) "prospett bażi" tfisser prospett li jkun konformi mal-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament, u, skont l-għażla tal-emittent, it-termini finali tal-offerta;

(uu) "ġranet ta' xogħol', għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, tfisser ġranet tax-xogħol tal-awtorità nazzjonali kompetenti esklużi s-Sibtijiet, il-Ħdud u l-festi pubbliċi, kif iddefinit mil-liġi nazzjonali applikabbli għall-awtorità nazzjonali kompetenti;

(vv) "faċilità multilaterali tan-negozjar" tfisser sistema multilaterali kif definita fl-Artikolu 4(1)(22) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(ww) “Suq tat-tkabbir tal-SMEs” tfisser suq tat-tkabbir tal-SMEs kif definit fl-Artikolu 4(1)(12) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(xx) "emittent ta' pajjiż terz" tfisser emittent stabbilit f'pajjiż terz.

8. Sabiex jitqiesu l-iżviluppi tekniċi fis-swieq finanzjarji, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 42 biex tispeċifika xi elementi tekniċi tad-definizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, inkluż l-aġġustament taċ-ċifri stabbiliti fid-definizzjoni ta' “intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)" fil-punt (f) tal-paragrafu 1, filwaqt li tiġi kkunsidrata s-sitwazzjoni fis-swieq nazzjonali differenti, inkluża l-klassifikazzjoni ta' intrapriżi użati mill-operaturi tas-swieq regolati u l-faċilitajiet multilaterali ta' kummerċ , il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u r-rakkomandazzjonijiet kif ukoll l-iżviluppi ekonomiċi.

Artikolu 3
L-obbligu li jiġi ppubblikat prospett u eżenzjoni

9. M'għandhomx jiġu offruti titoli lill-pubbliku fl-Unjoni mingħajr il-pubblikazzjoni minn qabel tal-prospett.

10. Stat Membru jista' jeżenta offerti ta' titoli lill-pubbliku mill-obbligu tal-prospett tal-paragrafu 1 sakemm:

(yy) l-offerta ssir biss f'dak l-Istat Membru, u

(zz) l-korrispettiv totali tal-offerta jkun inqas minn ammont monetarju kkalkolat fuq perjodu ta' 12-il xahar, li m'għandux jeċċedi EUR 10 000 000.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-ESMA bl-eżerċitar tal-opzjoni taħt dan il-paragrafu, inkluża l-konsiderazzjoni tal-offerta magħżula li taħtha tapplika l-eżenzjoni għall-offerti.

11. It-titoli m'għandhomx ikunu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat li jkun jinsab jew li jopera ġewwa l-Unjoni mingħajr il-pubblikazzjoni minn qabel ta' prospett.

Artikolu 4
Prospett volontarju

Meta offerta ta' titoli lill-pubbliku jew ammissjoni ta' titoli għall-kummerċ f'suq regolat ma taqax fl-ambitu ta' dan ir-Regolament kif imfisser fl-Artikolu 1, l-emittent, l-offerent jew il-persuna li titlob l-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat għandha tkun intitolata li volontarjament tfassal prospett skont dan ir-Regolament.

Prospett volontarju approvat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju, kif stabbilit skont l-Artikolu 2 (1)(m), għandu jinkludi d-drittijiet u l-obbligi previsti fil-prospett b'mod mandatorju taħt dan ir-Regolament u għandu jkun suġġett għad-dispożizzjonijiet kollha ta' dan ir-Regolament, taħt is-superviżjoni ta' dik l-awtorità kompetenti.

Artikolu 5
Il-bejgħ mill-ġdid sussegwenti ta' titoli

Kwalunkwe bejgħ mill-ġdid sussegwenti ta' titoli li qabel kienu s-suġġett ta' tip wieħed jew aktar ta' offerta ta' titoli elenkati fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 1 (3) għandu jitqies bħala offerta separata u d-definizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2 (1)(d) għandha tapplika sabiex ikun stabbilit jekk dan bejgħ mill-ġdid huwiex offerta ta' titoli għall-pubbliku. It-tqegħid tat-titoli permezz ta' intermedjarji finanzjarji għandu jkun soġġett għall-pubblikazzjoni ta' prospett fejn l-ebda waħda mill-kundizzjonijiet elenkati fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 1(3) ma jkunu sodisfatti għat-tqegħid finali.

L-ebda prospett addizzjonali m'għandu jkun meħtieġ fi kwalunkwe bejgħ mill-ġdid sussegwenti bħal dan ta' titoli jew assenjazzjoni finali tat-titoli permezz ta' intermedjarji finanzjarji sakemm prospett validu jkun disponibbli skont l-Artikolu 12 u l-emittent jew il-persuna responsabbli għat-tfassil ta' tali prospett jaqblu mal-użu tiegħu permezz ta' ftehim bil-miktub.

KAPITOLU II
IT-TFASSIL TAL-PROSPETT

Artikolu 6
Il-Prospett

12. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 14(2) u l-Artikolu 17 (2), il-prospett għandu jkun fih l-informazzjoni li, skont in-natura partikolari tal-emittent u tat-titoli offruti lill-pubbliku jew ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, tkun meħtieġa biex investituri jkunu jistgħu jagħmlu valutazzjoni infurmata tal-assi u r-responsabbiltajiet, il-pożizzjoni finanzjarja, il-profitti u t-telf, u l-prospetti tal-emittent u ta' kull garanti, u tad-drittijiet marbuta ma' dawn it-titoli. Dik l-

informazzjoni għandha tkun ippreżentata f'forma li tkun faċilment analizzabbli, konċiża u li tinftiehem.

13. L-emittent, l-offerent jew il-persuna li titlob l-ammissjoni fil-kummerċ f'suq regolat jistgħu jfasslu l-prospett bħala dokument uniku jew bħala dokumenti separati.

Prospett magħmul minn dokumenti separati għandu jaqsam l-informazzjoni meħtieġa f'dokument tar-reġistrazzjoni, nota tat-titoli u s-sommarju, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8 (7). Id-dokument tar-eġistrazzjoni għandu jkun fih l-informazzjoni li għandha x'taqsam mal-emittent. In-nota dwar it-titoli għandu jkun fiha t-tagħrif li jirrigwarda t-titoli li jkunu sejrin jiġu offruti lill-pubbliku jew li jridu jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat.

Artikolu 7
Is-sommarju tal-prospett

14. Il-prospett għandu jinkludi sommarju li jipprovdi t-tagħrif ewlieni li l-investituri jeħtieġu biex jifhmu n-natura u r-riskji tal-emittent, il-garanti u t-titoli li qed jiġu offruti jew ammessi għan-negozjar f'suq regolat, u li, meta jinqara flimkien mal-partijiet l-oħra tal-prospett, jgħin lill-investituri meta jiġu biex jikkunsidraw jekk jinvestux f'dawn it-titoli.

15. Il-kontenut tas-sommarju għandu jkun preċiż, ġust, ċar u ma jiżgwidax. Għandu jkun konsistenti mal-partijiet l-oħra tal-prospett.

16. Is-sommarju għandu jitfassal bħala dokument qasir miktub b'mod konċiż u ta' massimu ta' sitt paġni ta' daqs A4 meta tistampatah. Dan għandu:

(aaa) jiġi ppreżentat u strutturat b'mod li jkun faċli biex jinqara, bl-użu ta' tipa li tinqara;

(bbb) ikun miktub f'lingwa u stil li jiffaċilita l-fehim tal-informazzjoni, b'mod partikolari, li l-lingwa tkun ċara, mhux teknika, konċiża u li tinftiehem.

17. Is-sommarju għandu jkun magħmul mill-erba' taqsimiet li ġejjin:

(ccc) introduzzjoni li tinludi t-twissijiet;

(ddd) informazzjoni essenzjali dwar l-emittent, l-offerent jew il-persuna li qed tagħmel it-talba għall-ammissjoni;

(eee) informazzjoni ewlenija fuq it-titoli;

(fff) informazzjoni prinċipali dwar l-offerta nnifisha u/jew l-ammissjoni għall-kummerċ.

18. L-introduzzjoni tas-sommarju għandu jkun fiha l-isem tat-titoli, l-identità u d-dettalji tal-emittent, l-offerent jew il-persuna li tfittex l-ammissjoni, l-identità u d-dettalji tal-awtorità kompetenti ta' domiċilju u d-data tad-dokument. Dan għandu jkun fih twissijiet li:

(ggg) il-ġabra fil-qosor għandha tinqara bħala introduzzjoni għall-prospett;

(hhh) kull deċiżjoni ta' investiment fit-titoli għandha tiġi bbażata fuq kunsiderazzjoni tal-prospett sħiħ mill-investitur;

(iii) (ċ) meta pretensjoni li jkollha x'taqsam mat-tagħrif li jkun jinsab fi prospett titressaq quddiem il-qorti, l-investitur attur jista', skont il-liġi nazzjonali tal-

Istati Membri, jkollu jbati l-ispejjeż tat-traduzzjoni tal-prospett qabel ma jinbdew il-proċeduri legali;

(jjj) ir-responsabbiltà ċivili għandha x'taqsam biss ma' dawk il-persuni li jkunu intavolaw is-sommarju, inkluża kwalunkwe traduzzjoni tiegħu, iżda biss fejn is-sommarju jkun iqarraq, mhux eżatt jew inkonsistenti meta moqri flimkien mal-partijiet l-oħra tal-prospett, jew fejn dan ma jipprovdix, meta jinqara flimkien mal-partijiet l-oħra tal-prospett, it-tagħrif ewlieni sabiex jgħin lill-investituri meta jiġu biex jikkunsidraw jekk jinvestux f'tali titoli.

19. Is-sezzjoni msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 4 għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

(kkk) taħt is-subsezzjoni bit-titolu "Min hu l-emittent tat-titoli?", deskrizzjoni qasira tal-emittent tat-titoli, inklużi mill-inqas dawn li ġejjin:

– id-domiċilju u l-forma legali tiegħu, il-leġiżlazzjoni li taħtha dan jopera u l-pajjiż fejn huwa inkorporat;

– l-attivitajiet prinċipali tiegħu;

– l-azzjonisti ewlenin tiegħu, inkluż jekk ikunx direttament jew indirettament immexxi jew ikkontrollat u minn min;

– l-identità tad-diretturi maniġerjali ewlenin tiegħu;

– l-identità tal-awdituri statutorji tiegħu.

(lll) taħt is-subsezzjoni bit-titolu "X'inhi l-informazzjoni finanzjarja prinċipali li tirrigwarda l-emittent?" għażla ta' informazzjoni finanzjarja ewlenija storika, inkluż fejn applikabbli informazzjoni *pro forma*, ippreżentata għal kull sena finanzjarja tal-perjodu kopert mill-informazzjoni finanzjarja storika, u kull perjodu finanzjarju interim sussegwenti akkumpanjat minn dejta komparattiva mill-istess perjodu fis-sena finanzjarja preċedenti. L-informazzjoni komparattiva tal-karta tal-bilanċ għandha tiġi approvata bil-preżentazzjoni tal-informazzjoni dwar il-karta tal-bilanċ tat-tmiem tas-sena.

(mmm) taħt is-subsezzjoni bit-titolu "X'inhuma r-riskji ewlenin li huma speċifiċi għall-emittent?" deskrizzjoni qasira ta' mhux aktar minn ħamsa mill-fatturi ta' riskju materjali l-aktar speċifiċi għall-emittent li jinsabu fil-kategorija tal-ogħla materjalità skont l-Artikolu 16.

20. Is-sezzjoni msemmija fil-punt c) tal-paragrafu 4 għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

(nnn) taħt is-subsezzjoni bit-titolu "X'inhuma l-karatteristiċi ewlenin tat-titoli?", deskrizzjoni qasira tat-titoli offruti u/jew introdotti kummerċjalment inklużi mill-inqas:

– it-tip u l-klassi tagħhom, kwalunkwe numru ta' identifikazzjoni tas-sigurtà, il-valuta tagħhom, id-denominazzjoni, il-valur par, in-numru ta' titoli maħruġa, it-terminu tat-titoli;

– id-drittijiet marbuta mat-titoli ;

– kull restrizzjoni fuq it-trasferibbiltà libera tat-titoli;

– fejn applikabbli, il-politika tad-dividendi jew ħlas.

(ooo) taħt is-subsezzjoni bit-titolu "Fejn se jiġu nnegozjati t-titoli?", indikazzjoni dwar jekk it-titoli offruti humiex jew hux se jkunu s-suġġett ta' applikazzjoni għall-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat jew faċilità tan-negozjar multilaterali u l-identità tas-swieq kollha fejn it-titoli huma jew se jiġu nnegozjati.

(ppp) taħt is-subsezzjoni bit-titolu "Hemm garanzija mehmuża mat-titoli?" deskrizzjoni qasira tan-natura u l-ambitu tal-garanzija, jekk ikun hemm, kif ukoll deskrizzjoni qasira tal-garanti.

(qqq) taħt is-subsezzjoni bit-titolu "X'inhuma r-riskji ewlenin li huma speċifiċi għat-titoli?" deskrizzjoni qasira ta' mhux aktar minn ħamsa mill-fatturi ta' riskju materjali l-aktar speċifiċi għat-titoli, li jinsabu fil-kategorija tal-ogħla materjalità skont l-Artikolu 16.

Meta dokument ta' informazzjoni essenzjali jkun meħtieġ li jiġi ppreparat skont ir-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [21], l-emittent, l-offerent jew il-persuna li tagħmel it-talba għall-ammissjoni jistgħu jissostitwixxu l-kontenut stabbilit f'dan paragrafu bl-informazzjoni stabbilita fil-punti (b) sa (i) tal-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 1286/2014. F'dak il-każ u fejn sommarju wieħed ikopri diversi titoli li jvarjaw biss f'xi dettalji limitati ħafna, bħall-prezz tal-ħruġ jew id-data tal-maturità, skont l-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 8 (8), il-limitu tat-tul stabbilit fil-paragrafu 3 għandu jiġi estiż bi 3 paġni addizzjonali ta' daqs A4 għal kull sigurtà addizzjonali.

21. Is-sezzjoni msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 4 għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

(rrr) taħt is-subsezzjoni bit-titolu "Taħt liema kundizzjonijiet u skeda ta' żmien nista' ninvesti f'dan it-titolu?", fejn applikabbli, it-termini ġenerali, il-kundizzjonijiet u l-iskeda mistennija tal-offerta, id-dettalji tal-ammissjoni għall-kummerċ, il-pjan ta' distribuzzjoni, l- ammont u l-perċentwali ta' dilwizzjoni immedjata li tirriżulta mill-offerta u l-istima tal-ispejjeż totali tal-ħruġ u/jew offerta, inklużi l-ispejjeż stmati li se jintalbu lill-investitur mill-emittent jew l-offerent.

(sss) taħt it-taqsima bit-titolu "Għaliex għandu l-emittent jipproduċi dan il-prospett?" deskrizzjoni qasira tar-raġunijiet għall-offerta jew għall-ammissjoni għall-kummerċ, kif ukoll l-użu u l-ammont nett stmat tad-dħul.

22. Taħt kull sezzjoni deskritta fil-paragrafi 6, 7 u 8, l-emittent jista' jżid subintestaturi fejn ikun meħtieġ.

23. Is-sommarju m'għandux ikun fih kontroreferenzi għall-partijiet l-oħra tal-prospett jew jinkorpora fih tagħrif b'referenza.

24. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-kontenut u l-format tal-preżentazzjoni tal-informazzjoni finanzjarja ewlenija storika msemmija taħt il-punt (b) tal-paragrafu 6, filwaqt li tqis id-diversi tipi ta' titoli u emittenti.

L-ESMA għandha tissottometti dawk l-abbozzi tal-istandards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa \ [*daħħal id-data 9 xhur mid-dħul fis-seħħ*].

---

[21] Ir-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar id-dokumenti bl-informazzjoni ewlenija għall-prodotti aggregati ta' investiment bbażati fuq l-assigurazzjoni (ĠU L 352, 9.12.2014, p. 1).

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards regolatorji tekniċi msemmijin fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Artikolu 8
Il-prospett bażi

25. Għal titoli mingħajr ekwità, il-prospett jista', skont l-għażla tal-emittent, l-offerent jew il-persuna li titlob l-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat jikkonsisti fi prospett bażi li jkun fih l-informazzjoni rilevanti kollha li tikkonċerna l-emittent u t-titoli offruti lill-pubbliku jew li jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat.

26. Il-prospett bażi għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(ttt) lista tal-informazzjoni li se tkun inkluża fit-termini finali tal-offerta;

(uuu) mudell, intitolat "formola tat-termini finali", li għandu jimtela għal kull ħruġ individwali;

(vvv) l-indirizz tal-websajt fejn it-termini finali se jkunu ppubblikati.

27. It-termini finali għandhom jiġu ppreżentati fil-forma ta' dokument separat jew għandhom ikunu inklużi fil-prospett bażi jew f'suppliment għalih. It-termini finali għandhom jitħejjew f'forma faċilment analizzabbli u komprensibbli.

It-termini finali għandhom jinkludu biss informazzjoni relatata man-nota dwar it-titoli u m'għandhomx jintużaw biex iservu ta' suppliment għall-prospett bażi. Artikolu 17(1)(a) għandu japplika f'każijiet bħal dawn.

28. Meta t-termini finali la jkunu inklużi fil-prospett bażi u lanqas f'suppliment, l-emittent għandu jagħmilhom disponibbli għall-pubbliku skont l-Artikolu 20 u jippreżentahom lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domestiku, kemm jista' jkun malajr qabel il-bidu tal-offerta lill-pubbliku jew l-ammissjoni fin-negozju.

Għandha tiddaħħal fit-termini finali dikjarazzjoni ċara u prominenti li tindika:

(www) li t-termini finali jkunu ġew ippreparati għall-għan ta' dan ir-Regolament u għandhom jinqraw flimkien mal-prospett bażi u s-suppliment(i) tiegħu sabiex tinkiseb l-informazzjoni kollha rilevanti;

(xxx) fejn il-prospett bażi u s-suppliment(i) tiegħu jiġu ppubblikati skont l-Artikolu 20;

(yyy) li sommarju tal-ħruġ individwali jkun l-anness għat-termini finali.

29. Prospett bażi jista' jitfassal bħala dokument wieħed jew bħala dokumenti separati.

Fejn l-emittent, l-offerent jew il-persuna li titlob l-ammissjoni fil-kummerċ f'suq regolat qabel tkun iddepożitat dokument tar-reġistrazzjoni għal tip partikolari ta' titoli mingħajr ekwità, jew dokument tar-reġistrazzjoni universali kif definit fl-Artikolu 9, u, fi stadju aktar tard, jagħżel li jfassal prospett bażi, il-prospett bażi għandu jikkonsisti f'dan li ġej:

(zzz) l-informazzjoni inkluża fid-dokument tar-reġistrazzjoni, jew id-dokument tar-reġistrazzjoni universali;

(aaaa) l-informazzjoni li kieku kellha tiġi inkluża fin-nota tat-titoli rilevanti, bl-eċċezzjoni tat-termini finali fejn it-termini finali m'humiex inklużi fil-prospett bażi.

30. L-informazzjoni speċifika dwar kull wieħed mit-titoli differenti inklużi fi prospett bażi għandha tkun segregata b'mod ċar.

31. Is-sommarju għandu jitfassal biss meta t-termini finali jiġu approvati jew iddepożitati u tali sommarju għandu jkun speċifiku għall-ħruġ individwali.

32. Is-sommarju tal-ħruġ individwali għandu jkun soġġett għall-istess ħtiġijiet bħat-termini finali, kif stabbiliti f'dan l-Artikolu, u għandhom ikunu annessi magħhom.

Is-sommarju tal-ħruġ individwali għandu jikkonforma mal-Artikolu 7 u għandu jipprovdi t-tagħrif ewlieni tal-prospett bażi u tat-termini finali. Għandu jkun fih dan li ġej:

(bbbb) l-informazzjoni tal-prospett bażi li hija relevanti biss għall-ħruġ individwali, inkluż it-tagħrif ewlieni fuq l-emittent;

(cccc)l-għażliet li jkunu jinsabu fil-prospett bażi li huma rilevanti biss għall-ħruġ individwali kif determinat fit-termini finali;

(dddd) l-informazzjoni rilevanti mogħtija fit-termini finali li preċendentament kienet tħalliet barra fil-prospett bażi.

Meta t-termini finali jirreferu għal diversi titoli li huma differenti biss f'ċerti dettalji limitati ħafna, bħall-prezz tal-ħruġ jew id-data ta' maturità, sommarju wieħed tal-ħruġ individwali jista' jiġi mehmuż ma' dawk it-titoli kollha, sakemm l-informazzjoni li tirreferi għat-titoli differenti tkun segregata b'mod ċar.

33. L-informazzjoni li tinsab fil-prospett bażi għandha tkun supplimentata, fejn meħtieġ, skont l-Artikolu 22, b'informazzjoni aġġornata fuq l-emittent u rigward it-titoli li jiġu offruti lill-pubbliku jew li jridu jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat.

34. Offerta lill-pubbliku tista' tkompli wara l-iskadenza tal-prospett bażi li taħtu kienet bdiet sakemm il-prospett bażi li sussegwenti jiġi approvat sa mhux aktar tard mill-aħħar jum tal-validità tal-prospett bażi preċedenti. It-termini finali ta' offerta bħal din għandu jkollha twissija prominenti fuq l-ewwel paġna tagħha li tindika l-aħħar jum tal-validità tal-prospett bażi preċedenti u fejn il-prospett bażi sussegwenti se jkun ippubblikat. Il-prospett bażi sussegwenti għandu jinkludi jew jinkorpora b'referenza l-formola tat-termini finali tal-prospett bażi inizjali u jirreferi għat-termini finali rilevanti għall-offerta kontinwa.

Id-dritt tal-irtirar mogħti skont l-Artikolu 22(2) għandu japplika wkoll għall-investituri li jkunu qablu li jixtru jew jissottoskrivu t-titoli matul il-perjodu tal-validità tal-prospett bażi preċedenti, ħlief jekk it-titoli jkunu diġà ngħataw lilhom.

Artikolu 9
Dokument ta' reġistrazzjoni universali

35. Kwalunkwe emittent li jkollu l-uffiċċju rreġistrat tiegħu fi Stat Membru u li t-titoli tiegħu jkunu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat jew f'faċilità tan-negozjar multilaterali jista' jfassal għal kull sena finanzjarja dokument tar-reġistrazzjoni fil-forma ta' dokument tar-reġistrazzjoni universali li jiddeskrivi l-organizzazzjoni, in-negozju tal-kumpanija, il-pożizzjoni finanzjarja, il-qligħ u l-prospetti, il-governanza u l-istruttura tal-ishma.

36. L-emittent li jagħżel li jfassal dokument tar-reġistrazzjoni universali għal kull sena finanzjarja għandu jippreżentah għall-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat

Membru tad-dimiċilju tiegħu skont il-proċedura stabbilita fil-paragrafi 2 u 4 tal-Artikolu 19.

Wara li l-emittent kellu dokument tar-reġistrazzjoni universali approvat mill-awtorità kompetenti għal kull sena finanzjarja għal tliet snin konsekuttivi, id-dokumenti tar-reġistrazzjoni universali sussegwenti jista' jiġi ddepożitat għand l-awtorità kompetenti mingħajr l-approvazzjoni minn qabel.

Fejn l-emittent wara jonqos milli jressaq dokument tar-reġistrazzjoni universali għal sena finanzjarja waħda, il-benefiċċju tal-preżentazzjoni mingħajr l-approvazzjoni jintilef u d-dokumenti kollha sussegwenti tar-reġistrazzjoni universali għandhom jiġu sottomessi lill-awtorità kompetenti għall-approvazzjoni sakemm il-kundizzjoni tat-tieni subparagrafu terġa' tintlaħaq.

37. L-emittenti li, qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, kellhom ċertifikat tar-reġistrazzjoni, imfassal skont l-Anness I jew XI tar-Regolament (KE) Nru 809/2004 [22], approvat minn awtorità kompetenti għal mill-inqas tliet snin konsekuttivi u li wara ġie ddepożitat, skont l-Artikolu 12(3) tad-Direttiva 2003/71/KE, jew fejn tali dokument tar-reġistrazzjoni ġie approvat kull sena, għandhom ikunu awtorizzati biex jippreżentaw dokument tar-reġistrazzjoni universali mingħajr l-approvazzjoni minn qabel skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

38. Ladarba jkun ġie approvat jew iddepożitat mingħajr l-approvazzjoni, id-dokument tar-reġistrazzjoni universali, kif ukoll l-emendi għalih imsemmija fil-paragrafi 7 u 9, għandu jkun disponibbli għall-pubbliku mingħajr dewmien żejjed u skont l-arranġamenti stabbiliti fl-Artikolu 20.

39. Id-dokument tar-reġistrazzjoni universali għandu jkun konformi mar-rekwiżiti tal-lingwa stipulati fl-Artikolu 25.

40. L-informazzjoni tista' tkun inkorporata b'referenza f'dokument tar-reġistrazzjoni universali taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 18.

41. Wara l-preżentazzjoni jew l-approvazzjoni ta' dokument ta' reġistrazzjoni universali, l-emittent jista' f'kull ħin jaġġorna l-informazzjoni li jkun fih billi jibgħat emenda għad-dokument tar-reġistrazzjoni universali tiegħu lill-awtorità kompetenti.

42. L-awtorità kompetenti tista' f'kull ħin tirrevedi l-kontenut ta' kull dokument tar-reġistrazzjoni universali li jkun ġie ddepożitat mingħajr l-approvazzjoni minn qabel, kif ukoll il-kontenut tal-emendi tiegħu.

Ir-reviżjoni mill-awtorità kompetenti għandha tikkonsisti fl-iskrutinju tal-kompletezza, il-konsistenza u l-komprensibbiltà tal-informazzjoni mogħtija fid-dokument tar-reġistrazzjoni universali u l-emendi għalih.

43. Meta l-awtorità kompetenti, matul ir-reviżjoni, , issib li d-dokument tar-reġistrazzjoni universali ma jissodisfax l-istandards ta' kompletezza, komprensibbiltà u konsistenza, u/jew li l-emendi jew l-informazzjoni supplimentari huma meħtieġa, din għandha tinnotifika lill-emittent.

[22] Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 809/2004 tad-29 ta' April 2004 li jimplimenta d-Direttiva Nru 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-informazzjoni inkluża fil-prospetti kif ukoll il-format, l-inkorporazzjoni b'referenza u l-pubblikazzjoni ta' prospetti bħal dawn u d-disseminazzjoni tar-reklami (ĠU L 149, it-30.4.2004 p.3).

Talba għal emenda jew informazzjoni supplimentari indirizzata mill-awtorità kompetenti lill-emittent għandha tiġi kkunsidrata biss mill-emittent fid-dokument tar-reġistrazzjoni universali sussegwenti ddepożitat għas-sena finanzjarja ta' wara, ħlief fejn l-emittent jixtieq juża dokument ta' reġistrazzjoni universali bħala parti kostitwenti ta' prospett sottomess għall-approvazzjoni. F'dak il-każ, l-emittent għandu jippreżenta emenda għad-dokument tar-reġistrazzjoni universali sa mhux aktar tard mill-preżentazzjoni tal-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 19(5).

B'deroga mit-tieni subparagrafu, fejn l-awtorità kompetenti tinnotifika lill-emittent li l-emenda tiegħu tikkonċerna ommissjoni jew żball jew ineżattezza materjali, li x'aktarx tqarraq bil-pubbliku rigward il-fatti u ċ-ċirkostanzi essenzjali għall-valutazzjoni infurmata tal-emittent, l-emittent għandu jippreżenta emenda għad-dokument tar-reġistrazzjoni universali mingħajr dewmien żejjed.

44. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 7 u 9 għandhom japplikaw biss fejn id-dokument tar-reġistrazzjoni universali ma jintużax bħala parti kostitwenti ta' prospett. Kull meta dokument tar-reġistrazzjoni universali jintuża bħala parti kostitwenti ta' prospett, ir-regoli biss tal-Artikolu 22 li jissupplimentaw il-prospett għandhom japplikaw mill-mument meta l-prospett jiġi approvat sal-għeluq finali tal-offerta lill-pubbliku jew, skont il-każ kif ikun, il-ħin meta l-kummerċ f'suq regolat jibda, skont liema minn dawn iseħħ l-aħħar.

45. L-emittent li jissodisfa l-kundizzjonijiet deskritti fl-ewwel jew it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 jew il-paragrafu 3 għandu jkollu l-istatus ta' emittent frekwenti u għandu jibbenefika mill-proċess ta' approvazzjoni aktar mgħaġġel deskritt fl-Artikolu 19 (5), sakemm:

(eeee) meta kull dokument tar-reġistrazzjoni universali jiġi ppreżentatat jew sottomess għall-approvazzjoni, l-emittent jipprovdi konferma bil-miktub lill-awtorità kompetenti li l-informazzjoni regolata kollha li hija meħtieġa li tiġi żvelata taħt id-Direttiva 2004/109/KE, jekk applikabbli, u r-Regolament (UE) Nru 596 / 2014 tkun ġiet iddepożitata u ppubblikata skont ir-rekwiżiti stabbiliti f'dawk l-atti; u

(ffff) meta l-awtorità kompetenti twettaq ir-reviżjoni msemmija fil-paragrafu 8, l-emittent għandu jemenda d-dokument tar-reġistrazzjoni universali tiegħu skont l-arranġamenti stabbiliti fil-paragrafu 9.

Meta xi waħda mill-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq ma tiġix sodisfatta mill-emittent, l-istatus ta' emittent frekwenti jintilef.

46. Meta d-dokument tar-reġistrazzjoni universali ddepożitat għand jew approvat mill-awtorità kompetenti jiġi ppubblikat mhux aktar tard minn erba' xhur wara t-tmiem tas-sena finanzjarja, u dan ikun fih l-informazzjoni meħtieġa li tkun żvelata fir-rapport finanzjarju annwali msemmi fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [23], l-emittent għandu jitqies li ssodisfa l-obbligu tiegħu li jippubblika r-rapport finanzjarju annwali previst minn dan l-Artikolu.

Meta d-dokument tar-reġistrazzjoni universali, jew emenda għalih, jiġi ddepożitat għand jew approvat mill-awtorità kompetenti u jsir pubbliku mhux aktar tard minn tliet xhur wara t-tmiem tal-ewwel sitt xhur tas-sena finanzjarja, u fih ikun hemm l-

[23] Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38).

informazzjoni meħtieġa biex tiġi żvelata fir-rapport finanzjarju ta' nofs is-sena msemmi fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2004/109/KE, l-emittent għandu jitqies li ssodisfa l-obbligu tiegħu li jippubblika r-rapport finanzjarju ta' nofs is-sena previst taħt dak l-Artikolu.

Fil-każijiet deskritti taħt l-ewwel jew it-tieni subparagrafu, l-emittent:

(gggg) għandu jinkludi fid-dokument tar-reġistrazzjoni universali lista b' kontroreferenzi li tidentifika fejn kull punt meħtieġ fir-rapporti finanzjarji annwali u ta' nofs is-sena jistgħu jinstabu fid-dokument tar-reġistrazzjoni universali;

(hhhh) għandu jippreżenta dokument tar-reġistrazzjoni universali skont l-Artikolu 19 (1) tad-Direttiva 2004/109/KE u jagħmlu disponibbli għall-mekkaniżmu maħtur b'mod uffiċjali msemmi fl-Artikolu 21 (2) tad-Direttiva 2004/109/KE;

(iiii) għandu jinkludi fid-dokument tar-reġistrazzjoni universali dikjarazzjoni ta' responsabbiltà fit-termini mitluba mill-Artikolu 4(2)(c) u 5 (2)(c) tad-Direttiva 2004/109/KE.

47. Il-paragrafu 12 għandu japplika biss meta l-Istat Membru domestiku tal-emittent għall-finijiet ta' dan ir-Regolament huwa wkoll l-Istat Membru ta' oriġini għall-finijiet tad-Direttiva 2004/109/KE, u fejn il-lingwa tad-dokument tar-reġistrazzjoni universali tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 20 tad-Direttiva 2004/109/KE.

48. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 42 li jispeċifikaw il-proċedura għall-iskrutinju, l-approvazzjoni, il-preżentazzjoni u r-reviżjoni tad-dokument tar-reġistrazzjoni universali, kif ukoll il-kundizzjonijiet għall-emendar u l-kundizzjonijiet fejn l-istatus tal-emittent frekwenti jista' jintilef .

Artikolu 10
Prospetti li jikkonistu f'dokumenti separati

49. L-emittent li jkollu diġà ċertifikat tar-reġistrazzjoni approvat mill-awtorità kompetenti għandu jkun meħtieġ li jħejji biss in-nota tat-titoli u s-sommarju meta t-titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat. F'dak il-każ, in-nota tat-titoli u s-sommarju għandhom ikunu soġġetti għal approvazzjoni separata.

Fejn, mill-approvazzjoni tad-dokument tar-reġistrazzjoni 'il quddiem, kien hemm fattur sinjifikanti ġdid, żball jew ineżattezza materjali marbuta mal-informazzjoni inkluża fid-dokument tar-reġistrazzjoni li jista' jaffettwa l-valutazzjoni tat-titoli, is-suppliment għad-dokument tar-reġistrazzjoni għandu jkun sottomess għall-approvazzjoni fl-istess ħin bħan-nota tat-titoli u s-sommarju. Id-dritt li tiġi rtirata l-aċċettazzjonijiet skont l-Artikolu 22 (2) m'għandux japplika f'dak il-każ.

Id-dokument tar-reġistrazzjoni u s-suppliment tiegħu, fejn applikabbli, akkumpanjat bin-nota tat-titoli u s-sommarju għandu jikkostitwixxi prospett, ladarba approvat mill-awtorità kompetenti.

50. Emittent li diġà għandu ċertifikat ta' reġistrazzjoni universali approvat mill-awtorità kompetenti għandu jkun meħtieġ li jħejji biss in-nota tat-titoli u s-sommarju meta t-titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat. F'dak il-każ, in-nota tat-titoli, is-sommarju u l-emendi kollha għad-dokument tar-

reġistrazzjoni universali iddepożitati sa mill-approvazzjoni tad-dokument tar-reġistrazzjoni universali għandhom ikunu soġġetti għal approvazzjoni separata.

Fejn l-emittent ikun ressaq dokument universali tar-reġistrazzjoni mingħajr approvazzjoni, id-dokument sħiħ, inklużi l-emendi għad-dokument tar-reġistrazzjoni universali, għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni, minkejja l-fatt li dawn id-dokumenti jibqgħu separati.

Id-dokument tar-reġistrazzjoni universali, emendat skont il-paragrafi 7 u 9 tal-Artikolu 9, flimkien man-nota tat-titoli u s-sommarju għandhom jikkostitwixxu prospett, ladarba approvati mill-awtorità kompetenti.

Artikolu 11
Responsabbiltà marbuta mal-prospett

51. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-responsabbiltà għall-informazzjoni mogħtija fil-prospett tkun marbuta mal-emittent jew l-entitajiet amministrattivi, maniġerjali jew superviżorji tiegħu, l-offerent, il-persuna li tagħmel talba għall-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat jew mal-garanti. Il-persuni responsabbli għandhom ikunu identifikati b'mod ċar fil-prospett b'isimhom u l-funzjonament tagħhom jew, fil-każ ta' persuni legali, isimhom u l-uffiċċji reġistrati tagħhom, kif ukoll id-dikjarazzjonijiet tagħhom li, safejn ikunu jafu, it-tagħrif li jkun jinsab fil-prospett ikun skont il-fatti u li l-prospett ma jħalli barra xejn li x'aktarx jaffettwa l-importanza tiegħu.

52. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi l-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi dwar ir-responsabbiltà ċivili japplikaw għal dawk il-persuni responsabbli mit-tagħrif mogħti fil-prospett.

Madankollu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma tiġi attribwita l-ebda responsabbiltà ċivili lil persuna esklussivament abbażi tas-sommarju, inkluż kwalunkwe traduzzjoni tiegħu, sakemm ma jkunx qarrieqi, impreċiż jew inkonsistenti, meta jinqara flimkien mal-partijiet l-oħra tal-prospett, jew ma jkunx jipprovdi, meta jinqara flimkien mal-partijiet l-oħra tal-prospett, l-informazzjoni prinċipali bħala għajnuna għall-investituri meta jkunu qed jikkunsidraw jekk jinvestux f'tali titoli. Is-sommarju għandu jkun fih twissija ċara għal dak il-għan.

53. Ir-responsabbiltà għall-informazzjoni mogħtija f'dokument tar-reġistrazzjoni universali għandha tkun marbuta mal-persuni msemmija fil-paragrafi 1 biss f'każijiet fejn id-dokument tar-reġistrazzjoni universali jkun użat bħala parti kostitwenti ta' prospett approvat. Dan għandu japplika mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva 2004/109/KE meta l-informazzjoni f'dawn l-Artikoli tiġi inkluża f'dokument tar-reġistrazzjoni universali.

Artikolu 12
Validità ta' prospett, ta' prospett bażi u ta' dokument ta' reġoistrazzjoni

54. Prospett jew prospett bażi, kemm jekk ikun dokument uniku jew inkella jikkonsisti f'dokumenti separati, għandu jkun validu għal 12-il xahar wara li jiġi approvat għall-offerti lill-pubbliku jew l-ammissjonijiet għall-kummerċ f'suq regolat, sakemm ikun imtela b'kull suppliment meħtieġ skont l-Artikolu 22.

Fejn prospett jew prospett bażi ikun jikkonsisti f'dokumenti separati, il-validità għandha tibda wara l-approvazzjoni tan-nota tat-titoli.

55. Dokument tar-reġistrazzjoni, inkluż dokument tar-reġistrazzjoni universali kif imsemmi fl-Artikolu 9, li jkun ġie ddepożitat jew approvat qabel, għandu jkun validu biex jintuża bħala parti kostitwenti ta' prospett għal 12-il xahar wara d-depożitu jew l-approvazzjoni tiegħu.

It-tmiem tal-validità ta' tali dokument tar-reġistrazzjoni m'għandhiex taffettwa l-validità ta' prospett li dan ikun parti kostitwenti tiegħu.

KAPITOLU III
KONTENUT U FORMAT TAL-PROSPETT

Artikolu 13
Informazzjoni minima u format

56. Il-Kummissjoni għandha tadotta, f'konformità mal-Artikolu 42, l-atti li jirrigwardaw il-format tal-prospett, il-prospett bażi u t-termini finali, u l-iskedi li jiddefinixxu l-informazzjoni speċifika li għandha tkun inkluża fi prospett delegat, filwaqt li tkun evitata d-duplikazzjoni tal-informazzjoni meta prospett ikun mibni fuq dokumenti separati.

B'mod partikolari, meta jiġu stabbiliti l-iskedi ta' prospett varji, għandhom jiġu kkunsidrati dawn li ġejjin:

(jjjj) it-tipi varji tat-tagħrif meħtieġ mill-investituri fejn jidħlu t-titoli ta' ekwità mqabbla mat-titoli mingħajr ekwità; għandu jiġi segwit metodu konsistenti rigward it-tagħrif meħtieġ fi prospett għat-titoli li jkollhom razzjonal ekonomiku simili, partikolarment it-titoli derivattivi;

(kkkk) it-tipi varji u l-karatteristiċi varji tal-offerti u l-ammissjonijiet għall-kummerċ f'suq regolat tat-titoli mingħajr ekwità.

(llll) il-format użat u t-tagħrif meħtieġ fil-prospetti bażi li jirrelataw għal titoli mingħajr ekwità, inklużi l-liċenzji f'kull għamla;

(mmmm) fejn applikabbli, in-natura pubblika tal-emittent;

(nnnn) fejn applikabbli, in-natura speċifika tal-attivitajiet tal-emittent.

57. Il-Kummissjoni għandha tadotta, f'konformità mal-Artikolu 42, l-atti delegati li jistabbilixxu l-iskeda li tiddefinixxi l-informazzjoni minima li tinsab fid-dokument tar-reġistrazzjoni universali, kif ukoll skeda ddedikata għad-dokument tar-reġistrazzjoni universali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu.

Tali skeda għandha tiżgura li d-dokument tar-reġistrazzjoni universali jkun jinkludi l-informazzjoni meħtieġa dwar l-emittent sabiex l-istess dokument tar-reġistrazzjoni universali jkun jista' jintuża bl-istess mod għall-offerta sussegwenti għall-pubbliku jew l-ammissjoni għan-negozju tal-ekwità, titoli ta' dejn jew derivattivi. Rigward l-informazzjoni finanzjarja, ir-reviżjoni operattiva u finanzjarja kif ukoll il-prospetti u l-governanza korporattiva, din l-informazzjoni għandha tkun allinjata kemm jista' jkun bl-informazzjoni meħtieġa biex tiġi żvelata fir-rapporti finanzjarji annwali u ta' kull sitt xhur imsemmija fl-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva 2004/109/KE, inkluż ir-rapport ta' ġestjoni u d-dikjarazzjoni tal-governanza korporattiva.

58. L-atti delegati msemmija fil-paragrafu 1 u 2 għandhom ikunu bbażati fuq l-istandards fil-qasam tal-informazzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja stipulati mill-organizzazzjonijiet internazzjonali tal-kummissjonijiet tat-titoli, b'mod partikolari

mill-IOSCO u fl-Annessi I, II u III ta' dan ir-Regolament. Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati sa [*daħħal id-data tal-applikazzjoni*].

Artikolu 14
Reġim ta' żvelar minimu għall-ħruġ sekondarju

59. Il-persuni li ġejjin jistgħu jagħżlu li jħejju prospett taħt ir-reġim minimu ta' żvelar għall-ħruġ sekondarji, f'każ ta' offerta ta' titoli lill-pubbliku jew ta' ammissjoni għall-kummerċ tat-titoli f'suq regolat:

(oooo) emittenti li t-titoli tagħhom ikunu ġew ammessi għall-kummerċ f'suq regolat jew f'suq tat-tkabbir għall-SMEs għal mill-inqas 18-il xahar u li joħorġu aktar titoli tal-istess klassi;

(pppp) emittenti li t-titoli ta' ekwità tagħhom ġew ammessi għall-kummerċ f'suq regolat jew f'suq tat-tkabbir għall-SMEs għal mill-inqas 18-il xahar u li joħorġu titoli mingħajr ekwità.

(qqqq) offerenti ta' klassi ta' titoli ammessi għall-kummerċ f'suq regolat jew f'suq tat-tkabbir għall-SMEs għal mill-inqas 18-il xahar.

Ir-reġim tal-iżvelar minimu għandu jikkonsisti f'dokument speċifiku tar-reġistrazzjoni li jista' jintuża mill-persuni msemmija taħt (a), (b) u (c) u n-nota tat-titoli speċifiċi li tista' tintuża mill-persuni msemmija taħt (a) u (c).

60. B'deroga mill-Artikolu 6 (1), u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 17 (2), il-prospett imfassal taħt ir-reġim ta' żvelar minimu għall-ħruġ sekondarji għandu jkun fih l-informazzjoni rilevanti li hija meħtieġa biex investituri jkunu jistgħu jifhmu l-prospetti tal-emittent u ta' kull garanti, ibbażata fuq informazzjoni finanzjarja minima inkluża jew inkorporata b'referenza fil-prospett li jkopri l-aħħar sena finanzjarja biss, id-drittijiet marbuta mat-titoli, ir-raġunijiet għall-ħruġ u l-impatt tagħha fuq l-emittent. L-informazzjoni li tinsab fil-prospett għandha tiġi ppreżentata f'forma li tkun faċilment analizzabbli, konċiża u li tinftiehem u għandha tippermetti lill-investituri sabiex jagħmlu deċiżjoni informata dwar l-investiment.

61. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 42 delegati biex tispeċifika l-informazzjoni ridotta li għandha tiġi inkluża fl-iskedi applikabbli taħt ir-reġim ta' żvelar minimu, billi tiġi kkunsidrata l-informazzjoni diġà żvelata lill-pubbliku skont id-Direttiva 2004/109/KE, fejn applikabbli, u r-Regolament (UE) Nru 596/2014.

Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati sa [*daħħal id-data tal-applikazzjoni*].

Artikolu 15
Reġim ta' żvelar minimu għall-SMEs

62. L-SMEs jistgħu jagħżlu li jħejju prospett taħt ir-reġim ta' żvelar minimu għall-SMEs fil-każ ta' offerta ta' titoli lill-pubbliku bil-kundizzjoni li dawn ma jkollhom l-ebda titoli ammessi għall-kummerċ f'suq regolat.

Ir-reġim minimu ta' żvelar għandu jikkonsisti minn dokument speċifiku tar-reġistrazzjoni u n-nota tat-titoli speċifika.

Meta tistabbilixxi l-iskedi tal-prospetti korrispondenti, l-informazzjoni għandha tiġi adattata għad-daqs u għat-tul tas-suċċess ta' dawn il-kumpaniji.

63. Kumpaniji li jagħmlu użu mill-iskema ta' żvelar minimu msemmija fil-paragrafu 1 u li joffru l-ishma jew titoli mingħajr ekwità li mhumiex subordinati, konvertibbli jew skambjabbli, li ma jkollhomx id-dritt li jissottoskrivu jew li jiksbu tipi oħra ta' titoli u ma jkunux marbuta ma' strument derivattiv, għandhom ikunu intitolati li jfasslu prospett skont format strutturat fil-forma ta' kwestjonarju b'test standardizzat, li jrid jimtela mill-emittent. Għal dan il-għan, sew id-dokument speċifiku tar-reġistrazzjoni u n-nota tat-titoli speċifika għandhom ikunu strutturati f'dik il-forma.

64. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 42 sabiex tispeċifika l-informazzjoni ridotta li għandha tiġi inkluża fl-iskedi applikabbli taħt ir-reġim ta' żvelar minimu u l-format obbligatorju awtorizzat taħt il-paragrafu 2.

Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati sa [*daħħal id-data tal-applikazzjoni*].

65. L-ESMA għandha tiżviluppa linji gwida indirizzati għall-SMEs dwar kif ifasslu l-prospett skont il-format previst fil-paragrafu 2. Il-proċeduri stabbiliti fis-subparagrafi 2 sa 4 tal-Artikolu 16 (3) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 m'għandhomx japplikaw.

Artikolu 16
Fatturi ta' riskju

66. Il-fatturi ta' riskju li dehru fil-prospett għandhom ikunu limitati għal riskji li huma speċifiċi għall-emittent u/jew it-titoli u huma materjali biex tittieħed deċiżjoni infurmata dwar l-investiment, kif ikkorroborat mill-kontenut tad-dokument tar-reġistrazzjoni u n-nota tat-titoli. Dawn għandhom ikunu allokati fuq medda massima ta' tliet kategoriji distinti li għandhom jiddistingwuhom mill-materjalità relattiva tagħhom ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-emittent tal-probabbiltà tal-okkorrenza tagħhom u l-kobor mistenni tal-impatt negattiv tagħhom.

67. L-ESMA għandha tiżviluppa linji gwida dwar il-valutazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti dwar l-ispeċifiċità u l-materjalità tal-fatturi ta' riskju u dwar l-allokazzjoni tal-fatturi ta' riskju fost il-kategoriji.

Artikolu 17
Ommissjoni tat-tagħrif

68. Meta l-prezz finali tal-offerta u/jew l-ammont tat-titoli li jridu jiġu offruti lill-pubbliku ma jistgħux jiġu inklużi fil-prospett:

(rrrr) il-kriterji, u/jew il-kondizzjonijiet li skonthom l-elementi t'hawn fuq għandhom jiġu ddeterminati jew, fil-każ tal-prezz, il-prezz massimu, għandhom jiġu żvelati fil-prospett; jew

(ssss) l-aċċettazzjonijiet tax-xiri jew is-sottoskrizzjoni ta' titoli jistgħu jiġu rtirati għal mhux inqas minn jumejn tax-xogħol wara l-prezz tal-offerta finali u/jew l-ammont tat-titoli li jridu jiġu offruti lill-pubbliku jkunu ġew ippreżentati.

L-offerta finali u l-ammont tat-titoli għandhom jiġu ddepożitati għand l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domestiku u ppubblikati skont l-Artikolu 20 (2).

69. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domestiku tista' tawtorizza l-ommissjoni mill-prospetti ta' ċertu tagħrif li jiġi inkluż fi prospett, meta jkun jidhirlha li xi waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin tkun sodisfatta:

(tttt) l-iżvelar ta' dan it-tagħrif ikun kuntrarju għall-interess pubbliku;

(uuuu) l-iżvelar ta' tali informazzjoni tkun ta' detriment serju għall-emittent, sakemm l-ommissjoni ta' dik l-informazzjoni ma tkunx tiżgwida lill-pubbliku rigward il-fatti u ċ-ċirkostanzi essenzjali għall-valutazzjoni infurmata tal-emittent, l-offerent jew il-garanti, jekk ikun hemm, u tad-drittijiet marbuta mat-titoli tad-dejn kkonċernati ma' dawn il-prospetti;

(vvvv) din l-informazzjoni tkun ta' importanza minuri fir-rigward ta' offerta speċifika jew ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat u ma taffettwax il-valutazzjoni tal-pożizzjoni finanzjarja u l-prospetti tal-emittent, l-offerent jew il-garanti.

L-awtorità kompetenti għandha tibgħat rapport lill-ESMA fuq bażi annwali dwar l-informazzjoni li l-ommissjoni tagħha tkun ġiet awtorizzata minnha.

70. Mingħajr preġudizzju għal tagħrif adegwat lill-investituri, meta, b'mod eċċezzjonali, ċertu tagħrif meħtieġ li jrid jiġi inkluż fi prospett ma jkunx xieraq għall-isfera ta' attività jew għall-forma legali tal-emittent jew għat-titoli li magħhom ikollu x'jaqsam il-prospett, il-prospett għandu jkun fih informazzjoni ekwivalenti għat-tagħrif meħtieġ, sakemm ma jkun hemm l-ebda informazzjoni bħal din.

71. Fejn it-titoli jkunu garantiti minn Stat Membru, l-emittent, l-offerent jew il-persuna li titlob l-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat, meta jkun qed jitfassal prospett skont l-Artikolu 4, għandu jkun intitolat li jħalli barra l-informazzjoni li tappartjeni għal dak l-Istat Membru.

72. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 42, biex tispeċifika l-każijiet fejn l-informazzjoni tista' titħalla barra skont il-paragrafu 2, filwaqt li jiġu kkunsidrati r-rapporti tal-awtoritajiet kompetenti lill-ESMA msemmija fil-paragrafu 2.

Artikolu 18
Inkorporazzjoni b'referenza

73. L-informazzjoni tista' tkun inkorporata b'referenza fi prospett fejn din tkun ġiet ippubblikata elettronikament qabel jew simultanjament, imfassla f' lingwa li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 25 u fejn tinsab f'wieħed mid-dokumenti li ġejjin:

(wwww) id-dokumenti li jkunu ġew approvati mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domestiku, jew iddepożitati għandu, bi qbil ma' dan ir-Regolament;

(xxxx) id-dokumenti msemmija fil-punti (f) u (g) tal-Artikolu 1 (3) u l-punti (d) u (e) tal-Artikolu 1 (4);

(yyyy) l-informazzjoni regolata kif definit fil-punt (l) tal-Artikolu 2 (1);

(zzzz)l-informazzjoni finanzjarja annwali u proviżorja;

(aaaaa) id-dikjarazzjonijiet finanzjarji u r-rapporti tal-awditur;

(bbbbb) ir-rapporti ta' ġestjoni kif iddefiniti fl-Artikolu 19 tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [24];

[24] Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

(ccccc) id-dikjarazzjonijiet tal-governanza korporattiva kif definiti fl-Artikolu 20 tad- Direttiva 2013/34/UE ;

(ddddd) [rapporti tar-rimunerazzjoni kif definiti fl-Artikolu [X] tad-[*Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Azzjonisti riveduta*[25]]

(eeeee) memorandum u artikli ta' assoċjazzjoni;

Tali tagħrif għandu jkun dak l-iktar reċenti disponibbli għall-emittent.

Fejn biss ċerti partijiet ta' dokument ikunu inkorporati b'referenza, għandha tiddaħħal dikjarazzjoni fil-prospett li l-partijiet mhux inkorporati huma jew mhumiex rilevanti għall-investitur jew koperti x'imkien ieħor fil-prospett.

74. Meta tiġi inkorporata l-informazzjoni b'referenza, l-emittenti, l-offerenti jew il-persuni li jitolbu aċċess għall-kummerċ f'suq regolat għandhom jiżguraw l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni. B'mod partikolari, għandha tiġi pprovduta lista ta' referenzi inkroċjati fil-prospett sabiex tgħin lill-investituri biex jidentifikaw punti ta' informazzjoni li jkunu speċifiċi faċilment, filwaqt li l-prospett għandu jkun fih hyperlinks għad-dokumenti kollha li fihom informazzjoni li tkun inkorporata b'referenza.

75. Fejn possibbli flimkien mal-ewwel abbozz tal-prospett ippreżentat lill-awtorità kompetenti, u fi kwalunkwe każ matul il-proċess tar-reviżjoni tal-prospett, l-emittent, l-offerent jew il-persuna li titlob l-ammissjoni fil-kummerċ f'suq regolat għandu jissottometti kwalunkwe informazzjoni li tista' tiġi mfittxija elettronikament u li tkun inkorporata b'referenza fil-prospett, sakemm din l-informazzjoni tkun diġà ġiet approvata minn jew iddepożitata għand l-awtorità kompetenti li tapprova l-prospett.

76. Sabiex tiġi żgurata l-armonizzazzjoni konsistenti fir-rigward ta' dan l-Artikolu, l-ESMA tista' tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex taġġorna l-lista msemmija fil-paragrafu 1 bl-inklużjoni ta' tipi addizzjonali ta' dokumenti meħtieġa taħt il-liġi tal-Unjoni li jkunu magħmula jew approvati minn awtorità pubblika.

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

KAPITOLU IV
ARRANĠAMENTI GĦALL-APPROVAZZJONI U L-PUBBLIKAZZJONI TAL-PROSPETT

Artikolu 19
Skrutinju u approvazzjoni tal-prospett

77. L-ebda prospett m'għandu jiġi ppubblikat sakemm ikun ġie approvat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domestiku.

78. L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-emittent, lill-offerent jew lill-persuna li titlob l-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat, bid-deċiżjoni tagħha dwar l-approvazzjoni tal-prospett fi żmien 10 ijiem tax-xogħol mis-sottomissjoni tal-abbozz tal-prospett.

---

25 [ĠU C , , p.].

Meta l-awtorità kompetenti tonqos milli tieħu deċiżjoni dwar il-prospett fil-limiti taż-żmien stabbiliti f'dan il-paragrafu u l-paragrafi 3 u 5, din ma tistax titqies li tikkostitwixxi approvazzjoni tal-applikazzjoni.

L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-ESMA l-approvazzjoni tal-prospett u kwalunkwe suppliment mehmuż miegħu fl-istess ħin peress li dik l-approvazzjoni għandha tiġi nnotifikata lill-emittent, lill-offerent jew lill-persuna li titlob l-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat.

79. Il-limitu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jiġi estiż għal 20 jum ta' xogħol meta l-offerta lill-pubbliku tinvolvi titoli maħruġa minn emittent li ma jkollu l-ebda titolu ammess għall-kummerċ f'suq regolat u li qabel ma jkunx offra titoli lill-pubbliku.

Il-limitu ta' żmien ta' 20 jum ta' xogħol għandu japplika biss għas-sottomissjoni inizjali tal-abbozz tal-prospett. Meta s-sottomissjonijiet sussegwenti jkunu meħtieġa skont il-paragrafu 4, għandu japplika l-limitu ta' żmien tal-paragrafu 2.

80. Fejn l-awtorità kompetenti ssib li l-abbozz tal-prospett ma jilħaqx livelli ta' kompletezza, komprensibbiltà u konsistenza meħtieġa għall-approvazzjoni tiegħu u/jew li emendi jew informazzjoni supplimentari jkunu meħtieġa:

(fffff) din għandha tinforma lill-emittent, l-offerent jew il-persuna li titlob l-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat fi żmien 10 ijiem tax-xogħol biex jissottometti l-abbozz tal-prospett u/jew informazzjoni supplimentari, u biex jiddikjara jew tiddikjara r-raġunijiet għal dan, u

(ggggg) l-iskadenzi imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom konsegwentement japplikaw biss mid-data meta l-abbozz tal-prospett emendat u/jew l-informazzjoni supplimentari mitluba jiġu sottomessi lill-awtorità kompetenti.

81. B'deroga mill-paragrafi 2 u 4, l-iskadenza msemmija f'dawk il-paragrafi għandha titnaqqas għal 5 ijiem tax-xogħol għall-emittenti frekwenti msemmija fl-Artikolu 9 (11). L-emittent frekwenti għandu jinforma lill-awtorità kompetenti mill-inqas 5 ijiem ta' xogħol qabel id-data prevista għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-approvazzjoni.

Emittent frekwenti għandu jissottometti lill-awtorità kompetenti applikazzjoni li jkun fiha l-emendi meħtieġa għad-dokument tar-reġistrazzjoni universali, fejn applikabbli, in-nota tat-titoli u s-sommarju sottomess għall-approvazzjoni.

82. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu fuq il-websajts tagħhom gwida fuq il-proċess ta' skrutinju u l-approvazzjoni sabiex tiġi ffaċilitata l-approvazzjoni effiċjenti u f'waqtha tal-prospetti. Din il-gwida għandha tinkludi il-punti tal-kuntatt fir-rigward tal-approvazzjonijiet. L-emittent jew il-persuna responsabbli għat-tfassil tal-prospett għandu jkollu l-possibbiltà li jikkomunika direttament u li jirreaġixxi mal-personal tal-awtorità kompetenti matul il-proċess tal-approvazzjoni tal-prospett.

83. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domestiku jista' jittrasferixxi l-approvazzjoni tal-prospett lill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor, soġġett għan-notifikazzjoni minn qabel lill-ESMA u bi ftehim mal-awtorità kompetenti:. Tali trasferiment għandu jiġi nnotifikat lill-emittent, lill-offerent jew lill-persuna li titlob l-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-data tad-deċiżjoni meħuda mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domestiku. L-iskadenza msemmija fil-paragrafu 2 għandha tapplika minn din id-data. L-

Artikolu 28(4) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 m'għandux japplika għat-trasferiment tal-approvazzjoni tal-prospett skont dan il-paragrafu.

84. Dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa r-responsabbiltà tal-awtorità kompetenti, li għandha tkompli tkun irregolata mil-liġijiet nazzjonali.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dispożizzjonijiet nazzjonali tagħhom dwar ir-responsabblità tal-awtoritajiet kompetenti japplikaw biss għall-approvazzjonijiet tal-prospetti mill-awtorità kompetenti tagħhom.

85. Il-livell tat-tariffi imposti mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domestiku għall-approvazzjoni tal-prospetti, id-dokumenti tar-reġistrazzjoni, inklużi dokumenti universali tar-reġistrazzjoni, supplimenti u emendi, kif ukoll għas-sottomissjoni ta' dokumenti tar-reġistrazzjoni universali, l-emendi għalihom u t-termini finali, għandhom ikunu kkomunikati lill-pubbliku mill-inqas fuq il-websajt tal-awtorità kompetenti.

86. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 42, li jispeċifikaw il-proċeduri għall-iskrutinju tal-kompletezza, kemm jinftiehem, il-konsistenza u l-approvazzjoni tal-prospett.

87. L-ESMA għandha tuża s-setgħat tagħha skont ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jippromwovi l-konverġenza superviżorja fir-rigward tal-proċessi ta' skrutinju u ta' approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti huma u jevalwaw l-kompletezza, il-konsistenza u kemm tinftiehem l-informazzjoni li tinsab fi prospett. B'mod partikolari, l-ESMA għandha tippromwovi l-konverġenza fir-rigward tal-effiċjenza, il-metodi u ż-żmien tal-iskrutinju mill-awtoritajiet kompetenti tal-informazzjoni mogħtija fil-prospett.

88. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-ESMA għandha torganizza u twettaq tal-anqas evalwazzjoni orizzontali waħda tal-proċeduri ta' skrutinju u ta' approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, inklużi n-notifiki tal-approvazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti. Il-valutazzjoni orizzontali għandha tivvaluta wkoll l-impatt ta' metodi differenti rigward l-iskrutinju u l-approvazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti fuq il-kapaċità tal-emittenti li jiġbru l-kapital fl-Unjoni Ewropea. Ir-rapport dwar din ir-reviżjoni orizzontali għandu jiġi ppubblikat sa mhux aktar tard minn tliet snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Fil-kuntest ta' din ir-reviżjoni orizzontali, l-ESMA għandha, fejn hu xieraq, titlob għall-opinjonijiet jew il-parir mill-Grupp tal-Partijiet Interessati tas-Swieq u t-Titoli msemmi fl-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Artikolu 20
Pubblikazzjoni tal-prospett

89. Ladarba approvat, il-prospett għandu jkun disponibbli għall-pubbliku mill-emittent, l-offerent jew il-persuna li titlob l-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat fi żmien raġonevoli bil-quddiem, u l-aktar tard fil-bidu tal-offerta lill-pubbliku jew l-ammissjoni għall-kummerċ tat-titoli involuti.

Fil-każ ta' offerta inizjali lill-pubbliku ta' klassi ta' ishma li huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat għall-ewwel darba, il-prospett għandu jkun disponibbli mill-inqas sitt ijiem tax-xogħol qabel it-tmiem tal-offerta.

90. Il-prospett, jekk ikun dokument uniku jew jikkonsisti f'dokumenti separati, għandu jitqies disponibbli għall-pubbliku meta dan jiġi ppubblikat f'forma elettronika fuq waħda minn dawn il-websajts:

(hhhhh) il-websajt tal-emittent, l-offerent jew il-persuna li titlob l-ammissjoni,

(iiiii) il-websajt tal-intermedjarji finanzjarji fejn jitqiegħdu jew jinbiegħu t-titoli, inklużi l-aġenti li jħallsu,

(jjjjj) il-websajt tas-suq regolat fejn tintalab l-ammissjoni għall-kummerċ, jew tal-operatur tal-faċilità tal-kummerċ multilaterali, fejn applikabbli.

91. Il-prospett għandu jiġi ppubblikat fuq sezzjoni dedikata tal-websajt li tkun faċilment aċċessibbli meta wieħed jidħol fiha. Dan għandu jkun jista' jitniżżel, jiġi stampat u f'format li jitfittex elettronikament u ma jistax jiġi modifikat.

Id-dokumenti li fihom informazzjoni inkorporata b'referenza fil-prospett, u s-supplimenti u/jew it-termini finali marbuta mal-prospett għandhom ikunu aċċessibbli taħt l-istess taqsima flimkien mal-prospett, inkluż permezz ta' hyperlinks fejn meħtieġ.

92. L-aċċess għall-prospett m'għandux ikun soġġett għat-tlestija ta' proċess tar-reġistrazzjoni, l-aċċettazzjoni ta' ċaħda li tillimita r-responsabbiltà legali jew il-ħlas ta' tariffa.

93. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domestiku għandha tippubblika fuq il-websajt tagħha l-prospetti kollha approvati jew għall-inqas il-lista tal-prospetti approvati, inkluża hyperlink għas-sezzjonijiet ddedikati tal-websajt imsemmija fil-paragrafu 3 kif ukoll bħala identifikazzjoni tal-Istat Membru(i) ospitanti fejn il-prospetti jiġu nnotifikati skont l-Artikolu 24. Il-lista ppubblikata, inklużi l-hyperlinks, għandhom jinżammu aġġornati u kull parti għandha tibqa' fuq il-websajt għall-perjodu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 7.

Fl-istess żmien li tinnotifika lill-ESMA bl-approvazzjoni ta' prospett jew kull suppliment għal dan, l-awtorità kompetenti għandha tipprovdi lill-ESMA b'kopja elettronika tal-prospett u bi kwalunkwe suppliment mehmuż miegħu, kif ukoll id-dejta meħtieġa għall-klassifikazzjoni tagħha mill-ESMA fil- mekkaniżmu ta' ħażna msemmija fil-paragrafu 6 u għar-rapport imsemmi fl-Artikolu 45 .

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha tippubblika l-informazzjoni fuq il-websajt tagħha dwar in-notifiki kollha sottomessi skont l-Artikolu 24.

94. Sa mhux aktar tard mill-ftuħ tal-offerta għall-pubbliku jew l-ammissjoni għall-kummerċ tat-titoli involuti, l-ESMA għandha tippubblika l-prospetti kollha li jkunu waslu mill-awtoritajiet kompetenti fuq il-websajt tagħha, inkluż kwalunkwe suppliment għal dawn, it-termini finali u t-traduzzjonijiet relatati fejn applikabbli, kif ukoll l-informazzjoni dwar l-Istat Membru(i) ospitanti fejn il-prospetti jkunu ġew notifikati skont l-Artikolu 24. Il-pubblikazzjoni għandha tkun żgurata permezz ta' mekkaniżmu ta' ħażna li jipprovdi lill-pubbliku aċċess mingħajr ħlas u funzjonijiet ta' tfittxija.

95. Il-prospetti kollha approvati għandhom jibqgħu disponibbli għall-pubbliku għal mill-inqas 10 snin wara l-pubblikazzjoni tagħhom fuq il-websajts speċifikati fil-paragrafi 2 u 6.

96. Fil-każ ta' prospett li jkun fih numru ta' dokumenti u/jew li jinkorpora informazzjoni b'referenza, id-dokumenti u l-informazzjoni li jikkostitwixxu l-prospett jistgħu jiġu ppubblikati u distribwiti separatament sakemm dawk id-dokumenti jkunu disponibbli għall-pubbliku skont il-paragrafu 2. Kull dokument kostitwenti tal-prospett għandu jindika minn fejn jistgħu jinkisbu d-dokumenti l-oħra li huma diġà approvati u/jew li se jiġu ddepożitati lill-awtorità kompetenti.

97. It-test u l-format tal-prospett, u/jew is-supplimenti għall-prospett li jkunu disponibbli għall-pubbliku għandhom f'kull ħin ikunu identiċi għall-verżjoni oriġinali approvata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini.

98. Għandha tintbagħat kopja tal-prospett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, fuq talba u mingħajr ħlas, mill-emittent, l-offerent, il-persuna li titlob l-ammissjoni għall-kummerċ jew l-intermedjarji finanzjarji li jqiegħdu jew ibiegħu t-titoli. Il-konsenja għandha tkun limitata għall-ġurisdizzjonijiet li fihom l-offerta għall-pubbliku jew fejn l-ammissjoni għall-kummerċ qed issir taħt dan ir-Regolament.

99. Sabiex tiġi żgurata l-armonizzazzjoni konsistenti tal-proċeduri stabbiliti f'dan l-Artikolu, l-ESMA tista' tiżviluppa abbozzi ta' standards regolatorji tekniċi biex tispeċifika aktar ir-rekwiżiti relatati mal-pubblikazzjoni tal-prospett.

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

100. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards regolatorji tekniċi biex tispeċifika l-informazzjoni meħtieġa għall-klassifikazzjoni tal-prospetti msemmija fil-paragrafu 5.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards regolatorji tekniċi lill-Kummissjoni sa [*daħħal data 9 xhur wara d-dħul fis-seħħ*].

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards regolatorji tekniċi msemmijin fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Artikolu 21
Reklami

101. Kwalunkwe reklam relatat jew ma' offerta lill-pubbliku ta' titoli jew mal-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat għandu jkun konformi mal-prinċipji li jinsabu f'dan l-Artikolu.

102. Ir-reklami għandhom jiddikjaraw illi ġie ppubblikat jew ser jiġi ppubblikat prospett u għandhom jindikaw fejn l-investituri għandhom jew jistgħu jiksbuh.

103. Ir-reklami jridu jintgħarfu b'mod ċar. It-tagħrif li jkun jinsab fir-reklam m'għandux ikun żbaljat jew qarrieqi. Din l-informazzjoni fir-reklam għandha tkun ukoll konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-prospett, fejn ikun diġà ppubblikat, jew mat-tagħrif meħtieġ li jkun fil-prospett, fejn il-prospett jiġi ppubblikat wara.

104. L-informazzjoni kollha li tikkonċerna l-offerta lill-pubbliku jew l-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat żvelata f'għamla orali jew miktuba, anki meta mhux għal skopijiet ta' pubbliċità, għandha tkun konsistenti ma' dik li hemm fil-prospett.

105. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domestiku għandu jkollha s-setgħa li teżerċita kontroll fuq il-konformità tal-attività tar-reklamar, relatata ma' offerta lill-

pubbliku ta' titoli jew l-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat, mal-prinċipji msemmija fil-paragrafi 2 sa 4.

106. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 42 biex tispeċifika aktar id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw ir-reklami stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 4 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 22
Supplimenti għall-prospetti

107. Kull fattur ġdid sinjifikanti, żball materjali jew ineżattezza relatati mal-informazzjoni inkluża fil-prospett li jistgħu jaffettwaw il-valutazzjoni tat-titoli u li jinħoloq jew jiġi nnutat bejn iż-żmien meta l-prospett jiġi approvat u l-għeluq finali tal-offerta lill-pubbliku jew meta l-kummerċ f'suq regolat jibda, skont liema jseħħ l-aħħar, għandu jissemma f'suppliment għall-prospett mingħajr dewmien żejjed.

Tali suppliment għandu jiġi approvat bl-istess mod bħall-prospett f'massimu ta' ħamest ijiem tax-xogħol u jiġi ppubblikat skont tal-inqas l-istess arranġamenti li kienu applikati meta l-prospett orġinali kien ippubblikat skont l-Artikolu 20. Is-sommarju, u kull traduzzjoni tiegħu, għandhom ukoll jiġu ssupplimentati, fejn ikun meħtieġ, biex tiġi kkunsidrata l-informazzjoni l-ġdida inkluża fis-suppliment.

108. Meta l-prospett ikollu x'jaqsam ma' offerta ta' titoli lill-pubbliku, l-investituri li jkunu digà qablu li jixtru jew jissottoskrivu t-titoli qabel ma s-suppliment jiġi ppubblikat għandu ikollhom id-dritt, li jiġi eżerċitat fi żmien jumejn tax-xogħol wara l-pubblikazzjoni tas-suppliment, li jirtiraw l-aċċettazzjonijiet tagħhom, sakemm il-fattur, l-iżball jew l-ineżattezza msemmija fil-paragrafu 1 ikunu seħħew qabel l-għeluq finali tal-offerta lill-pubbliku jew l-kunsinna tat-titoli, liema minnhom iseħħ l-ewwel. Dak il-perjodu jista' jiġi estiż mill-emittent jew l-offerent. Id-data finali tad-dritt ta' rtirar għandha tiġi ddikjarata fis-suppliment.

109. Fejn l-emittent jipprepara suppliment dwar l-informazzjoni fil-prospett bażi li jirrigwarda kwistjoni waħda jew aktar, id-dritt tal-investituri li jirtiraw l-aċċettazzjonijiet tagħhom skont il-paragrafu 2 għandu japplika biss għall-kwistjoni(jiet) rilevanti u mhux għal ħruġ ieħor ta' titoli taħt il-prospett bażi.

110. Suppliment wieħed biss għandu jiġi mfassal u approvat fejn il-fattur ġdid sinjifikanti, żball jew ineżattezza materjali msemmija fil-paragrafu 1 jikkonċernaw biss l-informazzjoni li tinsab f'dokument tar-reġistrazzjoni universali u fejn dan id-dokument tar-reġistrazzjoni universali ikun użat fl-istess ħin bħala parti kostitwenti ta' diversi prospetti. F'dak il-każ, is-suppliment għandu jsemmi l-prospetti kollha li dan ikopri.

111. Meta jiġi eżaminat suppliment qabel l-approvazzjoni, l-awtorità kompetenti tista' titlob biex is-suppliment jinkludi fih verżjoni konsolidata tal-prospett issupplimentat fl-anness, fejn dan ikun meħtieġ biex jiġi żgurat li l-informazzjoni mogħtija fil-prospett tkun tinftiehem sew. Din it-talba għandha titqies li tkun talba għal informazzjoni supplimentari skont l-Artikolu 19(4).

112. Sabiex tiġi żgurata l-armonizzazzjoni konsistenti ta' dan l-Artikolu u biex jitqiesu l-iżviluppi tekniċi fis-swieq finanzjarji, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards regolatorji tekniċi biex tispeċifika sitwazzjonijiet fejn fattur sinjifikanti ġdid, żball jew ineżattezza materjali marbuta mal-informazzjoni inkluża fil-prospett tkun teħtieġ suppliment għall-prospett li għandu jiġi ppubblikat.

L-ESMA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards regolatorji tekniċi lill-Kummissjoni sa [*daħħal id-data 9 xhur wara d-dħul fis-seħħ*].

Qiegħda tiġi ddelegata s-setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards regolatorji tekniċi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

KAPITOLU V
OFFERTI TRANSKONFINALI U AMMISSJONIJIET GĦALL-KUMMERĊ U L-UŻU TAL-LINGWI

Artikolu 23
Kamp ta' applikazzjoni tal-Unjoni tal-approvazzjonijiet ta' prospetti

113. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 35, meta offerta lill-pubbliku jew dħul għal negozju f'suq regolat jingħataw fi Stat Membru wieħed jew aktar, jew fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru domestiku, il-prospett approvat mill-Istat Membru domestiku u kwalunkwe suppliment għal dan għandu jkun validu għall-offerta lill-pubbliku jew l-ammissjoni għall-kummerċ f'kull numru ta' Stati Membri ospitanti, sakemm l-ESMA u l-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru ospitanti jiġu nnotifikati skont l-Artikolu 24. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti m'għandhomx jindaħlu għall-ebda approvazzjoni jew proċeduri amministrattivi li jkollhom x'jaqsmu mal-prospetti.

114. Fejn fatturi ġodda sinjifikanti, żbalji materjali jew ineżattezzi jinħolqu wara l-approvazzjoni tal-prospett, kif imsemmi fl-Artikolu 22, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domestiku għandha teħtieġ li l-pubblikazzjoni tas-suppliment għandha tiġi approvata skont l-Artikolu 19(1). L-ESMA u l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jistgħu jinfurmaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domestiku dwar il-bżonn ta' informazzjoni ġdida.

Artikolu 24
Notifika

115. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domestiku għandha, fuq talba tal-emittent jew tal-persuna responsabbli mit-tfassil tal-prospett u fi żmien tlett ijiem tax-xogħol wara s-sottomissjoni ta' dik it-talba jew, fejn it-talba titressaq flimkien mal-abbozz tal-prospett, fi żmien ġurnata tax-xogħol wara l-approvazzjoni tal-prospett, tinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti permezz ta' ċertifikat ta' approvazzjoni li jattesta li l-prospett tfassal skont dan ir-Regolament u kopja elettronika ta' dak il-prospett.

Fejn applikabbli, in-notifika msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun akkumpanjata minn traduzzjoni tal-prospett u/jew sommarju magħmul taħt ir-responsabbiltà tal-emittent jew tal-persuna responsabbli mit-tfassil tal-prospett.

L-emittent jew il-persuna responsabbli għat-tfassil tal-prospett għandu jiġi nnotifikat biċ-ċertifikat tal-approvazzjoni fl-istess ħin li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tkun ġiet innotifikata.

116. L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 17(2) u (3) għandha tiġi ddikjarata fiċ-ċertifikat, kif ukoll il-ġustifikazzjoni tagħha.

117. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domestiku għandha tinnotifika lill-ESMA biċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tal-prospett fl-istess ħin li tinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti.

118. Meta t-termini finali tal-prospett bażi li kien notifikat qabel la jkunu inklużi fil-prospett bażi u lanqas f'suppliment, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domestiku għandha tikkomunikahom b'mod elettroniku lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru(i) ospitanti u lill-ESMA kemm jista' jkun malajr malli dan ikun prattiku wara li jiġu ppreżentati.

119. M'għandha tiġi imposta l-ebda miżata mill-awtoritajiet kompetenti għan-notifika, jew l-irċevuta tan-notifika, ta' prospetti u supplimenti mehmużin magħhom, jew kwalunkwe attività superviżorja relatata, kemm fl-Istat Membru domestiku jew fl-Istat Membru(i) ospitanti.

120. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u sabiex jitqiesu l-iżviluppi tekniċi fis-swieq finanzjarji, l-ESMA tista' tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi biex tistabbilixxi l-formoli, il-mudelli u l-proċeduri standard għan-notifika taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni, il-prospett, is-suppliment għall-prospett u t-traduzzjoni tal-prospett u/jew is-sommarju.

Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa biex tadotta standards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Artikolu 25
Użu tal-lingwi

121. Meta ssir offerta lill-pubbliku jew tintalab ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat fl-Istat Membru domestiku biss, il-prospett għandu jitfassal f'lingwa aċċettata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domestiku.

122. Meta ssir offerta lill-pubbliku jew ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat fi Stat Membru jew iktar minbarra l-Istat Membru domestiku, il-prospett għandu jitfassal jew f'lingwa aċċettata mill-awtoritajiet kompetenti ta' dawk l-Istati Membri jew f'lingwa komuni fl-isfera tal-finanzi internazzjonali, fuq l-għażla tal-emittent, tal-offerent jew il-persuna li titlob l-ammissjoni.

L-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru ospitanti tista' teħtieġ li s-sommarju msemmi fl-Artikolu 7 għandu jinqaleb fil-lingwa jew il-lingwi uffiċjali tagħha, iżda m'għandhiex teħtieġ it-traduzzjoni ta' xi parti oħra tal-prospett.

Għall-fini tal-iskrutinju u l-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domestiku, il-prospett għandu jitfassal jew f'lingwa aċċettata minn din l-awtorità jew b'lingwa użata fl-isfera finanzjarja internazzjonali, fuq l-għażla tal-emittent, l-offerent jew il-persuna li titlob l-ammissjoni għall-kummerċ.

123. Meta ssir offerta lill-pubbliku jew ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat fi Stat Membru jew iktar inkluż l-Istat Membru domestiku, il-prospett għandu jitfassal f'lingwa aċċettata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domestiku, u għandu jkun disponibbli wkoll jew f'lingwa aċċettata mill-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru ospitanti jew inkella f'lingwa komuni fl-isfera finanzjarja internazzjonali, skont l-għażla tal-emittent, tal-offerent, jew il-persuna li titlob l-ammissjoni għall-kummerċ.

L-awtorità kompetenti ta’ kull Stat Membru ospitanti tista’ teħtieġ li s-sommarju msemmi fl-Artikolu 7 jinqaleb fil-lingwa jew fil-lingwi uffiċjali tagħha, iżda m’għandhiex teħtieġ it-traduzzjoni ta’ xi parti oħra tal-prospett.

124. It-termini finali u s-sommarju tal-ħruġ individwali għandhom jitfasslu fl-istess lingwa bħal-lingwa tal-prospett bażi approvat.

Meta t-termini finali jiġu kkomunikati lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jew, fejn hemm Stat Membru ospitanti wieħed jew aktar, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti, it-termini finali u s-sommarju tal-ħruġ individwali anness miegħu, għandhom ikunu suġġetti għar-rekwiżiti tal-lingwa stipulati f’dan l-Artikolu.

KAPITOLU VI
REGOLI SPEĊIFIĊI RIGWARD EMITTENTI STABBILITI F’PAJJIŻI TERZI

Artikolu 26
Offerta ta' titoli jew l-ammissjoni għall-kummerċ magħmula taħt prospett imfassal f'konformità ma' dan ir-Regolament

125. Emittent ta’ pajjiż terz li jkun beħsiebu joffri titoli lill-pubbliku fl-Unjoni jew ifittex ammissjoni għall-kummerċ tat-titoli f’suq regolat tal-Unjoni skont prospett imfassal f’konformità ma’ dan ir-Regolament għandu jikseb l-approvazzjoni tal-prospett tiegħu, skont l-Artikolu 19, mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domestiku tiegħu, kif stabbilit fil-punt (iii) tal-Artikolu 2(1)(m). Dan il-prospett u l-emittent ta’ pajjiż terz għandhom ikunu suġġetti għad-dispożizzjonijiet kollha ta’ dan ir-Regolament taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domestiku.

126. L-emittent ta’ pajjiż terz għandu jaħtar rappreżentant stabbilit fl-Istat Membru tiegħu, fost l-entitajiet li huma suġġetti għal u sorveljati skont ir-regolament tas-servizzi finanzjarji tal-UE, fuq il-bażi ta’ awtorizzazzjoni. L-emittent ta’ pajjiż terz għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti bl-identità u d-dettalji tar-rappreżentant tiegħu.

127. Ir-rappreżentant għandu jkun il-punt tal-kuntatt tal-emittent tal-pajjiż terz fl-Unjoni għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, li permezz tiegħu għandha sseħħ kwalunkwe korrispondenza uffiċjali mal-awtorità kompetenti. Ir-rappreżentant għandu, flimkien mal-emittent ta’ pajjiż terz, ikun responsabbli biex jiżgura konformità tal-prospett mar-rekwiżiti ta’ dan ir-Regolament, skont il-Kapitoli VII u VIII ta’ dan ir-Regolament, lejn l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domestiku.

Artikolu 27
Offerta ta' titoli jew ammissjoni għall-kummerċ magħmula taħt prospett imfassal skont il-leġiżlazzjoni ta' pajjiż terz

128. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domestiku ta’ emittent ta’ pajjiż terz tista’ tapprova prospett għal offerta lill-pubbliku jew għall-ammissjoni għall-kummerċ f’suq regolat, imfassal skont, u li huwa soġġett għal, il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-emittent ta’ pajjiż terz, fejn ir-rekwiżiti tal-informazzjoni imposti mill-imsemmija leġiżlazzjoni ta’ pajjiż terz ikunu ekwivalenti għar-rekwiżiti skont dan ir-Regolament.

129. Fil-każ ta’ offerta lill-pubbliku jew ammissjoni għal negozju f’suq regolat tat-titoli maħruġa minn emittent ta’ pajjiż terz, fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru domestiku, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 23, 24 u 25 għandhom japplikaw .

130. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu 42 li jistabbilixxi l-kriterji ġenerali ta' ekwivalenza, ibbażati fuq ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 6, 7, 8 u 13.

Fuq il-bażi tal-kriterji msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri ta' implimentazzjoni skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 43, li tiddikjara li pajjiż terz jiżgura li l-prospetti mfassla f'dak il-pajjiż huma konformi ma' dan ir-Regolament permezz tal-liġi nazzjonali tiegħu . Dawk l-atti implimentattivi għandhom jiġu adottati skont il-proċedura tal-eżami msemmija fl-Artikolu 43 (2).

Artikolu 28
Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi

131. Għall-fini tal-Artikolu 27, u, fejn ikun meħtieġ, għall-finijiet tal-Artikolu 26, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jikkonkludu arranġamenti ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji ta' pajjiżi terzi dwar l-iskambju ta' informazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji f'pajjiżi terzi u l-infurzar tal-obbligi li jirriżultaw taħt dan ir-Regolament fil-pajjiżi terzi. Dawn l-arranġamenti ta' kooperazzjoni għandhom jiżguraw mill-inqas skambju effiċjenti ta' informazzjoni li jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jwettqu d-dmirijiet tagħhom taħt dan ir-Regolament.

Awtorità kompetenti għandha tinforma lill-ESMA u lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra meta tipproponi li tidħol f'arranġament bħal dan.

132. Għall-fini tal-Artikolu 27, u, fejn ikun meħtieġ, għall-finijiet tal-Artikolu 26, l-ESMA għandha tiffaċilita u tikkoordina l-iżvilupp ta' arranġamenti ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet superviżorji rilevanti ta' pajjiżi terzi.

Sabiex tiġi żgurata l-armonizzazzjoni konsistenti ta' dan l-Artikolu, l-ESMA tista' tiżviluppa abbozzi ta' standards regolatorji tekniċi li jkun fihom mudell ta' dokumenti għal arranġamenti ta' kooperazzjoni li għandhom jintużaw mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fejn possibbli.

Il-Kummissjoni qed tiġi ddelegata bis-setgħa li tadotta l-istandards regolatorji tekniċi msemmija fit-tieni subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

L-ESMA għandha wkoll, fejn ikun meħtieġ , tiffaċilita u tikkoordina l-iskambju bejn l-awtoritajiet kompetenti tat-tagħrif miksub mill-awtoritajiet superviżorji ta' pajjiżi terzi li jista' jkun rilevanti għall-adozzjoni ta' miżuri taħt l-Artikoli 36 u 37.

133. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonkludu arranġamenti ta' kooperazzjoni dwar l-iskambju ta' informazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji ta' pajjiżi terzi biss jekk l-informazzjoni żvelata tkun soġġetta għal garanziji ta' segretezza professjonali li jkunu mill-inqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti fl-Artikolu 33. Dan l-iskambju ta' informazzjoni għandu jkun maħsub għat-twettiq tal-kompiti ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti.

KAPITOLU VII
ESMA U AWTORITAJIET KOMPETENTI

Artikolu 29
Awtoritajiet kompetenti

134. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità amministrattiva kompetenti unika li tkun responsabbli għat-twettiq tad-dmirijiet li jirriżultaw minn dan ir-Regolament u sabiex tiżgura li d-dispożizzjonijiet adottati skont dan ir-Regolament jiġu applikati. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni, l-ESMA u lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra ta' Stati Membri oħra dwar dan.

L-awtorità kompetenti għandha tkun kompletament indipendenti mill-parteċipanti kollha tas-suq.

135. L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-awtorità kompetenti tagħhom sabiex tiddelega l-kompiti tal-pubblikazzjoni fuq l-Internet tal-prospetti approvati.

Kwalunkwe delegazzjoni ta' kompiti lill-entitajiet għandhom isiru b'deċiżjoni speċifika li tiddikjara l-kompiti li ser jitwettqu u l-kundizzjonijiet li taħthom għandhom jitwettqu, u li tinkludi klawżola li tobbliga lill-entità kkonċernata sabiex taġixxi u tkun organizzata b'tali mod li jiġu evitati kunflitti ta' interess u b'hekk l-informazzjoni miksuba permezz tal-kompiti delegati ma tintużax b'mod inġust jew biex timpedixxi l-kompetizzjoni. Tali deċiżjoni trid tispeċifika l-arranġamenti konklużi bejn l- awtorità kompetenti u l-entità li lilha jiġu ddelegati l-kompiti.

Ir-responsabbiltà aħħarija għas-sorveljanza tal-konformità ma' dan ir-Regolament u għall-approvazzjoni tal-prospett għandha tkun tal-awtorità kompetenti maħtura skont il-paragrafu 1.

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni, lill-ESMA u lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra bid-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2, inklużi l-kundizzjonijiet preċiżi li jirregolaw din id-delega.

136. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li Stat Membru jagħmel arranġamenti legali u amministrattivi separati għat-territorji barranin Ewropej li dak l-Istat Membru jkun responsabbli għar-relazzjonijiet esterni tagħhom.

Artikolu 30
Setgħat tal-awtoritajiet kompetenti

137. Sabiex jaqdu d-dmirjiet tagħhom taħt dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom, f'konformità mal-liġi nazzjonali, mill-inqas is-setgħat superviżorji u investigatorji li ġejjin:

(kkkkk) li jeħtieġu lill-emittenti, offerenti jew lil persuni li jitolbu għall-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat li jinkludu fil-prospett informazzjoni supplimentari, fejn ikun meħtieġ għall-protezzjoni tal-investituri;

(lllll) li jeħtieġu lill-emittenti, offerenti u lill-persuni li jitolbu għall-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat, u lill-persuni li jikkontrollawhom jew li huma kkontrollati minnhom, biex jipprovdu l-informazzjoni u d-dokumenti;

(mmmmm) li jeħtieġu lill-awdituri u l-maniġers tal-emittenti, l-offerenti jew il-persuna li titlob l-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat, kif ukoll lill-

intermedjarji finanzjarji kummissjonati li jwettqu l-offerta lill-pubbliku jew li jitolbu l-ammissjoni għall-kummerċ, biex jipprovdu l-informazzjoni;

(nnnnn) li jissospendu offerta lill-pubbliku jew l-ammissjoni għal negozju għal massimu ta’ 10 ijiem tax-xogħol konsekuttivi f’kull okkażjoni meta jkun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jissuspetta li d-disposizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament ikunu nkisru;

(ooooo) li jipprojbixxu jew jissospendu r-reklami jew jeħtieġu lill-emittenti, l-offerenti jew il-persuni li jitolbu ammissjoni għall-kummerċ f’suq regolat, jew l-intermedjarji finanzjarji rilevanti sabiex iwaqqfu jew jissospendu r-reklami għal massimu ta' 10 ijiem tax-xogħol konsekuttivi f’kull okkażjoni meta jkun hemm bażi raġonevoli sabiex wieħed jemmen li d-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament ikunu nkisru;

(ppppp) li jipprojbixxu offerta lill-pubbliku fejn issib illi d-disposizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament ikunu nkisru jew fejn hemm raġunijiet raġonevoli sabiex wieħed jissuspetta li jistgħu jinkisru;

(qqqqq) li jissospendu jew jitlobu lis-swieq regolati rilevanti li jissospendu l-kummerċ f’suq regolat għall-massimu ta' 10 ijiem tax-xogħol konsekuttivi f’kull okkażjoni meta jkun hemm bażi raġjonevoli biex wieħed jemmen li d-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament inkisru;

(rrrrr)li jipprojbixxu l-kummerċ f’suq regolat, meta jsibu li d-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament ikunu nkisru;

(sssss) li jagħmlu pubbliku l-fatt li emittent, offerent jew persuna li titlob l-ammissjoni għall-kummerċ qed jonqos milli jħares l-obbligi tiegħu;

(ttttt) li jissospendu l-iskrutinju tal-prospett sottomess għall-approvazzjoni jew jissospendu l-offerta lill-pubbliku jew l-ammissjoni għal negozju fejn l-awtorità kompetenti tagħmel użu mis-setgħa li timponi projbizzjoni jew restrizzjoni skont l-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [26], sakemm tali projbizzjoni jew restrizzjoni tkun waqfet;

(uuuuu) li jirrifjutaw l-approvazzjoni ta’ kwalunkwe prospett imfassal minn ċertu emittent, offerent jew persuna li titlob l-ammissjoni għall-kummerċ għal massimu ta’ 5 snin, fejn dan l-emittent, l-offerent jew il-persuna li titlob l-ammissjoni għall-kummerċ ripetutament u serjament ikun kiser id-dispożizzjonijiet ta’ dan Regolament;

(vvvvv) li jiżvelaw, jew li jeħtieġu lill-emittent biex jiżvela t-tagħrif materjali kollu li jista’ jkollu effett fuq il-valutazzjoni tat-titoli ammessi għall-kummerċ f’suq regolat sabiex tkun żgurata l-protezzjoni tal-investituri jew sabiex titwitta l-ħidma tas-suq;

(wwwww) li jissospendu jew jitlobu lis-suq regolat rilevanti biex jissospendi t-titoli mill-kummerċ meta jikkunsidraw li s-sitwazzjoni tal-emittent hija dik li l-iskambju ikun ta’ detriment għall-interessi tal-investituri;

[26] Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Mejju 2014 dwar swieq fi strumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84).

(xxxxx) biex iwettqu spezzjonijiet jew investigazzjonijiet fuq il-post f'siti minbarra dawk tar-residenzi privati ta' persuni fiżiċi, u għal dan il-għan li jidħlu fil-bini sabiex jaċċessaw dokumenti u dejta oħra fi kwalunkwe forma, fejn ikun hemm suspett raġonevoli li jeżistu dokumenti u dejta oħra relatati mas-suġġett tal-ispezzjoni jew investigazzjoni li jistgħu jkunu rilevanti biex jipprovaw il-ksur ta' dan ir-Regolament.

Fejn meħtieġ taħt il-liġi nazzjonali, l-awtorità kompetenti tista' titlob lill-awtorità ġudizzjarja rilevanti biex tiddeċiedi dwar l-użu tas-setgħat imsemmija fl-ewwel subparagrafu. Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-ESMA għandha tkun intitolata li tipparteċipa fl-ispezzjonijiet fuq il-post imsemmija fil-punt (n) fejn jitwettqu b'mod konġunt minn żewġ awtoritajiet kompetenti jew aktar.

138. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu l-funzjonijiet u s-setgħat tagħhom, imsemmija fil-paragrafu 1, fi kwalunkwe wieħed mill-modi li ġejjin:

(yyyyy) direttament;

(zzzzz) f'kollaborazzjoni ma' awtoritajiet oħrajn;

(aaaaaa) taħt ir-responsabbiltà tagħhom b'delega lil tali awtoritajiet;

(bbbbbb) b'applikazzjoni lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti.

139. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu fis-seħħ miżuri xierqa sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħat superviżorji u investigatorji li jkunu jeħtieġu biex iwettqu dmirijiethom.

140. Persuna li tagħmel l-informazzjoni disponibbli għall-awtorità kompetenti skont dan ir-Regolament m'għandhiex tkun kkunsidrata li kisret xi restrizzjoni fuq żvelar ta' informazzjoni imposta b'kuntratt jew b'xi dispożizzjoni leġiżlattiva, regolatorja jew amministrattiva, u m'għandha tkun soġġetta għal ebda tip ta' responsabbiltà relatata ma' tali notifika.

141. Il-paragrafi 1 sa 3 huma mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li Stat Membru jagħmel arranġamenti legali u amministrattivi separati għal territorji barranin Ewropej li għar-relazzjonijiet barranin tagħhom ikun responsabbli l-Istat Membru.

Artikolu 31
Kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti

142. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw ma' xulxin u mal-ESMA għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Huma għandhom jiskambjaw l-informazzjoni mingħajr dewmien żejjed u jikkooperaw f'attivitajiet ta' investigazzjoni, superviżjoni u ta' infurzar.

Meta l-Istati Membri jkunu għażlu, skont l-Artikolu 36, li jistabbilixxu sanzjonijiet kriminali għal ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, dawn għandhom jiżguraw li l-miżuri xierqa jkunu fis-seħħ sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħat neċessarji biex jikkollaboraw mal-awtoritajiet ġudizzjarji fi ħdan il-ġurisdizzjoni tagħhom li jirċievu informazzjoni speċifika relatata ma' investigazzjonijiet kriminali jew proċeduri mibdija għal ksur possibbli ta' dan ir-Regolament u jipprovdu l-istess lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra u l-ESMA biex dawn iwettqu l-obbligu tagħhom li jikkooperaw ma' xulxin u mal-ESMA għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

143. Awtorità kompetenti tista' tirrifjuta li taġixxi fuq talba għal informazzjoni jew talba sabiex tikkoopera f'investigazzjoni biss f'xi waħda miċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li ġejjin:

(cccccc) fejn il-konformità mat-talba x'aktarx li taffettwa ħażin l-investigazzjoni, l-attivitajiet ta' infurzar jew l-investigazzjoni kriminali tagħha stess;

(dddddd) fejn proċeduri ġudizzjarji jkunu diġà nbdew fir-rigward tal-istess azzjonijiet u kontra l-istess persuni quddiem l-awtoritajiet tal-Istat Membru indirizzat;

(eeeeee) meta sentenza finali tkun diġà ngħatar fir-rigward ta' dawn il-persuni għall-istess azzjonijiet fl-Istat Membru indirizzat.

144. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, fuq talba, jipprovdu immedjatament kull informazzjoni meħtieġa għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

145. L-awtorità kompetenti tista' titlob l-għajnuna mingħand l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor fir-rigward ta' spezzjonijiet jew investigazzjonijiet fuq il-post.

Awtorità kompetenti rikjedenti għandha tinforma lill-ESMA b'kull talba msemmija fl-ewwel subparagrafu. Fil-każ ta' investigazzjoni jew spezzjoni b'effett transkonfinali, l-ESMA għandha, fejn tintalab tagħmel hekk minn waħda mill-awtoritajiet kompetenti, tikkoordina l-investigazzjoni jew l-ispezzjoni.

Meta awtorità kompetenti tirċievi talba mingħand awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor biex twettaq spezzjoni fuq il-post jew investigazzjoni, tista':

(ffffff) twettaq l-ispezzjoni jew l-investigazzjoni fuq il-post hi stess;

(gggggg) tippermetti lill-awtorità kompetenti li bagħtet it-talba tipparteċipa fl-ispezzjoni fil-post jew l-investigazzjoni;

(hhhhhh) tippermetti lill-awtorità kompetenti li bagħtet it-talba twettaq l-ispezzjoni jew l-investigazzjoni fuq il-post hija stess;

(iiiiii) taħtar awdituri jew esperti biex iwettqu l-ispezzjoni jew l-investigazzjoni fuq il-post, u/jew

(jjjjjj) taqsam kompiti speċifiċi relatati ma' attivitajiet superviżorji mal-awtoritajiet kompetenti l-oħra.

146. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirreferu lill-ESMA sitwazzjonijiet fejn tkun ġiet rifjutata talba għall-kollaborazzjoni, b'mod partikolari għal skambju ta' informazzjoni, jew ma tkunx ittieħdet azzjoni dwarha fi żmien raġonevoli. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 258 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), fil-każijiet msemmija fl-ewwel sentenza l-ESMA tista' taġixxi skont is-setgħa mogħtija lilha taħt l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

147. L-ESMA tista' tiżviluppa abbozzi ta' standards regolatorji tekniċi sabiex tispeċifika l-informazzjoni li għandha tiġi skambjata bejn l-awtoritajiet kompetenti skont il-paragrafu 1.

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards regolatorji tekniċi msemmijin fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

148. L-ESMA tista' tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi sabiex tistabbilixxi formoli, mudelli u proċeduri standard għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fit-tielet sottoparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Artikolu 32
Kooperazzjoni mal-ESMA

149. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw mal-ESMA għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, skont ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

150. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu lill-ESMA, mingħajr dewmien, l-informazzjoni kollha meħtieġa biex iwettqu d-dmirijiet tagħhom, skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

151. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, l-ESMA tista' tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi sabiex tiddetermina l-proċeduri u l-forom għall-iskambju ta' informazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 2.

Il-Kummissjoni qiegħda tingħata s-setgħa biex tadotta standards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Artikolu 33
Segretezza professjonali

152. L-informazzjoni kollha skambjata bejn l-awtoritajiet kompetenti skont dan ir-Regolament li tikkonċerna n-negozju jew kundizzjonijiet operattivi u affarijiet oħra ekonomiċi jew personali għandha titqies kunfidenzjali u tkun soġġetta għar-rekwiżiti tas-segretezza professjonali, ħlief fejn l-awtorità kompetenti jew awtorità jew korp ieħor ikkonċernat jiddikjaraw fil-ħin tal-komunikazzjoni li din l-informazzjoni tista' tiġi żvelata jew tali żvelar ikun meħtieġ għal proċeduri legali.

153. L-obbligu tas-segretezza professjonali għandu japplika għall-persuni kollha li jaħdmu jew li ħadmu għall-awtorità kompetenti jew għal kwalunkwe entità li lilha l-awtorità kompetenti tkun iddelegat il-poteri. L-informazzjoni koperta b'segretezza professjonali ma tistax tiġi żvelata lill-ebda persuna jew awtorità oħra ħlief permezz tad-dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali.

Artikolu 34
Protezzjoni tad-dejta

Rigward l-ipproċessar tad-dejta personali fil-qafas ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu l-kompiti tagħhom għall-finijiet ta' dan ir-Regolament skont il-liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva 95/46/KE.

Fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali mill-ESMA fil-qafas ta' dan ir-Regolament, l-ESMA għandha tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

Artikolu 35
Miżuri kawtelatorji

154. Meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti ssib li ġew imwettqa irregolaritajiet mill-emittent, l-offerent jew il-persuna li titlob l-ammissjoni għall-kummerċ jew mill-istituzzjonijiet finanzjarji responsabbli mill-offerta lill-pubbliku jew li dawk il-persuni jkunu kisru l-obbligi tagħhom taħt dan ir-Regolament, għandha tirreferi dawn is-sejbiet lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domestiku u lill-ESMA.

155. Fejn, minkejja l-miżuri meħuda mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domestiku, l-emittent, l-offerent jew il-persuna li titlob l-ammissjoni għan-negozjar jew l-istituzzjonijiet finanzjarji responsabbli mill-offerta lill-pubbliku jibqgħu jiksru d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, wara li tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru u l-ESMA, għandha tieħu l-miżuri kollha xierqa sabiex tipproteġi lill-investituri u għandha tinforma lill-Kummissjoni u lill-ESMA b'dan mingħajr dewmien żejjed.

156. L-ESMA tista', fis-sitwazzjonijiet imsemmija fit-tieni paragrafu, taġixxi skont is-setgħa mogħtija lilha fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

KAPITOLU VIII
MIŻURI AMMINISTRATTIVI U SANZJONIJIET

Artikolu 36
Miżuri amministrattivi u sanzjonijiet

157. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat superviżorji u investigatorji tal-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 30, u d-dritt tal-Istati Membri li jipprovdu għal u jimponu sanzjonijiet kriminali, l-Istati Membri għandhom, f'konformità mal-liġi nazzjonali, jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti biex ikollhom is-setgħa li jieħdu miżuri amministrattivi xierqa u jimponu sanzjonijiet amministrattivi mill-inqas għal:

(kkkkkk) il-ksur tal-Artikolu 3, Artikolu 5, Artikolu 6, Artikolu 7(1) sa (10), Artikolu 8, Artikolu 9(1) sa (13), Artikolu 10, Artikolu 11(1) u (3), Artikolu 12, Artikolu 14(2), Artikolu 15(1) u (2), Artikolu 16(1), Artikolu 17(1) u (3), Artikolu 18(1) sa (3), Artikolu 19(1), Artikolu 20(1) sa (4) u (7) sa (10), Artikolu 21(2) to (4), Artikolu 22 (1), (2) u (4), u Artikolu 25 ta' dan ir-Regolament;

(llllll)nuqqas ta' kooperazzjoni jew konformità f'investigazzjoni jew ma' spezzjoni jew talba koperta mill-Artikolu 30.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jistabbilixxux regoli għal sanzjonijiet amministrattivi kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu meta l-ksur imsemmi fil-punt (a) jew punt (b) ta' dak is-subparagrafu ikun diġà soġġett għal sanzjonijiet kriminali fil-liġi nazzjonali tagħhom sa [*daħħal data 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ*]. Fejn jiddeċiedu hekk, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw, fid-dettall, lill-Kummissjoni u lill-ESMA, il-partijiet rilevanti tal-liġi kriminali tagħhom.

Sa [*daħħal data 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ*], l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw, fid-dettall, ir-regoli msemmija fl-ewwel u t-tieni subparagrafu lill-Kummissjoni u lill-ESMA. Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u l-ESMA mingħajr dewmien rigward kwalunkwe emenda sussegwenti għalihom.

158. L-Istati Membri għandhom, skont il-liġi nazzjonali, jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħa li jimponu mill-inqas dawn is-sanzjonijiet amministrattivi u miżuri li ġejjin fir-rigward tal-ksur elenkat fil-punt (a) tal-paragrafu 1:

(mmmmmm) dikjarazzjoni pubblika li tindika l-persuna fiżika jew l-entità legali responsabbli u n-natura tal-ksur;

(nnnnnn) ordni li teħtieġ lill-persuna fiżika jew entità ġuridika responsabbli li twaqqaf l-imġiba li tikkostitwixxi;

(oooooo) sanzjonijiet massimi amministrattivi pekunarji mill-inqas darbtejn l-ammont tal-profitti miksuba jew telf evitat minħabba l-ksur fejn dawn ikun jistgħu jiġu ddeterminati;

(pppppp) fil-każ ta' persuna ġuridika, sanzjonijiet massimi pekunarji amministrattivi ta' mill-inqas EUR 5 000 000, jew, fl-Istati Membri li l-munita tagħhom ma tkunx l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali fi [*daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ*], jew 3% tal-fatturat annwali totali ta' dik il-persuna legali skont l-aħħar rapporti finanzjarji disponibbli approvati mill-korp maniġerjali.

Fejn il-persuna ġuridika tkun impriża prinċipali jew sussidjarja ta' impriża prinċipali li hi meħtieġa biex tipprepara l-kontijiet finanzjarji konsolidati skont id-Direttiva 2013/34/UE, il-fatturat annwali totali relevanti għandu jkun il-fatturat annwali totali jew it-tip korrispondenti ta' dħul skont il-liġi rilevanti tal-Unjoni fil-qasam tal-kontabbiltà skont l-aħħar kontijiet konsolidati disponibbli approvati mill-korp maniġerjali tal-impriża prinċipali aħħarija.

(qqqqqq) fil-każ ta' persuna naturali, sanzjonijiet massimi pekunarji amministrattivi ta' mill-inqas EUR 700 000, jew, fl-Istati Membri li l-munita tagħhom ma tkunx l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali fi [*daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ*] .

159. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu sanzjonijiet jew miżuri addizzjonali u livelli ogħla ta' multi amministrattivi minn dawk previsti f'dan ir-Regolament.

Artikolu 37
Eżerċitar tas-setgħat superviżorji u s-setgħat ta' sanzjonar

160. L-awtoritajiet kompetenti, meta jiddeterminaw it-tip u l-livell ta' sanzjonijiet u miżuri amministrattivi, għandhom jikkunsidraw iċ-ċirkostanzi kollha rilevanti inkluż, fejn xieraq:

(rrrrrr) il-gravità u t-tul ta' żmien tal-ksur;

(ssssss) il-grad ta' responsabbiltà tal-persuna responsabbli għall-ksur;

(tttttt) is-saħħa finanzjarja tal-persuna responsabbli għall-ksur, kif indikat mill-fatturat totali tal-persuna ġuridika responsabbli jew id-dħul annwali u l-assi netti tal-persuna fiżika responsabbli;

(uuuuuu) l-impatt tal-ksur fuq l-interessi tal-investituri fil-livell tal-konsumatur;

(vvvvvv) l-importanza tal-profitti miksuba, it-telf evitat mill-persuna responsabbli għall-ksur jew it-telf għall-partijiet terzi minħabba l-ksur, safejn dawn ikunu jistgħu jiġu stabbiliti;

(wwwwww) il-livell ta' kooperazzjoni tal-persuna responsabbli għall-ksur mal-awtorità kompetenti, mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li tiġi żgurata l-eliminazzjoni tal-profitti miksuba jew tat-telf evitat minn dik il-persuna;

(xxxxxx) ksur preċedenti mill-persuna responsabbli għall-ksur.

(yyyyyy) miżuri meħuda wara l-ksur mill-persuna responsabbli biex tiġi evitata r-repetizzjoni tiegħu.

161. Fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom biex jimponu sanzjonijiet amministrattivi u miżuri amministrattivi oħra taħt l-Artikolu 36, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw mill-qrib biex jiżguraw li l-eżerċizzju tas-setgħat superviżorji u investigattivi tagħhom u s-sanzjonijiet u l-miżuri amministrattivi li jimponu jkunu effettivi u xierqa taħt dan ir-Regolament. Huma għandhom jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom sabiex jevitaw id-duplikazzjoni meta jeżerċitaw is-setgħat superviżorji u investigattivi tagħhom u meta jiġu imposti sanzjonijiet u miżuri amministrattivi f'każijiet transkonfinali.

Artikolu 38
Dritt ta' appell

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-deċiżjonijiet meħuda skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ikunu mmotivati kif xieraq u soġġetti għad-dritt tal-appell quddiem tribunal.

Artikolu 39
Rappurtar tal-ksur

162. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi effettivi biex jinkoraġġixxu u jippermettu r-rappurtar ta' ksur attwali jew potenzjali ta' dan ir-Regolament lilhom.

163. Il-mekkaniżmi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu mill-inqas:

(zzzzzz) proċeduri speċifiċi għar-riċeviment ta' rapporti ta' ksur attwali jew potenzjali u l-issuktar tagħhom, inkluż l-istabbiliment ta' kanali ta' komunikazzjoni siguri għal rapporti bħal dawn;

(aaaaaaa) protezzjoni xierqa lill-impjegati li jaħdmu taħt kuntratt ta' impjieg li jirrapportaw il-ksur mill-inqas kontra r-ritaljazzjoni, id-diskriminazzjoni u tipi oħra ta' trattament inġust mill-impjegatur tagħhom jew partijiet terzi;

(bbbbbbb) protezzjoni tal-identità u d-dejta personali kemm tal-persuna li tirrapporta l-ksur u tal-persuna naturali li hija allegatament responsabbli tal-ksur, fl-istadji kollha tal-proċedura, sakemm tali żvelar ikun meħtieġ mil-liġi nazzjonali fil-kuntest ta' investigazzjoni ulterjuri jew wara proċeduri ġudizzjarji.

164. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu inċentivi finanzjarji lil persuni li joffru informazzjoni rilevanti dwar ksur attwali jew potenzjali ta' dan ir-Regolament li għandhom jingħataw skont il-liġi nazzjonali fejn tali persuni ma jkollhomx dmirijiet legali jew kuntrattwali pre-eżistenti li jirrapportaw tali informazzjoni oħra, u sakemm l-informazzjoni tkun ġdida u li din tirriżulta fl-impożizzjoni ta' sanzjoni amministrattiva jew kriminali, jew fit-teħid ta' miżura amministrattiva oħra, għall-ksur ta' dan ir-Regolament.

165. L-Istati Membri għandhom jobbligaw lil impjegaturi li jkunu involuti f'attivitajiet li huma regolati għal skopijiet tas-servizzi finanzjarji biex ikollhom fis-seħħ proċeduri adatti għall-impjegati tagħhom sabiex jirrappurtaw ksur attwali jew potenzjali internament permezz ta' kanal speċifiku, indipendenti u awtonomu.

Artikolu 40
Pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet

166. Deċiżjoni li timponi sanzjoni amministrattiva jew miżura għal ksur ta' dan ir-Regolament għandha tkun ippubblikata mill-awtoritajiet kompetenti fuq il-websajt uffiċjali tagħhom immedjatament wara li l-persuna sanzjonata tiġi nfurmata dwar dik id-deċiżjoni. Il-pubblikazzjoni għandha tinkludi għallinqas l-informazzjoni dwar it-tip u n-natura tal-ksur u l-identità tal-persuni responsabbli. Dak l-obbligu m'għandux japplika għal deċiżjonijiet li jimponu miżuri li huma ta' natura investigatorja.

167. Meta l-pubblikazzjoni tal-identità tal-entitajiet legali jew id-dejta tal-identità jew personali ta' persuni fiżiċi, tkun meqjusa mill-awtorità kompetenti li tkun sproporzjonata wara valutazzjoni każ b'każ mwettqa fuq il-proporzjonalità tal-pubblikazzjoni ta' tali dejta, jew fejn din il-pubblikazzjoni tipperikola l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji jew tal-investigazzjoni li tkun għaddejja, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jew:

(ccccccc) jipposponu l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni li tiġi imposta sanzjoni jew miżura sal-mument meta r-raġunijiet għan-nuqqas ta' pubblikazzjoni ma jibqgħux jeżistu;

(ddddddd) jippubblikaw id-deċiżjoni li timponi sanzjoni jew miżura fuq bażi anonima b'mod li jkun konformi mal-liġi nazzjonali, fejn il-pubblikazzjoni anonima tista' tassigura protezzjoni effettiva tad-dejta personali kkonċernata. Fil-każ ta' deċiżjoni li tippubblika sanzjoni jew miżura fuq bażi anonima l-pubblikazzjoni tad-dejta rilevanti tista' tiġi posposta għal perjodu raġonevoli ta' żmien fejn huwa previst li f'dak il-perjodu r-raġunijiet għall-pubblikazzjoni anonima m'għandhomx jibqgħu jeżistu;

(eeeeeee) ma jippubblikawx id-deċiżjoni li timponi sanzjoni jew miżura fil-każ li l-għażliet stipulati fil-punti (a) u (b) hawn fuq jitqiesu li huma insuffiċjenti biex jiżguraw:

(i) li l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji ma tkunx imxekkla;

(ii) il-proporzjonalità tal-pubblikazzjoni tat-tali deċiżjonijiet fir-rigward tal-miżuri li jitqiesu li huma ta' natura minuri.

168. Meta d-deċiżjoni li tiġi imposta sanzjoni jew miżura tkun soġġetta għal appell quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji jew awtoritajiet rilevanti oħrajn, l-awtoritajiet kompetenti għandhom xorta waħda jippubblikaw, immedjatament, fuq il-websajt uffiċjali tagħhom din l-informazzjoni u kwalunkwe informazzjoni sussegwenti dwar ir-riżultat ta' tali appell. Barra minn dan, għandha tiġi ppubblikata wkoll kwalunkwe deċiżjoni li tannulla deċiżjoni preċedenti li timponi penali jew miżura.

169. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li kwalunkwe pubblikazzjoni f'konformità ma' dan l-Artikolu għandha tibqa' fuq il-websajt uffiċjali tagħhom għal tal-anqas ħames snin wara li tiġi ppubblikata. Id-dejta personali li tkun tinsab fil-pubblikazzjoni għandha tinżamm biss fuq is-sit elettroniku uffiċjali tal-awtorità

kompetenti għal perijodu li jkun meħtieġ f'konformità mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-dejta.

Artikolu 41
Rappurtar tas-sanzjonijiet lill-ESMA

170. L-awtorità kompetenti għandha, fuq bażi annwali, tipprovdi lill-ESMA bl-informazzjoni aggregata rigward is-sanzjonijiet amministrattivi kollha u l-miżuri imposti skont l-Artikolu 36. L-ESMA għandha tippubblika din l-informazzjoni f'rapport annwali.

Fejn Stati Membri għażlu, skont l-Artikolu 36 (1), li jiġu stabbiliti sanzjonijiet kriminali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 36(1) l-awtoritajiet kompetenti tagħhom għandhom jipprovdu lill-ESMA kull sena b'informazzjoni anonimizzata u aggregata dwar l-investigazzjonijiet kriminali kollha mwettqa u l-penali kriminali imposti. L-ESMA għandha tippubblika d-dejta dwar pieni kriminali imposti f'rapport annwali.

171. Meta l-awtorità kompetenti tkun żvelat sanzjonijiet amministrattivi jew kriminali jew miżuri amministrattivi oħra lill-pubbliku, hija għandha fl-istess ħin tirrapporta dawk is-sanzjonijiet amministrattivi jew miżuri lill-ESMA.

172. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinformaw lill-ESMA dwar is-sanzjonijiet amministrattivi kollha jew il-miżuri imposti iżda mhux ippubblikati skont l-Artikolu 40 (2)(c) inkluż kwalunkwe appell dwarhom u l-eżitu tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jirċievu informazzjoni u s-sentenza finali b'rabta ma' kwalunkwe piena kriminali imposta u jippreżentawha lill-ESMA. L-ESMA għandha żżomm database ċentrali ta' penali komunikati lilha għall-finijiet biss tal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti. Din id-database għandha tkun aċċessibbli biss għall-awtoritajiet kompetenti u għandha tkun aġġornata fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet kompetenti.

KAPIOLU IX
ATTI DELEGATI U IMPLIMENTATTIVI

Artikolu 42
Eżerċitar tad-delega

173. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati tingħata lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

174. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 1(5) u (6), l-Artikolu 2(2), l-Artikolu 9(14), l-Artikolu 13(1) u (2), l-Artikolu 14(3), l-Artikolu 15(3) , l-Artikolu 17(5), l-Artikolu 19(10), l-Artikolu 21(6) u l-Artikolu 27(3) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indefinit sa [*daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ*].

175. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 1(5) u (6), l-Artikolu 2(2), l-Artikolu 9(14), l-Artikolu 13(1) u (2), l-Artikolu 14(3), l-Artikolu 15(3) , l-Artikolu 17(5), l-Artikolu 19(10), l-Artikolu 21(6) u l-Artikolu 27(3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali

tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Din m'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

176. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

177. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 1(5) u (6), l-Artikolu 2(2), l-Artikolu 9(14), l-Artikolu 13(1) u (2), l-Artikolu 14(3), l-Artikolu 15(3), l-Artikolu 17(5), l-Artikolu 19(10), l-Artikolu 21(6) u l-Artikolu 27(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ebda oġġezzjoni ma tkun ġiet espressa jew mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien tliet xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew fejn, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż bi tliet xhur fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 43
Proċedura tal-Kumitat

178. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat Ewropew tat-Titoli stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/528/KE.[27] Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

179. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

KAPITOLU X
DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 44
Revoka

180. Id-Direttiva 2003/71/KE qed tiġi rrevokata b'effett minn [*daħħal id-data tal-applikazzjoni*].

181. Referenzi għad-Direttiva 2003/71/KE għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni stabbilita fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

182. Referenza għat-tielet u r-raba' subparagrafi tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2003/71/KE fit-tieni subparagrafu tal-punt (a) tal-Artikolu 25(4) tad-Direttiva 2014/65/UE għandhom ikomplu japplikaw għall-fini biex jiddefinixxu l-kunċett ta' suq ekwivalenti ta' pajjiż terz skont id-Direttiva 2014/65/UE.

183. Prospetti approvati skont il-liġijiet nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva 2003/71/KE qabel \ [*daħħal id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*] għandhom jibqgħu jiġu rregolati minn dik il-liġi nazzjonali sal-aħħar tal-validità tagħhom, jew sakemm ikunu għaddew tnax-il xahar wara \ [*daħħal id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*], skont liema jseħħ l-ewwel.

[27] Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/528/KE tas-6 ta' Ġunju 2001 li tistabbilixxi l-Kumitat tat-Titoli Ewropej (ĠU L 191, 13.7.2001, p. 45).

Artikolu 45
Rapport tal-ESMA fuq il-prospetti

184. Fuq il-bażi tad-dokumenti ppubblikati permezz tal-mekkaniżmu msemmi fl-Artikolu 20 (6), l-ESMA għandha tippubblika kull sena rapport li jkun fih statistika dwar il-prospetti approvati u notifikati fl-Unjoni u analiżi tax-xejriet li jqisu t-tipi ta' emittenti, b’mod partikolari l-SMEs, u t-tipi ta’ ħruġ, b’mod partikolari l-konsiderazzjoni tal-offerta, it-tip ta’ titoli trasferibbli, it-tip ta’ post tan-negozjar u d-denominazzjoni.

185. Dan ir-rapport għandu jkun fih b’mod partikolari:

(fffffff) analiżi tal-punt sa fejn ir-reġimi ta’ żvelar stabbiliti fl-Artikoli 14 u 15 u d-dokument tar-reġistrazzjoni universali stabbilit fl-Artikolu 9 qed jintużaw fl-Unjoni kollha;

(ggggggg) statistika dwar prospetti bażi u termini finali, u fuq prospetti mfassla bħala dokumenti separati jew bħala dokument uniku;

(hhhhhhh) statistika dwar l-ammonti medji u globali miġburin permezz ta’ offerta ta’ titoli lill-pubbliku soġġett għal dan ir-Regolament, skont kumpaniji mhux ikkwotati, kumpaniji li t-titoli tagħhom huma nnegozjati fuq faċilitajiet ta’ kummerċ multilaterali, inkluż swieq ta’ tkabbir tal-SMEs, u kumpaniji li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ fis-swieq irregolati. Fejn applikabbli, dawn l-istatistiċi għandhom jipprovdu rendikont dettaljat bejn offerti pubbliċi inizjali u offerti sussegwenti, u bejn titoli ta’ ekwità u mingħajr ekwità.

Artikolu 46
Reviżjoni

Qabel [*daħħal id-data 5 snin wara d-dħul fis-seħħ*] il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta’ dan ir- Regolament, li jkun akkumpanjat fejn meħtieġ bi proposta leġiżlattiva.

Ir-rapport għandu jevalwa, fost affarijiet oħrajn, jekk is-sommarju tal-prospett, ir-reġimi ta’ żvelar stipulati fl-Artikoli 14 u 15 u d-dokument tar-reġistrazzjoni universali stabbiliti fl-Artikolu 9 jibqgħux xierqa fid-dawl tal-għanijiet segwiti tagħhom. Ir-rapport għandu jikkunsidra r-riżultati tar-reviżjoni esperta msemmija fl-Artikolu 19 (12).

Artikolu 47
Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

186. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

187. Dan għandu japplika minn [daħħal id-data 12-il xahar d-dħul fis-seħħ].

188. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex ikunu konformi mal-Artikolu 11, l-Artikolu 19(8), l-Artikolu 29, l-Artikolu 30, l-Artikolu 36, l-Artikolu 37, l-Artikolu 38, l-Artikolu 39, l-Artikolu 40, u l-Artikolu 41 sa [*daħħal id-data 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ*].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

<u>DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA</u>

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

1.4. Objettiv(i)

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.6. Tul taż-żmien u l-impatt finanzjarju

1.7. Metodu/i ta' ġestjoni previst/i

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

2.2. Sistema ta' mmaniġġjar u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u l-irregolaritajiet

3. VALUTAZZJONI TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u tal-intestatura/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

3.2. Valutazzjoni tal-impatt fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.2. Valutazzjoni tal-impatt fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

3.2.3. Valutazzjoni tal-impatt fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali

3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titlu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal "Regolament XXX / XX/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta 'xx / xx / xx dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ"

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB[28]

Qasam ta' politika

Attività

1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

☐ Il-proposta / inizjattiva hija relatata ma' azzjoni ġdida

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata **ma' azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja**[29]

☒ Il-proposta / inizjattiva hija relatata mal-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☐ Il-proposta / inizjattiva hija relatata ma' azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida

1.4. Għan(ijiet)

1.4.1. Għan(ijiet) strateġiku/strateġiċi multiannwali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva

Din l-inizjattiva hija waħda mill-pedamenti tal-inizjattiva tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali. Din il-proposta timmira b'mod partikolari lejn:

(1) it-tnaqqis tal-frammentazzjoni fis-swieq finanzjarji

(2) it-titjib fil-protezzjoni tal-investituri fis-swieq kapitali

1.4.2. Għan(ijiet) speċifiku/iċi u attività/ajiet ABM/ABB ikkonċernati

Nru tal-għan speċifiku

Il-miżuri proposti għandhom

(i) inaqqsu l-piż amministrattiv tat-tfassil ta' prospett, kemm għall-SMEs u għall-emittenti frekwenti ta' titoli;

(ii) jagħmlu l-prospett għodda ta' żvelar aktar rilevanti għall-investituri potenzjali;

(iii) jiksbu aktar konverġenza bejn il-prospett tal-UE u regoli oħra ta' żvelar tal-UE.

Attività/ajiet konċernata/i ABM/ABB

[28] ABM: Ġestjoni bbażata fuq l-Attività – ABB: Ibbaġittjar Ibbażat fuq l-Attività.

[29] Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.4.3. Riżultat(i) u impatt(i) mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.

1. biex jitnaqqas il-piż amministrattiv ta' konformità mad-Direttiva dwar il-Prospett għall-offerenti u l-emittenti;

2. li jagħmlu l-qafas regolatorju għall-prospetti aktar flessibbli u xierqa għat-tipi varji ta' titoli u emittenti koperti, b'mod partikolari għall-SMEs;

4. li jallinjaw aħjar id-Direttiva dwar il-Prospett mal-liġi tal-UE riċenti;

5. li jagħmlu l-iżvelar lill-investituri taħt il-reġim tal-prospett aktar effettiv.

1.4.4. Indikaturi tar-riżultati u tal-impatti

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

- In-numru ta' prospetti approvati taħt ir-reġimi differenti tad-Direttiva dwar il-Prospett u l-ammonti li jiġu ġġenerati;
- is-sehem tal-prospetti ppubblikati mill-SMEs;
- is-sehem tal-investituri bl-imnut fost l-investituri f'offerti pubbliċi inizjali;
- il-likwidità tas-swieq sekondarji;
- l-ispiża tal-preparazzjoni u li jkun hemm prospett approvat meta mqabbla mal-ispejjeż attwali;
- is-sehem tal-prospetti li ġew passaportati fi Stati Membri oħra.

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq medda qasira jew medda twila ta' żmien

1.5.2. Ir-riforma tal-prospett għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-għanijiet tal-CMU li jnaqqsu l-frammentazzjoni fis-swieq finanzjarji, li jiddiversifikaw is-sorsi ta' finanzjament u jsaħħu l-flussi kapitali transkonfinali. Valur miżjud tal-involviment tal-UE

Il-prospett armonizzat tal-UE huwa għodda essenzjali biex jiġu integrati s-swieq kapitali madwar l-Unjoni. Ladarba prospett jiġi approvat mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru taż-ŻEE, dan il-prospett jista' jintuża biex jinġabar kapital permezz ta' offerta pubblika jew ammissjoni għal suq regolat fi Stati Membri oħra. Li l-prospett isir aktar aċċessibbli għall-SMEs u għall-kumpaniji li jkollhom rikors frekwenti għas-swieq kapitali (emittenti frekwenti) tikkostitwixxi pilastru ewlieni sabiex ikun stabbilit CMU.

1.5.3. Tagħlim miksub minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

Id-Direttiva dwar il-Prospett kienet diġà fis-seħħ fl-2010. Il-miżuri meħuda mbagħad kienu mistennija li jiġġeneraw tfaddil. Valutazzjoni tal-funzjonament tad-Direttiva emendata indikat li l-gruppi tal-partijiet interessati, l-emittenti, l-investituri u l-Istati Membri jqisu d-Direttiva bħala strument utli biex titrawwem l-effiċjenza tas-suq u l-integrazzjoni kif ukoll il-protezzjoni tal-investitur. Id-Direttiva ħolqot standard minimu għall-iżvelar u l-approvazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jistgħu jiġu invokati fl-Unjoni kollha. Madankollu, minkejja dawn il-kisbiet pożittivi, il-bidliet kienu ġeneralment inkrimentali u mhux biżżejjed biex jitnaqqas materjalment il-ġbir ta' kapital bl-użu ta' prospett .

1.5.4. *Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti oħrajn rilevanti*

Din ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Prospett hija parti mill-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali adottata fit-30/09/2015. L-azzjonijiet proposti huma mistennija li jirriżultaw f'impatt komprensiv fuq il-likwidità, l-istabbiltà u kemm huma attraenti s-swieq kapitali fl-Unjoni. Peress li hemm ostakli ta' tip differenti fis-swieq, dan ma setax jintlaħaq b'miżura waħda.

1.6. Tul ta' żmien u l-impatt finanzjarju

☐ Proposta/inizjattiva ta' **perjodu limitat**

– ☐ Proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-[JJ/XX]SSSS sal-[JJ/XX]SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju mill-SSSS sa SSSS

☒ Proposta/inizjattiva ta' **perjodu mhux limitat**

– Implimentazzjoni b'perjodu inizjali mill-2017 sal-2019,

– u wara tħaddim fuq skala sħiħa.

1.7. Metodu/i ta' ġestjoni previst/i[30]

☐**Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☐mis-servizzi tagħha, inkluż mill-personal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☒**Ġestjoni indiretta** permezz tad-delega ta' kompiti tal-implimentazzjoni baġitarja lil:

– ☐ pajjiżi terzi jew korpi nnominati minnhom;

– ☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☒ korpi li hemm referenza għalihom fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li huma fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija bejn il-pubbliku l-privat u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk ikun indikat aktar minn metodu wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok agħti d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

30 Id-dettalji tal-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fis-sit tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

L-implimentazzjoni ta’ din l-inizjattiva se timplika lill-ESMA. Ir-riżorsi proposti huma għall-ESMA li hija l-aġenzija regolatorja u mhux aġenzija eżekuttiva. L-ESMA taġixxi taħt is-sorveljanza tal-Kummissjoni.

L-implimentazzjoni tal-miżura se teħtieġ li l-ESMA tiżviluppa soluzzjoni ta’ IT għall-ħażna ta’ prospetti u dokumenti relatati f’forma li tipprovdi lill-utenti aċċess faċli u faċilità ta' tiftix.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-effettività tal-miżuri proposti 5 snin wara li tkun daħlet fis-seħħ il-proposta .

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.2.1. Riskju/i identifikat(i)

Fir-rigward tal-użu legali, ekonomiku, effiċjenti u effettiv tal-approprjazzjonijiet li jirriżultaw mill-proposta huwa mistenni li l-proposta ma ġġib l-ebda riskji ġodda li ma jkunux attwalment koperti minn qafas ta' kontroll intern eżistenti tal-ESMA.

2.2.2. Metodu ta' kontroll previst

Mhux applikabbli

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni eżistenti jew previsti.

Għall-finijiet ta' ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) għandhom japplikaw għall-ESMA mingħajr restrizzjoni.

L-ESMA għandha taderixxi mal-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u għandha tadotta minnufih id-dispożizzjonijiet xierqa għall-personal tal-ESMA.

Id-deċiżjonijiet ta' finanzjament u l-ftehimiet u l-istrumenti ta' implimentazzjoni li jirriżultaw minnhom għandhom jistipulaw b'mod ċar li l-Qorti tal-Awdituri u l-OLAF jistgħu, jekk ikun hemm bżonn, iwettqu verifiki fuq il-post fuq il-benefiċjarji tal-fondi mogħtija mill-ESMA kif ukoll fuq il-personal responsabbli mill-allokazzjoni ta' dawn il-fondi.

3. VALUTAZZJONI TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u tal-intestatura/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Il-linji baġitarji eżistenti

Skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-intestaturi baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali	Linja baġitarja	Tip ta' Nefqa	Kontribut			
	Numru [Intestatura………………………...………… …]	Diff./Mhux -diff.[31]	minn pajjiżi tal-EFTA[32]	minn pajjiżi kandidati[33]	minn pajjiżi terzi	fis-sens tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
1a	12.02.06 l-ESMA	Differenzjata	IVA	IVA	LE	LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-intestaturi baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali	Linja baġitarja	Tip ta' Nefqa	Kontribut			
	Numru [Intestatura……………M/A………………… ………]	Diff./Mhux -diff.	minn pajjiżi tal-EFTA	minn pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	fis-sens tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	[XX.YY.YY.YY]		IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

31 Diff:= Approprjazzjonijiet differenzjati/Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
32 L-EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
33 Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Punent tal-Balkani.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

[Din it-taqsima għandha timtela bl-użu ta’ ***spreadsheet* dwar id-dejta tal-baġit ta’ natura amministrattiva** (it-tieni dokument fl-Anness għal din id-dikjarazzjoni finanzjarja) u mtella’ fuq is-CISNET għal skopijiet ta’ konsultazzjoni bejn is-servizzi.]

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali	Numru	[Intestatura………………...………………………………………………………………….]

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali	Numru	[Intestatura: 1a]

[Korp]: ESMA			Is-sena: **N[34]: 2016**	Is-sena: **N+1: 2017**	Is-sena: **N+2: 2018**	Is-sena: **N+3: 2019**	Daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTAL[35]**
Titolu 1	Impenji	(1)	0.362	1.078	0.924	0.200	…	…	**…**	**2.564**
	Pagamenti	(2)	0.362	1.078	0.924	0.200	…	…	**…**	**2.564**
Titolu 2	Impenji	(1a)	0	0.600	0.600	0.120	…	…	**…**	**1.320**
	Pagamenti	(2a)	0	0.600	0.600	0.120	…	…	**…**	**1.320**
Titolu 3	Impenji	(3a)								
	Pagamenti	(3b)								
Approprjazzjonijiet TOTALI for l-ESMA	Impenji	=1+1a +3a	0.362	1.678	1.524	0.320	…	…	**…**	**3.884**
	Pagamenti	=2+2a +3b	0.362	1.678	1.524	0.320	…	…	**…**	**3.884**

34 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

35 Il-TOTAL jkopri l-fażi ta' implimentazzjoni u l-ewwel sena wara. Dan ma jkoprix is-snin ta’ wara li fihom l-approprjazzjonijiet ikunu l-istess għall-2019 peress li dan il-perjodu ta' żmien mhux limitat u għalhekk ma jistgħux jingħaddu flimkien.

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali	5	"Nefqa amministrattiva"

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

		Is-sena: **N**	Is-sena: **N+1**	Is-sena: **N+2**	Is-sena: **N+3**	Daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6)			**AMMONT TOTALI**
DĠ: <…….>									
• Riżorsi umani									
• Infiq amministrattiv ieħor									
TOTAL tad-DĠ <…….>	Approprjazzjonijiet								

Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTAURA 5 tal-qafas finazjarju multiannwali	(Total tal-impenji = Total tal-pagamenti)	mhux applikabbli							

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

		Is-sena: **N[36]: 2016**	Is-sena: **N+1: 2017**	Is-sena: **N+2: 2018**	Is-sena: **N+3: 2019**	Daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTAL[37]**
AMMONT TOTALI tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali	Impenji	0.362	1.678	1.524	0.320	…	…	**…**	**3.884**
	Pagamenti	0.362	1.678	1.524	0.320	…	…	**…**	**3.884**

[36] Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

[37] Il-TOTAL jkopri l-fażi ta' implimentazzjoni u l-ewwel sena wara. Dan ma jkoprix is-snin ta’ wara li fihom l-approprjazzjonijiet ikunu l-istess għall-2019 peress li dan il-perjodu ta' żmien mhux limitat u għalhekk ma jistgħux jingħaddu flimkien.

3.2.2. *L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet tal-ESMA*

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet għall-impenji f'miljuni ta' EUR (sat-tielet punt deċimali)

Indika l-għanijiet u r-riżultati			Sena **N: 2016**		Sena **N+1: 2017**		Sena **N+2: 2018**		Sena **N+3: 2019**		Daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6)						**AMMONT TOTALI**	
	IR-RIŻULTATI																	
⇩	Tip[38]	Nefqa medja	Le	Nefqa	Le	Nefqa	Le	Nefqa	Le	Nefqa	Le	Nefqa	Le	Nefqa	Le	Nefqa	Nru totali	Nefqa totali
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 1[39]…																		
Riżultat																		
Riżultat																		
Riżultat																		
Subtotal għall-għan speċifiku Nru 1																		
GĦAN SPEĊIFIKU NRU 2 ...																		
Riżultat																		
Subtotal għall-għan speċifiku Nru 2																		
KOST TOTALI																		

[38] Ir-riżultati huma prodotti u servizzi li għandhom jiġu pprovduti (eż.: għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

[39] Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Għan/ijiet speċifiku/speċifiċi …".

3.2.3. *Impatt stmat fuq ir-riżorsi umani [tal-korp]*

3.2.3.1. Ġabra fil-qosor

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiġx l-użu ta’ approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

ESMA	Is-sena: N[40]: **2016**	Is-sena: **N+1: 2017**	Is-sena: **N+2: 2018**	Is-sena: **N+3: 2019**	Daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTAL**[41]
Uffiċjali (Gradi AD)								
Uffiċjali (Gradi AST)								
Personal b’kuntratt	1	7	6	1.3	…	…	**…**	**15.3**
Personal temporanju								
Esperti Nazzjonali Sekondati								
AMMONT TOTALI	1	7	6	1.3	…	…	**…**	**15.3**

Jekk jogħġbok indika d-data tar-reklutaġġ ppjanat u adatta l-ammont xieraq (jekk ir-reklutaġġ iseħħ f'Lulju, 50% biss tal-ispiża medja tiġi kkunsidrata) u agħti iktar spjegazzjonijiet f'anness.

40 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

41 Il-TOTAL jkopri l-fażi ta' implimentazzjoni u l-ewwel sena wara. Dan ma jkoprix is-snin ta’ wara li fihom l-approprjazzjonijiet ikunu l-istess għall-2019 peress li dan il-perjodu ta' żmien mhux limitat u għalhekk ma jistgħux jingħaddu flimkien.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati tar-riżorsi umani għad-DĠ prinċipali

– ☒ Il-proposta/inizjattiva ma teħtiġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima għandha tingħata f'ammonti sħaħ (jew l-iżjed f'ammont b'ċifra waħda biss wara l-punt deċimali)

	Is-sena: **N**	Is-sena: **N+1**	Sena N+2	Sena n+3	Daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
• **Postijiet tal-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u personal temporanju)**							
XX 01 01 01 (Kwartieri ġenerali u l-Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)							
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)							
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)							
10 01 05 01 (Riċerka diretta)							
• **Personal estern (f'unità ekwivalenti ta' *Full Time*: FTE)**[42]							
XX 01 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali")							
XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JED fid-delegazzjonijiet)							
XX 01 04 *ss*[43] - fil-Kwartieri Ġenerali[44]							
XX 01 04 *ss*[43] fid-Delegazzjonijiet							
XX 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta)							
10 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka diretta)							
Intestaturi baġitarji oħra (speċifika)							
AMMONT TOTALI							

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu tal-baġit ikkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jintlaħqu mill-uffiċjali tad-DĠ li huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà ngħataw kariga band'oħra fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' xi allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ li jkun qed imexxi l-azzjoni skont il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u personal temporanju	
Personal estern	

42 AC= Aġenti Kuntrattwali; AL = Personal Lokali; END= Espert Nazzjonali Sekondat; INT= personal tal-aġenzija; JED = esperti żagħżagħ fid-delegazzjonijiet.

43 Sottolimitu massimu għall-personal estern kopert mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (linji "BA" preċedenti).

44 Essenzjalment għall-Fondi Strutturali, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Ewropew għas-Sajd (FES).

Id-deskrizzjoni tal-kalkolu tal-ispiża għall-unità ta' FTE għandha tiġi inkluża fl-Anness V, taqsima 3.

3.2.4. *Kompatibilità mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali kurrenti.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ser teħtieġ programmar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega xi programmazzjoni mill-ġdid hija meħtieġa, billi tispeċifika l-linji baġitarji konċernati u l-ammonti korrispondenti. […]

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju multiannwali[45].

Spjega dak li huwa meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-intestaturi baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. L-ispejjeż relatati mal-kompiti li għandhom jitwettqu mill-ESMA ġew stmati għan-nefqa tal-personal f'konformità mal-klassifikazzjoni tal-ispiża fl-abbozz tal-baġit tal-ESA għall-2015. L-ESMA se jkollha tiżviluppa u żżomm soluzzjoni ta' IT għall-ħażna tal-prospetti u d-dokumenti relatati f'forma li tipprovdi lill-utenti b'aċċess faċli u faċilità ta' tiftix. L-iżvilupp tas-soluzzjoni huwa mistenni għall-bidu tal-2017 u li jintemm fl-2018. Barra minn hekk, l-ESMA se jkollha tippubblika kull sena rapport li jkun fih statistika dwar il-prospetti approvati u notifikati fl-Unjoni u analiżi tat-tendenzi li jqisu t-tipi ta' emittenti u ħruġ. Il-proposta tal-Kummissjoni tinkludi wkoll dispożizzjonijiet għall-ESMA biex tiżviluppa numru ta' standards regolatorji tekniċi (RTS). Jekk wieħed jassumi li r-Regolament propost jiġi adottat mill-koleġiżlaturi sal-aħħar tal 2016, ix-xogħol tal-ESMA fuq l-STR sseħħ fl-2017. Kompetenzi ġodda ta' sorveljanza mhux se jiġu assenjati lill-ESMA, iżda se tkun mitluba li tippromwovi aktar kooperazzjoni superviżorja u l-konverġenza fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-Direttiva/Regolament tal-Prospetti.

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

– Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprovdix għal kofinanzjament minn partijiet terzi.

– Il-proposta/l-inizjattiva tipprovdi għall-kofinanzjament stmat hawn taħt:

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

[45] Ara l-Artikoli 11 u 17 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2014-2020.

	Is-sena: **N**	Is-sena: **N+1**	Is-sena: **N+2**	Is-sena: **N+3**	Daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6)			It-total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati								

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva m’għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ fuq ir-riżorsi proprji

– ☐ fuq dħul mixxellanju

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

L-intestatura tad-dħul baġitarju:	Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti	Impatt tal-proposta/inizjattiva[46]						
		Is-sena: **N**	Is-sena: **N+1**	Is-sena: **N+2**	Is-sena: **N+3**	Daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
Artikolu………….								

Għal dħul mixxellanju “assenjat”, speċifika l-intestatura/i tan-nefqa tal-baġit affettwata/i.

[…]

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

[…]

[46] Fir-rigward ta’ riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, dazji fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara tnaqqis ta’ 25% għal-ispiża tal-ġbir.

Anness għad-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva għal proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prospett li jrid jiġi ppubblikat meta titoli jkunu offruti lill-pubbliku jew ammessi għan-negozju

L-ispejjeż relatati mal-kompiti li għandhom jitwettqu mill-ESMA ġew stmati għan-nefqa tal-personal f'konformità mal-klassifikazzjoni tal-ispiża fl-abbozz tal-baġit tal-ESA għall-2015. Il-proposta tal-Kummissjoni tinkludi dispożizzjonijiet għall-ESMA biex **tiżviluppa numru ta' standards tekniċi regolatorji u implimentattivi**.

Artikolu	It-tip ta' awtorizzazzjoni	Il-forma ta' awtorizzazzjoni	L-għan ta' awtorizzazzjoni
7(11)	**STR**	irid	Il-kontenut u l-format għall-preżentazzjoni tal-informazzjoni finanzjarja prinċipali storika tas-sommarju, filwaqt li jitqiesu d-diversi tipi ta' titoli u l-emittenti
18(4)	**STR**	jista'	jaġġorna l-lista msemmija fl-Artikolu 18 (1) billi jinkludi tipi addizzjonali ta' dokumenti meħtieġa taħt il-liġi tal-Unjoni li jkunu magħmula jew approvati minn awtorità pubblika
20(11)	**STR**	jista'	jispeċifika d-dispożizzjonijiet relatati mal-pubblikazzjoni tal-prospett
20(12)	**STR**	għandu	jispeċifika d-dejta meħtieġa għall-klassifikazzjoni tal-prospetti msemmija fl-Artikolu 20 (5).
22(6)	**STR**	għandu	jispeċifika sitwazzjonijiet fejn fattur ġdid sinjifikanti, żball jew ineżattezza materjali marbuta mal-informazzjoni inkluża fil-prospett teħtieġ suppliment għall-prospett li għandu jiġi ppubblikat
24(6)	**ITS**	jista'	jistabbilixxi l-formoli, mudelli u proċeduri bażiċi għan-notifikazzjoni taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni, il-prospett, is-suppliment tal-prospett u t-traduzzjoni tal-prospett u/jew is-sommarju
28(2)	**STR**	jista'	Jiddefinixxi mudell ta' dokumenti għal arranġamenti ta' kooperazzjoni li għandhom jintużaw mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fejn possibbli
29(6)	**STR**	jista'	Jispeċifika l-informazzjoni meħtieġ fl-Art. 29(1) (obbligu għall-kooperazzjoni)
31(6)	**STR**	jista'	Jispeċifika l-informazzjoni li għandha tiġi skambjata bejn l-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 31 (1)
31(7)	**ITS**	jista'	Jistabbilixxi formoli, mudelli u proċeduri standard għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti
32(3)	**ITS**	jista'	Jistabbilixxi l-proċeduri u forom ta' skambju ta' informazzjoni kif

			imsemmi fil-paragrafu 2 (kooperazzjoni mal-ESMA)

Barra minn hekk, l-ESMA se jkollha taġġorna r-reġistru tal-prospett eżistenti tagħha u tittrasformah f'mekkaniżmu ta' ħażna onlajn ma' għodda ta' tiftix li l-investituri jistgħu jużaw mingħajr ħlas. Dan se jippermetti lill-investituri biex jaċċessaw u jqabblu l-prospetti tal-UE minn post wieħed. Barra minn hekk, id-dejta miġbura fil-mekkaniżmu ta' ħażna se tippermetti lill-ESMA biex tistabbilixxi **statistika dettaljata** fuq il-prospetti approvati fl-UE u tfassal rapport annwali. Kull meta l-awtoritajiet kompetenti jibagħtu lill-ESMA l-verżjoni elettronika tal-prospetti approvati, dawn se jkollhom ukoll jibagħtu sett ta' metadejta li għandha jippermetti l-indiċjar tal-prospetti fuq il-websajt tal-ESMA.

Kompetenzi ġodda ta' sorveljanza mhux se jiġu assenjati lill-ESMA, iżda se tkun mitluba li **tippromwovi aktar kooperazzjoni superviżorja u l-konverġenza fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tal-kriterji tal-STS** (ara l-kapitolu 3). Dan l-għan huwa essenzjali peress li ser jevita frammentazzjoni tas-suq tat-titolizzazzjonijiet fi ħdan l-UE.

Rigward l-iskedar, ġie preżunt li r-Regolament se jidħol fis-seħħ f'nofs l-2016. Ir-riżorsi addizzjonali tal-ESMA huma għalhekk meħtieġa mill-2016 biex jibdew ix-xogħlijiet preparatorji u biex ir-Regolament ikun implimentat bla xkiel. Fir-rigward tan-natura tal-pożizzjonijiet, il-tlestija b'suċċess u f'waqtha tal-istandards tekniċi se teħtieġ, b'mod partikolari, ir-riżorsi addizzjonali li għandhom jiġu allokati għal kompiti fuq il-politika, l-abbozzar legali u l-valutazzjoni tal-impatt.

Il-ħidma tirrikjedi laqgħat bilaterali u multilaterali ma' partijiet interessati, analiżi u valutazzjoni tal-għażliet u l-abbozzar ta' dokumenti ta' konsultazzjoni, konsultazzjoni pubblika mal-partijiet ikkonċernati, it-twaqqif u l-maniġment ta' gruppi ta' esperti permanenti magħmul minn superviżuri mill-Istati Membri, it-twaqqif u l-maniġment ta' gruppi ta' esperti *ad hoc* magħmula minn parteċipanti fis-suq u rappreżentanti tal-investituri, analiżi tar-risposti għal konsultazzjonijiet, abbozzar ta' analiżi ta' spejjeż/benefiċċji u l-abbozzar tat-test legali.

Dan ifisser li aġent temporanju addizzjonali wieħed huwa meħtieġ mill-bidu tal-2016. Huwa preżunt li din iż-żjieda se tinżamm fl-2017 u l-2018 peress li l-ESMA se jkollha twettaq kompiti ġodda. Dawn il-kompiti ġodda huma stabbiliti fir-Regolament propost u spjegati aktar fil-memorandum ta' spjegazzjoni.

Suppożizzjoni dwar riżorsi addizzjonali:

Il-postijiet addizzjonali huma preżunti li jkunu aġenti temporanji tal-grupp funzjonali u grad AD7.

- L-ispejjeż medji tas-salarji għall-kategoriji differenti ta' personal huma bbażati fuq il-gwida tad-DĠ BUDG għar-Regolament dwar titolizzazzjoni adottat mill-Kulleġġ fit-30.09.15;
- Il-koeffiċjent ta' korrezzjoni tas-salarji għal Pariġi huwa ta' 1,168.

- Spejjeż relatati mar-reklutaġġ (vjaġġi, lukanda, eżamijiet mediċi, stallazzjoni u perkaċċi oħrajn, spejjeż tal-ġarr, eċċ) stmati li huma ta' EUR 12 700.

Personal

Tip ta' spiża	Kalkolu	Ammont (f'eluf)				
		2016	**2017**	**2018**	**2019 'il quddiem**	**It-total**
Nefqa fuq il-personal		**1**x 132x1.168	**7**x 132 x1.168	**6**x 132 x1.168	**1.3**x 132 x1.168	
Salarji u allowances	**X** x 132 x 1.168	154	1,078	924	200	2,356
Nefqa relatata mar-reklutaġġ	16x13	208				208
It-total		362	1,078	924	200	2,564

Spejjeż tekniċi (IT)

Tip ta' spiża	Kalkolu	Ammont (f'eluf)				
		2016	**2017**	**2018**	**2019 'il quddiem**	**Total**
Total		-	600	600	120	1,320